MILL-KONFLITT GĦALL-KOMUNJONI

Il-Kommemorazzjoni Komuni
Luterana-Kattolika tar-Riforma
fl-2017

Il-Federazzjoni Luterana Dinjija
u
l-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Għaqda fost l-Insara

Traduzzjoni ta' Patri Silvestru Bonavia O.F.M. Kapp.

Pubblikazzjoni tal-Kummissjoni Ekumenika
tal-Arċidjoċesi ta' Malta
2017

WERREJ

Preżentazzjoni tat-Traduzzjoni Maltija

Kelmtejn qabel

	paragrafi
Daħla	1-3
Kap 1 It-Tifkira tar-Riforma f'Era Ekumenika Globali	**4-15**
Kif ġew iċċelebrati t-tifkiriet imgħoddija	5-6
L-ewwel tifkira ekumenika	7-9
It-tifkira f'kuntest ġdid, globali u sekularizzat	10-12
Sfidi ġodda għat-tifkira tal-2017	13-15
Kap 2 Perspettivi Ġodda dwar Martinu Luteru u r-Riforma	**16-34**
Is-sehem tat-tiftix storiku dwar iż-Żminijiet tan-Nofs	18-20
Ir-riċerka storika Kattolika tas-seklu 20 dwar Luteru	21-23
Proġetti ekumeniċi li ħejjew it-triq għal kunsens	24-25
Żviluppi Kattoliċi	26-30
Żviluppi Luterani	31
L-importanza tad-djalogi ekumeniċi	32-34
Kap 3 Stampa Storika tar-Riforma Luterana u tat-Tweġiba Kattolika	**35-90**
X'nifhmu b'Riforma?	36-39
Il-kawża li xegħlet ir-Riforma: il-kontroversja dwar l-indulġenzi	40-42
Il-proċess lil Luteru	43-47
Laqgħat mingħajr ebda riżultat	48-49
Il-kundanna ta' Martinu Luteru	50-51
L-awtorità tal-Iskrittura	52-53
Luteru f'Worms	54-57
Bidu tal-moviment tar-Riforma	58-59
Ħtieġa ta' superviżjoni	60-61

L-Iskrittura mwassla lill-poplu 62-68
Katekiżmi u innijiet 63-65
"Pastors" għall-parroċċi 66-68
Tentattivi teoloġiċi biex ikun mirbuħ il-konflitt reliġjuż 69-73
Il-Gwerra tar-Reliġjon u l-Paċi ta' Augsburg 74-77
Il-Konċilju ta' Trentu 78-79
L-Iskrittura u t-Tradizzjoni 80-81
Il-ġustifikazzjoni 82
Is-sagramenti 83-86
Riformi pastorali 87
Il-konsegwenzi 88-89
Il-Konċilju Vatikan it-Tieni 90

Kap 4 Temi Fundamentali tat-Teoloġija ta' Martinu Luteru fid-dawl tad-Djalogi Luterani-Kattoliċi Rumani 91-218

Kif hu mqassam dan il-kapitlu 94-97
Il-wirt medjevali ta' Martinu Luteru 98
It-teoloġija monastika u mistika 99-101
Il-ġustifikazzjoni 102
Il-Kelma t'Alla bħala wegħda 103-106
Bi Kristu waħdu 107-108
Importanza tal-liġi 109-111
Is-sehem fil-ġustizzja ta' Kristu 112-113
Liġi u Evanġelju 114-118
Preokkupazzjonijiet Kattoliċi dwar il-ġustifikazzjoni 119-121
Id-djalogu bejn il-Luterani u l-Kattoliċi dwar il-ġustifikazzjoni 122-123
Bil-grazzja biss 124-129
Il-fidi u l-opri tajba 130-134
Ġust u midneb fl-istess waqt 135-139
L-Ewkaristija 140-141
Il-preżenza reali ta' Kristu 142-145
Is-sagrifiċċju Ewkaristiku 146-148
Tħassib kattoliku dwar l-Ewkaristija 149-152
Id-djalogu Luteran-Kattoliku dwar l-Ewkaristija 153
Għarfien komuni tal-preżenza reali ta' Kristu 154-156
Konverġenza fil-għarfien tas-sagrifiċċju Ewkaristiku 157-159
It-tqarbin biż-żewġ speċi u l-uffiċċju tal-ministeru tal-Ewkaristija 160-161
Il-ministeru 162-165
It-twaqqif divin tal-ministeru 166-169
L-uffiċċju tal-isqof 170-172
Tħassib Kattoliku dwar is-saċerdozju komuni u dwar l-ordinazzjoni 173-175

Id-djalogu Luteran-Kattoliku dwar il-ministeru 176
Ideat komuni dwar il-ministeru 177
L-oriġini divina tal-ministeru 178
Il-ministeru tal-Kelma u tas-Sagrament 179-182
Ir-rit tal-ordinazzjoni 183
Il-ministeru lokali u reġjonali 184
Appostoliċità 185
Il-qadi lill-Knisja Universali 186
Differenzi kif jiftiehem il-ministeru
L-episkopat 187-189
Is-saċerdozju 190
Il-milja tas-sinjali sagramentali 191
Il-ministeru universali 192
Konsiderazzjonijiet 193-194
L-Iskrittura u t-Tradizzjoni 195-218
Il-fehma ta' Luteru dwar l-Iskrittura, l-interpretazzjoni tagħha u t-tradizzjonijiet tal-bnedmin 195-200
Tħassib Kattoliku dwar l-Iskrittura, tradizzjonijiet u awtorità 201-205
Id-djalogu Kattoliku-Luteran dwar l-Iskrittura u t-Tradizzjoni 206-208
L-Iskrittura u t-Tradizzjoni 209-210
Inħarsu 'l quddiem: L-Evanġelju u l-Knisja 211-218
Il-Knisja fit-Tradizzjoni Luterana 213
Il-Knisja fit-Tradizzjoni Kattolika 214-215
Lejn kunsens 216-218

Kap 5 Imsejħin għal Tifkira Flimkien 219-237

Il-Magħmudija: Il-bażi tal-għaqda u tat-tifkira flimkien 219-222
Tħejjija għat-Tifkira 223-224
Il-ferħ fl-Evanġelju maqsum mal-oħrajn 225-227
Raġunijiet ta' dispjaċir u lment 228-229
It-talba għall-għaqda 230
Niżnu l-imgħoddi 231-233
Stqarrija Kattolika tal-ħtijiet kontra l-unità 234-235
Stqarrija Luterana tal-ħtijiet kontra l-unità 236-237

Kap 6 Ħames Ħwejjeġ Ekumeniċi Meħtieġa b'Urġenza 238-245

Kliem imqassar

Kummissjoni Luterana-Kattolika Rumana
Stqarrijiet Flimkien
L-I Fażi (1967-1972)
It-II Fażi (1973-1984)
It-III Fażi (1986-1993)
Ir-IV Fażi (1995-2006)

Membri tal-Kummissjoni Luterana-Kattolika Rumana dwar l-Unità

Luterani

Membri
Konsulturi
Staff

Kattoliċi Rumani

Membri
Konsulturi
Staff

Noti għat-Test tad-Dokument

Appendiċi
Omelija ta' Papa Franġisku waqt Talb Ekumeniku Komuni
fil-Katidral ta' Lund, fl-Iżvezja, 31 ta' Ottubru 2016

Preżentazzjoni tat-Traduzzjoni Maltija

Huwa mhux biss pjaċir kbir tiegħi, imma b'sens qawwi ta' radd il-ħajr lil Alla u ta' sodisfazzjoni personali li qed nikteb dawn il-kelmtejn biex formalment nippreżenta t-traduzzjoni Maltija tad-dokument *Mill-Konflitt għall-Komunjoni*. Huwa doveruż li, f'isem il-Kummissjoni Ekumenika tal-Arċidjoċesi ta' Malta, inrodd ħajr lill-għażiż Patri Silvestru Bonavia, Kapuċċin, li mhux biss ħareġ bl-inizjattiva ta' din it-traduzzjoni, imma kien hu stess li medd għonqu għall-ħidma twila, paċenzjuża u metikoluża li jaqleb għall-ilsien Malti dan id-dokument straordinarju, pożittiv u sabiħ. Nirringrazzja wkoll lil kull min ta sehmu biex l-ortografija tkun preċiża kemm jista' jkun.

Għalkemm dan id-dokument deher għall-ewwel darba fl-ilsna prinċipali fl-2013, ir-rilevanza tiegħu kienet mhux biss fit-tħejjija għall-ħames ċentinarju mill-bidu tar-Riforma, imma wkoll fil-kommemorazzjoni nfisha tal-ġrajjiet li effettivament bdew nhar il-31 ta' Ottubru 1517, ġewwa l-belt universitarja ta' Wittenberg. Qiegħed joqrob il-jum li fih jiġu mfakkra l-ħames mitt sena tal-ġrajjiet li ġabu firda kbira fil-Knisja u fis-soċjetà. Huwa dover tagħna bħala aħwa Nsara, Kattoliċi u Luterani, li nitolbu maħfra lil Alla għall-firdiet li ġabu missirijietna, partikularment fil-qalba tal-Ewropa ta' dak iż-żmien. Imma huwa wkoll dover tagħna li nifhmu aħjar il-pożizzjoni ta' Luteru u tal-Knisja Kattolika fid-dibattitu jaħraq li qam fis-seklu 16. Fl-aħħar ħamsin sena, sirna aktar konxji ta' dak li naqblu fuqu, filwaqt li nistqarru li għad hemm aspetti ta' diverġenza.

Id-dokument *Mill-Kunflitt għall-Komunjoni* huwa l-frott tal-ħidma twila tal-Kummissjoni konġunta magħmula minn rappreżentanti Kattolici u Luterani. Il-ħidma minnha nfisha u l-esperjenza li għaddew minnha dawn l-aħwa tagħna kienet mixja ekumenika.

Huwa wkoll sinifikattiv li ngħidu li l-ewwel dokument konġunt Luteran-Kattoliku, *The Gospel and the Church* (1972), magħruf bħala *The Malta Report*, huwa l-frott tal-ewwel fażi tad-djalogu bilaterali Luteran-Kattoliku (1967-1972) li beda ħamsin sena ilu f'pajjiżna.

Nifirħu, mhux biss għax id-dokument li issa għandna f'idejna, *Mill-Konflitt għall-Komunjoni*, huwa tradott għall-ilsien Malti, imma wkoll għax għandna għodda oħra f'idejna li tkompli tgħinna fil-mixja ekumenika tagħna. Hekk, nimxu aktar qrib lejn l-ideal li esprima Sidna Ġesù Kristu, awl il-Passjoni tiegħu: *li nkunu lkoll ħaġa waħda, biex id-dinja temmen* (ara Ġw 17,20-21).

Dun Hector Scerri
President, Kummissjoni Ekumenika
29 ta' Settembru 2017
Festa tal-Arkanġli Mikiel, Gabrijel u Rafel

Kelmtejn qabel

Il-kumbattiment li kellu Martinu Luteru m'Alla mexxa u mmarka l-ħajja tiegħu kollha. Il-mistoqsija: Kif nista' jien insib Alla ħanin? ħabbtitu bla waqfien. Huwa sab 'l Alla ħanin fl-Evanġelju ta' Ġesù Kristu. "It-teoloġija vera u l-għarfien ta' Alla huma fi Kristu Msallab" (*Heidelberg Disputation*).

Fl-2017, l-Insara Kattoliċi u Luterani jħarsu lura, kif huwa ħafna xieraq, lejn il-ġrajjiet li seħħu 500 sena qabel billi jqegħdu fiċ-ċentru l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu. L-Evanġelju għandu jiġi ċċelebrat u mfakkar lin-nies ta' żmienna biex id-dinja temmen li Alla jagħti lilu nnifsu lill-bnedmin u jsejħilna biex nidħlu f'komunjoni miegħu u mal-Knisja tiegħu. Dan huwa l-għajn tal-ferħ tagħna fil-fidi komuni tagħna.

Dan il-ferħ joħroġ ukoll minn ħarsa kritika b'mod rigoruż lejna nfusna: mhux biss lejn l-istorja tal-imgħoddi tagħna imma wkoll lejn il-preżent. Ċertament aħna l-Insara mhux dejjem konna fidili għall-Evanġelju. Ħafna drabi aħna kkonformajna ruħna mal-mentalità u l-imġiba tad-dinja ta' madwarna. B'modi ripetuti aħna fixkilna l-Aħbar it-Tajba tal-ħniena t'Alla.

Kemm bħala individwi kif ukoll bħala komunità ta' nies li jemmnu, ilkoll kemm aħna neħtieġu l-ħin kollu li nindmu u nirriformaw irwieħna, imsaħħin u mmexxijin mill-Ispirtu s-Santu. "Meta l-Mulej u l-Imgħallem tagħna Ġesù Kristu qal: "Agħmlu penitenza", huwa ried li l-ħajja kollha ta' dawk li jemmnu tkun waħda ta' penitenza". Din kienet l-ewwel waħda mill-95 sentenza ta' Luteru li fl-1517 xegħlu b'mod qawwi l-moviment tar-Riforma.

Għalkemm din is-sentenza llum hija aktar minn ċara, aħna l-Insara Luterani u Kattoliċi rridu neħduha bis-serjetà filwaqt li nixħtu ħarsitna l-ewwel fuqna nfusna u mhux wieħed fuq l-ieħor. Aħna nieħdu d-duttrina tal-ġustifikazzjoni bħala r-regola li tmexxina; din tesprimi l-messaġġ tal-Evanġelju u għalhekk "bla waqfien tmexxi lejn Kristu t-tagħlim kollu u l-prattika kollha tal-Knisja" (JDDJ, 18).

Il-għaqda tassew tal-Knisja tista' teżisti biss bħala għaqda fil-verità tal-Evanġelju ta' Ġesù Kristu. Il-fatt li l-ġlieda għal din il-verità fis-seklu sittax wasslet għat-telfa tal-għaqda fil-Kristjaneżmu tal-Punent huwa waħda mill-paġni mdallma tal-istorja tal-Knisja. Fl-2017, għandna nistqarru bil-miftuħ quddiem Kristu li aħna ħatjin li kissirna l-għaqda tal-Knisja. Din is-Sena tal-Ġublew tqegħdilna quddiemna żewġ sfidi: li nnaddfu u ndewwu l-memorji, u li nibnu mill-ġdid l-għaqda tal-insara skont il-verità tal-Evanġelju ta' Ġesù Kristu (Ef 4,4-6).

It-test li ġej juri triq "mill-konflitt għall-komunjoni", triq li għad ma wasalniex fi tmiemha. Madankollu, il-Kummissjoni Luterana-Kattolika għall-Unità ħadet bis-serjetà kollha l-kliem tal-Papa Ġwanni XXIII: "Dak li jgħaqqadna huwa aktar minn dak li jifridna".

Aħna nistiednu l-Insara kollha jistudjaw r-rapport tal-Kummissjoni tagħna b'moħħ miftuħ u bi spirtu kritiku, u nimxu flimkien lejn komunjoni aktar profonda tal-Insara kollha.

Karlheinz Diez

Isqof Awżiljarju ta' Fulda
(f'isem il-viċi ċermen Kattoliku)

Eero Houvinen

Isqof Emeritu ta' Helsinki
Ċermen Luteran

Daħla

1. Fl-2017, L-Insara Luterani u Kattoliċi jfakkru flimkien il-ħames ċentinarju tal-bidu tar-Riforma. Illum bejn il-Luterani u l-Kattoliċi qegħdin jikbru l-ftehim, il-ħidma flimkien u r-rispett reċiproku. It-tnejn waslu biex jagħrfu li dak li jgħaqqadhom huwa aktar minn dak li jifridhom: fuq kollox il-fidi komuni f'Alla Wieħed u Trinità u r-rivelazzjoni f'Ġesù Kristu, kif ukoll il-għarfien tal-veritajiet fundamentali tad-duttrina tal-ġustifikazzjoni.

2. Diġà l-450 anniversarju tal-Konfessjoni Awgustana fl-1980 tat, kemm lill-Luterani kif ukoll lill-Kattoliċi, l-opportunità li jfasslu tagħrif flimkien tal-veritajiet li fuqhom hija mibnija l-fidi, filwaqt li juru 'l Ġesù Kristu bħala ċ-ċentru ħaj tal-fidi tagħna nisranija[1]. Fid-djalogu dinji bejn Kattoliċi Rumani u Luterani fl-1983, fl-okkażjoni tal-ħames ċentinarju tat-twelid ta' Martinu Luteru, stqarrew flimkien għadd ta' preokkupazzjonijiet li għal Luteru kienu essenzjali. Ir-rapport tal-Kummissjoni għarfitu bħala "Xhud ta' Ġesù Kristu" u stqarret li "l-insara, kemm jekk Protestanti jew Kattoliċi, ma jistgħux ma jagħtux kas tal-persuna u tal-messaġġ ta' dan il-bniedem"[2].

3. Is-sena 2017 se tħeġġeġ Kattoliċi u Luterani jiddiskutu fi djalogu l-problemi u l-konsegwenzi tar-Riforma ta' Wittenberg, li kienet imsawra fuq il-persuna u l-ħsieb ta' Martinu Luteru, u biex ifasslu proposti għat-tifkira tar-Riforma u kif ngħixuha llum. Il-programm ta' riforma ta' Luteru joffrielna sfida spiritwali u teoloġika kemm għall-Kattoliċi kif ukoll għal-Luterani tal-lum.

Kap 1

It-Tifkira tar-Riforma f'era ekumenika globali

4. Kull tifkira għandha kuntest proprju għaliha. Illum, dan il-kuntest fih tliet sfidi ewlenin li joffrulna xi opportunitajiet kif ukoll responsabbiltajiet. 1) Din it-tifkira hija l-ewwel waħda li qed issir f'epoka ekumenika. It-tifkira flimkien, għalhekk, hija okkażjoni biex nidħlu aktar fil-fond tal-komunjoni bejn Kattoliċi u Luterani. 2) Hija l-ewwel tifkira li qed isseħħ f'epoka ta' globalizzazzjoni. Għalhekk, it-tifkira flimkien għandha tiġbor fiha l-esperjenzi u l-prospettivi tal-Insara tan-Nofsinhar u tat-Tramuntana tad-dinja, tal-Lvant u tal-Punent. 3) Hija l-ewwel tifkira li jeħtiġilha tagħraf il-ħtieġa tal-evanġelizzazzjoni ġdida fi żmien li huwa mmarkat kemm bit-tixrid ta' movimenti reliġjużi ġodda u, fl-istess waqt, il-firxa kbira tas-sekularizzazzjoni f'ħafna postijiet tad-dinja. Għalhekk, it-tifkira komuni toffrielna l-opportunità u l-obbligu li nagħtu xhieda komuni tal-fidi.

Kif ġew iċċelebrati t-tifkiriet imgħoddija

5. Id-data tal-31 t'Ottubru, 1517, minn żmien bikri, saret simbolu tar-Riforma Protestanta tas-seklu XVI. U sal-lum, ħafna Knejjes Luterani jfakkru l-jum tal-31 t'Ottubru ta' kull sena l-fatt magħruf bħala "Ir-Riforma". Iċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentenarji tar-Riforma kienu saru bil-kbir u b'ton ta' festa. Matul dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, il-pożizzjonijiet tal-gruppi differenti konfessjonali kienu b'mod speċjali jidhru kuntrarji għal xulxin. Għal-Luterani, dawk il-jiem ta' tifkira u ċ-ċentinarji kienu okkażjoni biex jirrakkuntaw għal darb'oħra l-istorja tal-bidu tal-karatteristika – "evanġelika" – tal-knisja tagħhom biex jiġġustifikaw l-eżistenza distintiva tagħhom. Dan kien naturalment marbut ma' kritika mill-Knisja Kattolika Rumana. Min-naħa l-oħra, il-Kattoliċi kienu jisfruttaw dawn l-okkażjonijiet biex jakkużaw il-Luterani li kienu qanqlu firda li ma kenitx tollerata tal-Knisja vera u li kienu ċaħdu l-Evanġelju ta' Kristu.

6. Dawk l-ewwel tifkiriet ġubilari kienu spiss influwenzati minn programmi politiċi u politiko-ekkleżjastiċi. Fl-1617, b'eżempju, iċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel ċentinarju tat sehemha b'mod li kien jidher biex iwettaq b'mod stabbli u jagħti l-ħajja lill-identità komuni riformata tal-Luterani u r-Riformati fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tat-tifkira li għamlu flimkien. Il-Luterani u r-Riformati wrew solidarjetà flimkien biex jagħmlu polemiċi ħorox kontra l-Knisja Kattolika Rumana. B'mod unanimu huma għollew lil Luteru bħala dak li ħelishom mill-madmad tal-Knisja ta' Ruma. Ħafna aktar tard, fl-1917, fl-aqwa tal-Ewwel Gwerra Dinjija, Luteru ġie muri bħala eroj nazzjonali Ġermaniż.

L-ewwel tifkira ekumenika

7. Is-sena 2017 ser tara tifkira ċentenarja tar-Riforma sseħħ f'era ekumenika. Hija wkoll timmarka 50 sena mid-djalogu Luteran-Kattoliku Ruman. It-talb flimkien, iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija flimkien, u l-qadi flimkien tal-komunitajiet tagħhom għamlu aktar għanja lill-Kattoliċi u lil-Luterani fi ħdan il-moviment ekumeniku. Illum huma wkoll iħarsu lejn l-isfidi politiċi, soċjali u ekonomiċi flimkien. L-ispiritwalità li tidher fi żwiġijiet inter-konfessjonali tagħti riflessjonijiet u mistoqsijiet ġodda. Luterani u Kattoliċi qegħdin fi grad li jinterpretaw mill-ġdid it-

tradizzjonijiet u l-prattiki teoloġiċi tagħhom, filwaqt li jagħrfu l-influwenzi li kellhom fuq xulxin. Għalhekk, proprju għal dan jixtiequ jfakkru l-2017 flimkien.

8. Dawn il-bidliet jitolbuna nħarsu b'ħarsa ġdida. Mhux biżżejjed intennu sempliċement dwar ir-Riforma r-rakkonti ta' żmien ilu, li kienu juru l-ħarsa Luterana jew Kattolika b'mod separat u spiss f'oppożizzjoni għal xulxin. It-tifkira storika dejjem tagħżel mill-kotra kbira ta' mumenti storiċi u tintegra l-elementi magħżula fi storja li tagħmel sens. Għaliex dawn ir-rakkonti tal-imgħoddi kienu kważi dejjem ispirati minn oppożizzjoni reċiproka u spiss ma għamlux ħaġ'oħra ħlief ħarrxu l-konflitt bejn il-partijiet u xi drabi qanqlu ġlied miftuħ.

9. It-tifkira storika kellha konsegwenzi konkreti fir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ naħat. Għal din ir-raġuni, tifkira ekumenika flimkien tar-Riforma Luterana hi ħafna importanti u fl-istess waqt diffiċili. Illum ukoll, ħafna Kattoliċi jassoċjaw il-kelma "Riforma" l-ewwel u qabel kollox mal-qasma tal-Knisja, waqt li ħafna Nsara Luterani jgħaqqdu l-kelma "Riforma" l-aktar mal-iskoperta mill-ġdid tal-Evanġelju, maċ-ċertezza tal-fidi u mal-libertà. Huwa meħtieġ li nieħdu bis-serjetà dawn iż-żewġ modi ta' ħsieb flimkien li minnhom nibdew sabiex inqegħdu ż-żewġ perspettivi f'relazzjoni reċiproka u nqegħduhom fi djalogu bejniethom.

It-Tifkira f'kuntest ġdid, globali u sekolarizzat

10. Fis-seklu li għadda, il-Kristjaneżmu sar dejjem aktar globali. Illum hawn insara ta' diversi konfessjonijiet mad-dinja kollha; in-numru tal-Insara fin-Nofsinhar tad-dinja qiegħed jikber waqt li fit-Tramuntana qiegħed jonqos. Il-Knejjes tan-Nofsinhar qed jieħdu importanza dejjem akbar fi ħdan il-Kristjaneżmu dinji. Mhux ħafif għal dawn li jaraw il-konflitti konfessjonali tas-seklu sittax bħala l-konflitti tagħhom infushom, ukoll jekk huma marbutin mal-Knejjes tal-Ewropa jew tal-Amerika ta' Fuq permezz ta' rabtiet insara dinjija u magħhom jaqsmu duttrina komuni bażika. F'dak li għandu x'jaqsam mas-sena 2017, ikun ħafna importanti li jittieħdu bis-serjetà s-sehem, il-mistoqsijiet u l-perspettivi ta' dawn il-Knejjes.

11. F'dawk l-artijiet fejn il-Kristjaneżmu ilu għal ħafna sekli, ħafna nies f'dawn l-aħħar snin ħallew il-Knejjes jew insew it-tradizzjonijiet ekkleżjali tagħhom. F'dawn it-tradizzjonijiet il-Knejjes għaddew minn ġenerazzjoni għal oħra dak li kienu rċevew mil-laqgħa tagħhom mal-Iskrittura Mqaddsa: it-tagħrif dwar Alla, dwar l-umanità u dwar id-dinja bi tweġiba għar-rivelazzjoni ta' Alla f'Ġesù Kristu; rċevew ukoll il-għerf li żviluppa matul il-ġenerazzjonijiet imsawwar fuq l-esperjenza tar-rabta tul il-ħajja tal-Insara m'Alla; u wkoll huma ħadu l-patrimonju għani tal-forom liturġiċi, innijiet u talb, prattiki kateketiċi u l-qadi djakonali. Minħabba li l-memorja ċċajpret, ħafna minn dak li fl-imgħoddi fired il-Knisja, illum mhux magħruf biżżejjed fil-prattika.

12. Madankollu, l-ekumeniżmu m'għandux ikun mibni billi ninsew it-tradizzjoni. Imma, allura, b'liema mod sejrin infakkru fl-2017 l-istorja tar-Riforma? Minn dak kollu li ż-żewġ konfessjonijiet iddibattew b'qawwa kbira fis-seklu sittax, x'inhu dak li jistħoqqlu jinżamm? Missirijietna u ommijietna fil-fidi kienu għalkollox konvinti li kien hemm xi ħaġa li għaliha kien tassew jiswa tiġġieled, xi ħaġa li kienet meħtieġa għal ħajja ma' Alla. Kif jistgħu jiġu mwassla lin-nies ta' żmienna t-tradizzjonijiet li bosta drabi ġew minsija b'mod li ma jibqgħux oġġetti interessanti tal-antik imma aktar għajnuna għal ħajja nisranija qawwija? Kif jistgħu t-

tradizzjonijiet jiġu mgħoddija b'tali mod li ma jinbnewx firdiet ġodda bejn l-Insara tal-konfessjonijiet differenti?

Sfidi ġodda għat-tifkira tal-2017

13. Matul is-sekli, Knisja u kultura kienu magħġunin flimkien bl-akbar mod sfiq possibbli. Ħafna minn dak li kien jagħmel sehem mill-ħajja tal-Knisja, mal-mixja taż-żmien, sab postu wkoll fil-kulturi ta' dawk il-pajjiżi u għadu hekk sal-lum, xi drabi ukoll b'mod independenti mill-Knejjes. It-tħejjijiet għas-sena 2017 jeħtiġilhom jagħrfu llum liema huma dawn l-elementi varji preżenti fil-kultura sabiex jinterpretawhom u jġibu 'l quddiem djalogu bejn il-Knisja u l-kultura fid-dawl ta' dawn l-aspetti differenti.

14. Għal aktar minn mitt sena, il-moviment Pentekostali u movimenti kariżmatiċi oħra komplew jinfirxu mad-dinja kollha. Dawn il-movimenti qawwija ġabu 'l quddiem enfasi ġdida li b'hekk ħafna mill-kontroversji konfessjonali jistgħu jidhru barra minn żmienhom. Il-moviment Pentekostali jinsab f'ħafna Knejjes diversi fil-forma ta' moviment kariżmatiku; dan ħoloq modi ġodda ta' għixien flimkien u komunitajiet mingħajr fruntieri konfessjonali. Hekk, dan il-moviment jiftaħ opportunitajiet ekumeniċi ġodda u fl-istess waqt joħloq aktar sfidi li jkollhom rwol importanti fiċ-ċentinarju tar-Riforma fl-2017.

15. Filwaqt li qabel l-anniversarji tar-Riforma kienu ċċelebrati f'territorji li kienu jixxiebhu jew jaqblu fid-dehra konfessjonali jew inkella f'artijiet fejn il-popolazzjoni kienet Nisranija fil-parti l-kbira tagħha, illum il-qagħda hija differenti u l-Insara jinsabu jgħixu f'ambjenti mdawrin b'bosta reliġjonijiet oħra. Dan il-pluraliżmu joffri sfida ġdida għall-ekumeniżmu u mhux biss jurih li mhux żejjed, imma għall-kuntrarju jurih aktar urġenti, minħabba l-fatt li l-animosità tal-oppożizzjonijiet konfessjonali tferi l-kredibbiltà nisranija. Il-mod li bih l-Insara jħarsu lejn id-differenzi ta' bejniethom jista' jgħarraf lill-popli ta' reliġjonijiet oħra xi ħaġa dwar il-fidi tagħhom. Minħabba l-problema ta' kif wieħed jipprova jħoll il-konflitt bejn l-Insara hi b'mod partikulari delikata u titlob impenn fl-okkażjoni tat-tifkira tal-bidu tar-Riforma, dan l-aspett tal-qagħda dinjija mibdula jistħoqqlu l-attenzjoni speċjali tagħna dwar is-sena 2017.

Kap 2

Perspettivi Ġodda dwar Martinu Luteru u r-Riforma

16. Dak li seħħ fl-imgħoddi ma jistax jinbidel; imma dak li nfakkru mill-imgħoddi u l-mod kif jiġi mfakkar, mal-mixja taż-żmien, jista' jinbidel tassew. It-tifkira tagħmel l-imgħoddi jkun preżenti. Waqt li l-imgħoddi ma jistax jinbidel, il-preżenza tal-imgħoddi fil-preżent tista' tinbidel. Quddiem is-sena 2017, il-punt hu mhux li ntennu storja differenti, imma li ntennu dik l-istorja b'mod differenti.

17. Il-Luterani u l-Kattoliċi għandhom bosta raġunijiet biex itennu mill-ġdid l-istorja tagħhom b'modi ġodda. Huma qorbu aktar lejn xulxin flimkien permezz ta' relazzjonijiet familjari, permezz tal-qadi tagħhom missjunarju mogħti lid-dinja aktar wiesgħa, u permezz tar-reżistenza tagħhom flimkien għat-tiranniji f'ħafna pajjiżi. Dawn il-kuntatti fil-fond bidlu l-mod kif huma jħarsu lejn xulxin, ġabu urġenza ġdida għad-djalogu ekumeniku u għal studji aktar serji. Il-moviment ekumeniku biddel l-orjentament ta' kif id-diversi Knejjes iħarsu lejn ir-Riforma: it-teoloġi ekumeniċi ddeċidew li ma jisħqux aktar dwar il-veritajiet tal-konfessjonijiet rispettivi tagħhom għad-dannu ta' sħabhom fid-djalogu, imma minflok ifittxu dak li huwa komuni fid-differenzi, jew ukoll fil-kuntrasti; hekk setgħu jaħdmu biex jirbħu d-differenzi li jifirdu l-Knejjes.

Is-sehem tat-tiftix storiku dwar iż-Żminijiet tan-Nofs

18. It-tiftix storiku għen ħafna, u wkoll b'ħafna modi, biex ikunu jistgħu jinbidlu perċezzjonijiet mhux għalkollox tajbin fuq l-imgħoddi. Fil-każ tar-Riforma, dawn jiġbru fihom ir-rakkonti kemm Protestanti kif ukoll Kattoliċi tal-istorja tal-Knisja. Dawn setgħu jagħrfu jikkoreġu modi kif kienet tintwera l-istorja konfessjonali ta' qabel permezz ta' kriterji ta' metodoloġija stretta u b'riflessjoni fuq il-kundizzjonijiet ta' kif jaraw l-affarijiet u kif jaħsbu dwarhom. Min-naħa Kattolika, dan kien japplika b'mod speċjali għal tiftix aktar ġdid dwar Luteru u r-Riforma; min-naħa tal-Protestanti dan kien japplika għal stampa mibdula tat-teoloġija medjevali u għal studju aktar wiesa' u differenti tal-aħħar perjodu taż-Żminijiet tan-Nofs . Fid-deskrizzjonijiet li qed isiru fi żmienna tal-perjodu tar-Riforma, qed tingħata wkoll attenzjoni ġdida għal bosta fatturi mhux teoloġiċi: dawk politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali. Il-paradimma tal-"konfessjonalizzazzjoni" għamlet korrezzjonijiet importanti tal-istorjografija tal-perjodu ta' qabel.

19. L-aħħar parti taż-Żminijiet tan-Nofs m'għadux aktar jitqies bħala żmien ta' dlam sħiħ, bħalma kien spiss impinġi mill-Protestanti; lanqas hu meqjus bħala dawl għalkollox, bħalma kien isir minn Kattoliċi fl-antik. Dan iż-żmien illum jidher bħala wieħed ta' kuntrasti kbar – devozzjoni minn barra u interjorità profonda; ta' teoloġija orjentata għall-opri fis-sens ta' *nagħtik biex tagħtini* ("*do ut des*") u ta' konvinzjoni assoluta ta' dipendenza sħiħa tal-bniedem fuq il-grazzja t'Alla; ta' indifferenza lejn l-obbligi reliġjużi - ukoll dawk l-obbligi marbutin tal-uffiċċju ekkleżjastiku, u ta' riformi serji, bħal dawk fl-ordnijiet monastiċi.

20. Il-Knisja kienet kollox għajr istituzzjoni li fiha kollox kien l-istess; fil-*corpus christianum* (fi ħdan il-ġisem kollu tal-Knisja) kien hemm diversi teoloġiji, stili ta' ħajja, u modi differenti kif wieħed iħares lejn il-Knisja. L-istoriċi jistqarru li s-seklu XV kien epoka ta' tjieba reliġjuża

speċjali fil-Knisja. Matul dan iż-żmien, sar aktar possibbli għal għadd akbar ta' lajċi jieħdu aktar tagħlim. Dan qanqal fihom ix-xewqa li jisimgħu prietki aħjar u dik it-teoloġija li setgħet tgħinhom biex jgħixu ħajja nisranija. Luteru qabad dawn il-kurrenti tat-teoloġija u ta' tjieba u żviluppahom aktar.

Ir-riċerka storika Kattolika tal-seklu 20 dwar Luteru

21. Ir-riċerka storika Kattolika fis-seklu 20 dwar Luteru kienet mibnija fuq l-interess Kattoliku fl-istorja tar-Riforma li qam fit-tieni nofs tas-seklu 19. Dawn it-teoloġi mxew fuq l-isforzi tal-popolazzjoni Kattolika li kienet tgħix fl-imperu Ġermaniż li kien maħkum mill-Protestanti u li riedu jkunu ħielsa minn storjografija li kienet toffri veduta waħda, Protestanta u kontra Ruma. Il-pass kbir fost l-istudjużi Kattoliċi sar bit-teżi li wriet li Luteru rebaħ ġewwa fih tip ta' Kattoliċeżmu li ma kienx għalkollox Kattoliku. Skont dan il-ħsieb, il-ħajja u t-tagħlim tal-Knisja fl-aħħar perjodu taż-Żminijiet tan-Nofs servew b'mod deċiżiv għar-Riforma; il-kriżi minn ġewwa fil-Kattoliċeżmu għamlet li l-protesta reliġjuża ta' Luteru b'mod aktar konvinċenti f'uħud.

22**.** B'mod ġdid Luteru ntwera bħala persuna ta' ħerqa reliġjuża intensa u bniedem rigoruż fit-talb tiegħu. Studji storiċi fil-fond u dettaljati wrew li dak li kien inkiteb min-naħa Kattolika dwar Luteru f'dawn l-aħħar erba' sekli taż-żmien modern kien influwenzat ħafna mill-kummentarji ta' Ġwanni Cochaleus; dan kien jgħix fi żmien Luteru, kien kontrih, kien kunsillier tad-duka Ġorġ tas-Sassonja. Cochaleus kien pinġa lil Luteru bħala patri apostata, li kisser il-Kristjanità, li ħassar il-morali u li kien eretiku. Ir-riżultat ta' dan l-ewwel perjodu ta' kritika tal-angoli kollha dwar il-figura ta' Luteru kien li ħeles l-istudji kattoliċi min-naħa waħda biss minn dawk l-opri polemiċi dwar Luteru. Analisi storiċi serji li saru minn teoloġi oħrajn urew li ma kinux il-kwistjonijiet kruċjali li kienu fil-qalba tar-Riforma, bħalma kienu d-duttrina tal-ġustifikazzjoni, li ġabu l-qasma fil-Knisja, imma aktar il-kritika ta' Luteru dwar il-qagħda tal-Knisja fi żmienu li ħarġu minn dawk il-kwistjonijiet.

23. Il-pass li kien imiss fit-tfittix storiku tal-Kattoliċi dwar Luteru kien li jsiru magħrufin aktar id-differenzi teoloġiċi fl-istruttura tal-ħsieb u fis-sistemi teoloġiċi diversi u l-aktar b'paragun sistematiku bejn it-teoloġi li l-aktar jirrappreżentaw iż-żewġ konfessjonijiet: Tumas ta' Aquino u Martinu Luteru. Dan ix-xogħol wassal lit-teoloġi jifhmu t-teoloġija ta' Luteru fil-kuntest proprju tagħha. Fl-istess waqt, it-tfittix kattoliku eżamina t-tifsira vera tad-duttrina tal-ġustifikazzjoni fil-ħsieb tal-*Konfessjoni ta' Augsburg.* B'dan il-mod, l-impenn ta' riforma ta' Luteru seta' jiġi mdaħħal fl-isfond aktar wiesa' tal-formulazzjoni tal-istqarrijiet Luterani. Ir-riżultat ta' dan kien li l-intenzjoni tal-*Konfessjoni ta' Augsburg* setgħet tiġi murija bħala x-xewqa fundamentali tar-Riforma imma fl-istess waqt il-preokkupazzjoni li jżomm l-għaqda tal-Knisja.

Proġetti ekumeniċi li ħejjew it-triq għal kunsens

24. Dawn l-isforzi wasslu direttament għall-proġett ekumeniku li beda l-Ġermanja fl-1980 minn teoloġi Luterani u Kattoliċi flimkien fl-okkażjoni tal-450 anniversarju tal-preżentazzjoni tal-Istqarrija ta' Augsburg, u din ġiet magħrufa min-naħa tal-Kattoliċi. Ir-riżultati importanti u aktar wiesgħa ta' grupp magħmul minn teoloġi Protestanti u Kattoliċi li twaqqaf wara u ħadem flimkien u li niżżel l-għeruq tiegħu fit-tfittix storiku Kattoliku dwar Luteru huma miġburin fl-

istudju *Condemnations of the Reformation Era: Do They Still Divide? (Il-Kundanni ta' Żmien ir-Riforma għadhom jifirdu)?*[3]

25. *Id-Dikjarazzjoni flimkien dwar id-duttrina tal-Ġustifikazzjoni* [4], iffirmata fl-1999 mill-Federazzjoni Luterana Dinjija u mill-Knisja Kattolika Rumana, hija mibnija fuq dan il-pedament kif ukoll fuq id-dokument, frott il-ħidma għad-djalogu fl-Istati Uniti, *Justification by Faith*[5] ("Il-Ġustifikazzjoni bil-Fidi") uriet qbil bejn il-Luterani u l-Kattoliċi dwar il-veritajiet fundamentali dwar il-ġustifikazzjoni.

Żviluppi Kattoliċi

26. Il-Konċilju Vatikan II, bi tweġiba għal qawmien ġdid permezz tal-Kotba Mqaddsa, tal-Liturġija u tal-Patristika fl-għaxriet ta' snin li kienu għaddew, ittratta temi bħar-rispett u l-qima lejn l-Iskrittura Mqaddsa, is-sejba mill-ġdid tas-saċerdozju komuni tal-imgħammdin kollha, il-ħtieġa ta' purifikazzjoni u riforma bla ma jaqtgħu tal-Knisja, il-għarfien tal-ministeru tal-Knisja bħala qadi u l-importanza tal-libertà u tar-responsabbiltà tal-bnedmin, flimkien mal-għarfien tal-libertà reliġjuża.

27. Il-Konċilju stqarr ukoll li hemm elementi ta' qdusija u verità wkoll barra mill-Knisja Kattolika Rumana. Il-Konċilju stqarr ukoll "minn fost l-elementi jew ġid li, meħudin ilkoll flimkien, il-Knisja nfisha tinbena u tieħu l-għixien tagħha, xi wħud mill-ogħla fosthom jistgħu jinstabu barra mil-limiti viżibbli tal-Knisja Kattolika" u mbagħad isemmi dawn l-elementi: "il-Kelma t'Alla miktuba, il-ħajja tal-grazzja, il-fidi, it-tama u l-karità, u doni interni oħra tal-Ispirtu s-Santu u elementi viżibbli oħra" (UR 3) [6]. Il-Konċilju tkellem ukoll dwar "dawk l-azzjonijiet sagri tar-reliġjon nisranija" li jiġu mwettqa mill-"aħwa" mifrudin, u stqarr li "dawn b'modi differenti u skont iċ-ċirkustanzi ta' kull Knisja jew komunità partikulari, jistgħu jnisslu tassew mingħajr dubju l-ħajja tal-grazzja, u għandhom jitqiesu tajbin biex jiftħu d-dħul għall-komunjoni li ssalva" (UR 3). Dan il-għarfien jgħodd ukoll mhux biss għall-elementi weħidhom u għall-azzjonijiet weħidhom f'dawn il-komunitajiet imma wkoll "għall-Knejjes u l-komunitajiet mifruda" nfushom. "Għaliex l-Ispirtu ta' Kristu ma jiċħadx li jużahom bħala meżżi ta' salvazzjoni" (UR 1.3).

28. Fid-dawl tat-tiġdid tat-teoloġija Kattolika li dehret evidenti fil-Konċilju Vatikan II, il-Kattoliċi llum jistgħu jifhmu l-preokkupazzjonijiet ta' riforma li Martinu Luteru kellu u jqisuhom b'mentalità aktar miftuħa minn dik li setgħet kienet tidher qabel.

29. Il-qbil impliċitu tal-preokkupazzjonijiet ta' Luteru wassal biex jingħata valur ġdid lill-kattoliċità tiegħu li twettqet f'kuntest li jsir magħruf li l-intenzjoni tiegħu kienet waħda ta' riforma u mhux ta' firda fil-Knisja. Dan joħroġ ċar fl-istqarrijiet tal-Kardinal Johannes Willebrands u tal-Papa Ġwanni Pawlu II [7]. Is-sejba mill-ġdid ta' dawn iż-żewġ karatteristiċi ċentrali fil-persuna u fit-teoloġija tiegħu wasslu għal għarfien ekumeniku ġdid ta' Luteru bħala "xhud tal-Evanġelju".

30. Il-Papa Benedittu XVI ukoll għaraf li l-persuna u t-teoloġija ta' Martinu Luteru jippreżentaw sfida spiritwali u teoloġika lit-teoloġija Kattolika llum. Dan kien stqarru meta fl-2011 kien żar

dak li kien kunvent tal-Agostinjani f'Erfurt fejn Luteru kien għex bħala patri għal madwar sitt snin. Dakinhar, il-Papa kien qal: "L-aktar ħaġa li ma tatx serħan lil Luteru kienet il-kwistjoni dwar Alla li kienet il-ħerqa l-aktar profonda u l-qawwa li mexxietu tul ħajtu kollha. "Kif nista' nsib Alla ħanin?": din il-mistoqsija niżlet fil-fond nett ta' qalbu u kienet il-pedament tat-tiftix teoloġiku tiegħu kollu kif ukoll ta' kull ġlieda interjuri tiegħu. Għal Luteru, it-teoloġija ma kenitx mixja akkademika biss, imma taqbida interjuri miegħu nnifsu; u din, imbagħad, saret taqbida għal u ma' Alla. "Kif nista' nsib Alla ħanin?" Il-fatt li din il-mistoqsija kienet il-qawwa li mexxietu tul ħajtu kollha tolqotni u ma tieqaf qatt tħalli impressjoni fuqi. Għaliex, illum, ukoll fost l-insara, ma ssibx min jaħseb aktar dwar dan? Xi tfisser illum il-mistoqsija dwar Alla f'ħajjitna? Fil-predikazzjoni tagħna? Ħafna nies illum, ukoll fost l-Insara, jgħoddu bħala ħaġa żgura li Alla fl-aħħar mill-aħħar ma jinteressahx minn dnubietna u mill-virtujiet tagħna"[8].

Żviluppi Luterani

31. It-tiftix storiku dwar Luteru u r-Riforma min-naħa tal-Luterani għadda minn żvilupp importanti. L-esperjenzi ta' żewġ gwerer dinjija waqqgħu t-teoriji dwar il-progress tal-istorja u r-relazzjonijiet bejn il-Kristjaneżmu u l-kultura tal-punent; fl-istess waqt it-teoloġija kerigmatika kibret u ssaħħet u din feħet toroq ġodda għal riflessjoni dwar Luteru. Id-djalogu mal-istoriċi ta sehem kbir biex jintegra flimkien il-fatturi storiċi u soċjali fid-deskrizzjoni tal-movimenti tar-Riforma. Ħafna teoloġi Luterani għarfu l-ħsara li ġabu l-intriċċi tal-viżjoni teoloġika u l-interessi politiċi mhux biss min-naħa tal-Kattoliċi, imma wkoll min-naħa tagħhom. Id-Djalogu ma' teoloġi Kattoliċi għenhom biex jirbħu l-mod kif huma kienu jħarsu b'mod unilaterali lejn twemminhom u jsiru aktar kritiċi tagħhom infushom dwar ċerti aspetti tat-tradizzjonijiet tagħhom.

L-importanza tad-djalogi ekumeniċi

32. Dawk li jieħdu sehem fid-Djalogu huma marbutin mad-duttrini tal-Knejjes proprji li, skont il-konvinzjonijiet tagħhom, jesprimu l-verità tal-fidi. Id-duttrini juru li hemm ħafna elementi komuni, imma jistgħu ma jkunux jaqblu, jew xi drabi jkunu kontra xulxin, fil-formulazzjoni tagħhom. Bis-saħħa tal-elementi komuni, id-Djalogu jsir possibbli; waqt li minħabba li jkun hemm nuqqas ta' qbil, id-Djalogu jsir ħtieġa.

33. Id-Djalogu juri li dawk li jieħdu sehem jitkellmu ilsna differenti u jifhmu t-tifsiriet tal-kliem b'mod differenti; huma jagħmlu distinzjonijiet differenti u jaħsbu f'forom ta' ħsieb differenti wkoll. Madankollu, dak li jidher ikun ħsieb f'kuntrast ma' ieħor meta jkun espress bil-kliem, mhux dejjem ikun hekk fis-sustanza. Sabiex wieħed jasal jiddetermina r-relazzjoni eżatta bejn l-artikli duttrinali ta' kull naħa, it-testi jeħtieġ jiġu interpretati fid-dawl tal-kuntest storiku li fihom ġew miktubin. Dan iwassal biex wieħed jara fis-sewwa fejn ikun hemm differenza jew oppożizzjoni u fejn fil-prattika dawn ma jkunux jeżistu.

34. Id-djalogu ekumeniku ifisser li wieħed iwarrab l-iskemi mentali li joħorġu mid-differenzi bejn il-knejjes u li dawn jisħqu fuqhom. Għall-kuntrarju, dawk li jieħdu sehem fid-djalogu jħarsu l-ewwel lejn dak li huwa komuni u, wara li jagħmlu hekk biss, jeżaminaw il-valur tad-differenzi tagħhom. Madankollu, ma jwarrbux dawn id-differenzi u anqas iċekknuhom, għaliex id-djalogu ekumeniku huwa t-tiftix flimkien tal-verità tal-fidi nisranija.

Kap 3

Stampa Storika tar-Riforma Luterana u tat-Tweġiba Kattolika

35. Illum, nistgħu nirrakkuntaw l-istorja tar-Riforma Luterana flimkien. Ukoll jekk Luterani u Kattoliċi għandhom punti li jħarsu lejhom b'modi differenti, imma bis-saħħa tad-djalogu ekumeniku huma kapaċi jirbħu l-ermenewtika tradizzjonali anti-Protestantika u anti-Kattolika sabiex isibu triq komuni li tfakkar il-ġrajjiet tal-imgħoddi. Dan il-kapitlu li ġej mhux deskrizzjoni sħiħa tal-istorja kollha u tal-problemi teoloġiċi kollha li kienu diskussi. Il-kapitlu jimmira biss fuq xi qagħdiet storiċi u kwistjonijiet teoloġiċi l-aktar importanti tar-Riforma fis-seklu sittax.

X'nifħmu b'Riforma?

36. Fl-antik, il-kelma bil-Latin *reformatio* kienet tirreferi għall-idea li tbiddel il-qagħda preżenti negattiva u terġa' lura għal żminijiet tajba u aħjar tal-imgħoddi. Fiż-Żminijiet tan-Nofs, l-idea ta' *reformatio* kienet ħafna drabi wżata fil-kuntest tar-riformi monastiċi. Xi Ordnijiet Monastiċi impenjaw ruħhom f'*riforma* biex jirbħu l-ħajja laxka, irażżnu n-nuqqas ta' dixxiplina u jerġgħu lura għall-istil strett tal-bidu tal-ħajja reliġjuża. Wieħed minn dawn il-movimenti l-aktar importanti beda fis-seklu għaxra fl-Abbazija ta' Cluny.

37. Fl-aħħar snin taż-Żminijiet tan-Nofs, l-idea tal-ħtieġa ta' riforma kienet applikata għall-Knisja kollha. Il-Konċilji kollha tal-Knisja u kull laqgħa oħra importanti fl-Imperu Qaddis Ruman kellhom bħala mira proprja r-*riforma* tal-Knisja. Il-Konċilju ta' Kostanza (1414-1418) qies ir-riforma tal-Knisja "fir-ras u fil-membri" bħala ħtieġa assoluta.[9] Dokument li kien xtered ħafna u li jidħol f'din il-mixja ta' Riforma jġib l-isem *Reformacion keyser Sigmunds* (*Ir-Riforma tas-sultan Sigmund*) li kien hemm sejħa biex jinġieb lura ordni sħiħ mill-ġdid fl-ambjenti kważi kollha tal-ħajja. Fi tmiem is-seklu ħmistax, l-idea ta' riforma nfirxet ukoll għall-gvernijiet u l-universitajiet.[10]

38. Luteru nnifsu rari uża l-kelma "riforma". Fil-"Kummenti tiegħu għall-95 Teżi", Luteru stess jistqarr: "Il-Knisja teħtieġ riforma li mhix il-ħidma ta' bniedem wieħed, jiġifieri l-Papa, jew ta' ħafna nies, jiġifieri l-kardinali; dawn ġew murija t-tnejn mill-konċilju tal-aħħar. Imma hija l-ħidma tad-dinja kollha, tassew hija l-ħidma ta' Alla waħdu. Madankollu, Alla nnifsu li ħalaq iż-żmien jaf iż-żmien ta' din ir-riforma".[11] Xi drabi Luteru uża l-kelma "riforma" biex juri t-titjib li kien sar fit-tmexxija bl-ordni, bħal ngħidu aħna fl-universitajiet. Fit-trattat dwar ir-riforma *Lin-Nobbli Nsara tan-Nazzjon Tedesk*, tal-1520, Luteru ħeġġeġ li jsir "konċilju ġust u ħieles" li seta' jħalli l-proposti ta' riforma jiġu diskussi.[12]

39. Il-kelma "Riforma" bdiet tintuża biex turi dawk il-ġrajjiet storiċi komplessi li, f'sens dejjaq, seħħu bejn is-snin 1517 u l-1555, jiġifieri miż-żmien tat-tixrid tal-"Ħamsa u Disgħin Teżi" ta' Martinu Luteru sal-Paċi ta' Augsburg. Il-kontroversja teoloġika u ekkleżjastika li t-teoloġija ta' Luteru faqqgħet, malajr tħalltet mal-politika, l-ekonomija u l-kultura minħabba l-qagħda taż-żmien. Hekk dak li hu muri bil-kelma "Riforma" imur 'l hemm minn dak li Luteru nnifsu ħaseb

u fehem. Il-ħsieb ta' "Riforma" li juri l-epoka kollha ġie minn Leopold von Ranke li fis-seklu dsatax għamel popolari l-użu tal-espressjoni "Żmien ir-Riforma".

Il-kawża li xegħlet ir-Riforma: il-kontroversja dwar l-indulġenzi

40. Fil-31 t'Ottubru, 1517, Luteru bagħat "Il-Ħamsa u Disgħin Teżi" tiegħu taħt it-titlu *Disputa dwar l-Effikaċja u l-Qawwa tal-Indulġenzi* bħala appendiċi tal-ittra li huwa bagħat lill-Arċisqof Albrecht ta' Mainz. F'din l-ittra Luteru wera kemm kien imħasseb dwar il-predikazzjoni u l-prattika tal-indulġenzi li ta' dawn kien responsabbli l-Arċisqof u ħeġġu biex iwettaq xi tibdil. Fl-istess jum, huwa kiteb ittra lill-isqof tad-djoċesi tiegħu Ġirolmu minn Brandenburg. Meta Luteru bagħat it-teżijiet tiegħu lil xi ftit ħbieb u wisq probabbli waħħalhom mal-bieb tal-knisja tal-kastell ta' Wittenberg, huwa xtaq jiftaħ disputa akkademika dwar kwistjonijiet miftuħa imma li ma kinux solvuti, marbutin mat-teorija u mal-prattika tal-indulġenzi.

41. L-indulġenzi kellhom sehem importanti fir-reliġjożità ta' dak iż-żmien. L-indulġenza kienet mifhuma bħala t-tneħħija ta' piena temporali mistħoqqa minħabba d-dnubiet li kienu ġa maħfura. L-Insara setgħu jirċievu indulġenza taħt ċerti kundizzjonijiet – bħal talb, atti ta' karità, elemożina – bis-saħħa tal-azzjoni tal-Knisja, li kien maħsub li tiddispensa u tapplika lill-penitenti t-teżor tas-sodisfazzjon li wettaq Kristu u l-qaddisin.

42. Fl-opinjoni ta' Luteru, il-prattika tal-indulġenzi għamlet ħsara lill-ispiritwalità Nisranija. Huwa kien isaqsi jekk l-indulġenzi setgħux jeħilsu l-penitenti mill-pieni imposti minn Alla; jekk xi pieni mogħtija mis-saċerdoti setgħux jiġu trasferiti fil-purgatorju; jekk l-iskop tal-pieni, jiġifieri dak mediċinali u l-ieħor li jippurifika kienx ifisser li l-penitent niedem sinċerament setax jippreferi jsofri huwa stess il-pieni minflok li jkun meħlus minnhom; u wkoll jekk il-flus li jingħataw għall-indulġenzi kellhomx minflok jingħataw lill-fqar. Huwa kien ukoll isaqsi dwar in-natura tat-teżor tal-Knisja li bis-saħħa tiegħu l-Papa kien joffri l-indulġenzi.

Il-Proċess lil Luteru

43. "Il-Ħamsa u Disgħin Teżi" ta' Luteru xterdu malajr fil-Ġermanja u qajmu għagħa kbir u wkoll wettqu ħsara kbira fil-kampanji għall-indulġenzi. Malajr xterdet ix-xniegħa li Luteru seta' jiġi akkużat b'ereżija. Ġa f'Diċembru 1517, l-Arċisqof ta' Mainz kien bagħat Ruma "Il-Ħamsa u Disgħin Teżi" flimkien ma' materjal ieħor sabiex it-teoloġija ta' Luteru tiġi studjata fid-dettalji.

44. Luteru kien sorpriż bir-reazzjoni għat-teżijiet tiegħu minħabba l-fatt li huwa ma kienx ippjana xi diskussjoni pubblika imma aktar disputa akkademika. Huwa beża' li t-teżijiet tiegħu setgħu faċilment jiġu mifhuma ħażin jekk jinqraw minn pubbliku iktar wiesgħa. Hekk għall-ħabta ta' tmiem ix-xahar ta' Marzu 1518, huwa xandar priedka bil-lingwa tal-poplu "Dwar l-Indulġenza u l-Grazzja" ("*Sermo von Ablass und Gnade*"). Dan il-ktejjeb kiseb suċċess kbir tassew u ta lil Luteru fama wiesgħa fil-Ġermanja kollha. Huwa saħaq kemm-il darba li, barra l-ewwel erba' proposti, it-teżijiet l-oħra ma kinux stqarrijiet definittivi imma aktar proposti miktuba bl-iskop li jiġu diskussi.

45. Ruma kienet imħassba li t-tagħlim ta' Luteru seta' jimmina d-duttrina tal-Knisja u l-awtorità tal-Papa. Għalhekk, Luteru ġie msejjaħ imur Ruma biex iwieġeb quddiem it-tribunal

ekkleżjastiku dwar xi punti teoloġiċi tiegħu. Imma, għat-talba tal-Prinċep Elettur ta' Sassonja, Federiku l-Għaref, il-proċess sar il-Ġermanja fil-Laqgħa Imperjali ta' Augsburg fejn il-Kardinal Caietanus ingħata l-mandat li jinterroga huwa lil Luteru. Il-mandat papali kien jgħid li Luteru kellu jew jirtira kliemu jew jekk jiċħad li jagħmel hekk, il-kardinal kien ingħata l-fakultà li jipprojbixxi kitbiet Luteru bla telf ta' żmien jew jarrestah u jieħdu Ruma. Wara l-laqgħa, il-legat pontifiċju fassal dikjarazzjoni għall-maġisteru, u l-Papa xandarha malajr wara l-interrogatorju f'Augsburg mingħajr ebda tweġiba għall-argumenti ta' Luteru.[13]

46. Matul il-kors kollu tal-proċess, id-diffikultà li tingħażel pożizzjoni jew oħra wasslet għall-iskomunika ta' Luteru. Luteru ippropona punti biex jiġu diskussi u ressaq argumenti. Kemm Luteru nnifsu kif ukoll il-pubbliku li kien mgħarraf permezz ta' *ktejjeb* u pubblikazzjonijiet oħra dwar il-pożizzjoni tiegħu u l-proċess li kien għaddej kienu qed jistennew dibattitu u bdil ta' argumenti. Luteru kien imwiegħed proċess ġust; imma għalkemm kien assigurat lilu li huwa jkun mismugħ, huwa rċieva b'mod ripetut il-messaġġ li jew jirtira l-proposti tiegħu jew jiġi dikjarat bħala eretiku.

47. Fit-13 t'Ottubru 1518, fi stqarrija pubblika, Luteru qal li kien jaqbel mal-Knisja Mqaddsa Rumana imma ma setax jirtira l-proposti tiegħu jekk ma kienx ikun konvint li jinsab fl-iżball. Fit-22 tal-istess xahar, huwa mill-ġdid saħaq li dak li kien jaħseb u kien jgħallem ma kienx f'kuntrast mat-tagħlim tal-Knisja Rumana.

Laqgħat mingħajr ebda riżultat

48. Qabel ma ltaqa' ma' Luteru, il-Kardinal Caietanus studja bir-reqqa kollha l-kitba tal-professur ta' Wittenberg u kiteb ukoll trattati fuqhom. Imma Caietanus interpreta l-ħsieb ta' Luteru skont il-forma tal-ħsibijiet li kien imdorri bihom u għalhekk ma fehemx il-ħsibijiet ta' Luteru dwar iċ-ċertezza tal-fidi wkoll jekk fisser bir-reqqa u bl-eżattezza kull punt tal-ħsibijiet tiegħu. Min-naħa tiegħu, Luteru ma kienx familjari mat-teoloġija tal-kardinal u l-interrogatorju ta wisa' biss għal diskussjoni limitata; dan ma għamilx ħaġ'oħra ħlief li saret pressjoni biex Luteru jirtira l-proposti tiegħu. Dan, imbagħad, ma tax ċans lil Luteru jifhem il-pożizzjoni tal-kardinal. Hija tassew traġedja li tnejn mill-akbar teoloġi tas-seklu sittax ltaqgħu flimkien f'okkażjoni ta' proċess dwar ereżija.

49. Fis-snin ta' wara, it-teoloġija ta' Luteru żviluppat bil-ħeffa u fl-istess waqt tat bidu għal argumenti ġodda ta' kontroversja. It-teologu li kien qed jiġi akkużat ħadem biex jiddefendi l-qagħda tiegħu u sabiex jiġbor alleati fil-ġlieda ma' dawk li kienu lesti biex jiddikjarawh eretiku. Dehru bosta pubblikazzjonijiet kemm favur kif ukoll kontra Luteru; imma seħħet disputa waħda biss li saret f'Leipzig fl-1519 bejn Andreas Bodenstein von Karlstadt u Luteru fuq naħa u Johannes Eck fuq in-naħa l-oħra.

Il-kundanna ta' Martinu Luteru

50. Sadanittant, f'Ruma, kompla l-proċess kontra Luteru u fl-aħħar il-Papa Ljun X iddeċieda li jaġixxi. Sabiex iwettaq "l-uffiċċju pastorali tiegħu", il-Papa Ljun X ħass il-ħtieġa li jħares "il-fidi ortodossa" minn dawk li "jgħawwġu u jbiddlu l-Iskrittura" b'mod li din ma tibqax "aktar l-Evanġelju ta' Kristu".[14] Hekk il-Papa xandar il-Bolla *Exsurge Domine* tal-15 ta' Ġunju, 1520 li

kkundannat 41 proposta meħudin minn pubblikazzjonijiet varji ta' Luteru. Għalkemm dawn kollha jistgħu jinstabu fil-kitbiet ta' Luteru u huma kkwotati b'mod tajjeb, huma miġjubin barra l-kuntest proprju tagħhom. Il-Bolla *Exsurge Domine* tiddeskrivi dawn il-proposti bħala "eretiċi u skandalużi, jew foloz, jew offensivi għas-semmiegħa twajbin, jew kapaċi li jqarrqu l-imħuħ tannies sempliċi, jew huma kontradittorji għall-verità kattolika";[15] imma ma kienx speċifikat liema minn dawn il-kwalifiki kien japplika għal liema proposta. Fit-tmiem tal-Bolla, il-Papa wera d-dispjaċir tiegħu li Luteru kien naqas li jwieġeb għall-istedin li sarlu biex jiddiskuti u stqarr li jibqa' jittama li Luteru jagħmel esperjenza ta' konverżjoni tal-qalb u jwarrab l-iżbalji tiegħu. Il-Papa Ljun ta lil Luteru sittin jum żmien biex jirtira "l-iżbalji" tiegħu, inkella jiffaċċja l-iskomunika.

51. Eck u Aleandru, li xandru l-Bolla *Exsurge Domine* fil-Ġermanja, għamlu sejħa biex il-kotba ta' Luteru jiġu maħruqa. Bħala reazzjoni, fl-10 ta' Diċembru, 1520, xi teoloġi ta' Wittenberg ħarqu għadd ta' kotba li wara saru magħrufa bħala kotba "tal-liġi kanonika"; magħhom qegħdu wkoll xi opri ta' dawk li kienu kontra Luteru. Huwa mbagħad xeħet fin-nar il-Bolla papali. Hekk kien ċar li Luteru ma kienx imħejji biex jirtira mill-qagħda tiegħu. Fit-3 ta' Jannar, 1521, Luteru kien skumnikat bil-Bolla *Decet Romanum Pontificem*.

L-awtorità tal-Iskrittura

52. Id-diskussjoni dwar l-indulġenzi malajr żviluppat u saret waħda dwar l-awtorità. Għal Luteru, il-Kurja Rumana kienet tilfet l-awtorità meta saħqet biss b'mod formali fuqha nfisha minflok targumenta fuq il-bażi tal-Bibbja. Fil-bidu tad-diskussjoni, l-awtorità teoloġika tal-Iskrittura, il-Missirijiet tal-Knisja, u t-Tradizzjoni kanonika kienu ħaġa waħda għal Luteru. Fil-kors tal-konflitt, din il-għaqda nkisret meta Luteru kkonkluda li l-liġijiet tal-Knisja kif kienu qed jiġu interpretati mill-uffiċjali tal-kurja Rumana ma kienx jaqbel mal-Iskrittura. Min-naħa kattolika, il-kontroversja ma kenitx ħafna dwar is-supremazija tal-Iskrittura, li magħha l-Kattoliċi kienu jaqblu, imma aktar dwar l-interpretazzjoni korretta tagħha.

53. Meta Luteru ma rax bażi biblika għall-istqarrijiet ta' Ruma jew ħaseb li huma wkoll kienu jmorru kontra l-messaġġ bibliku, huwa beda jaħseb dwar il-Papa bħala l-Antikrist. Imma din l-akkuża li ċertament tixxokkja, biha Luteru fehem li l-Papa ma kienx qiegħed iħalli 'l Kristu jgħid dak li Kristu ried jgħid u li l-Papa qiegħed lilu nnifsu 'l fuq mill-Bibbja meta huwa kellu joqgħod għall-awtorità tagħha. Il-Papa kien iżomm li l-ministeru tiegħu kien imwaqqaf *iure divino* ("b'ordni t'Alla"), filwaqt li Luteru ma setax isib prova ċara għal dan.

Luteru f'Worms

54. Skont il-liġijiet tal-Imperu Qaddis Ruman tan-Nazzjon Ġermaniż, min kien jiġi skomunikat kien ikun ukoll imqiegħed taħt piena imperjali. Madankollu, il-membri tal-Kunsill ta' Worms talbu li Luteru jiġi interrogat minn awtorità indipendenti. Luteru ġie msejjaħ biex imur Worms u l-imperatur offra lil Luteru, li kien ġa dikjarat skomunikat, għajnuna biex jasal ħieles fil-belt. Luteru kien qed jistenna li jkollu diskussjoni quddiem il-Kunsill; imma kien biss mistoqsi jekk xi kotba li kienu quddiemu fuq il-mejda kienx kitibhom hu u jekk kienx imħejji jiċħadhom.

55. Luteru wieġeb għal din l-istedina biex jiċħad bil-kelmiet magħrufa: "Sakemm jien ma nkunx konvint bix-xhieda tal-Iskrittura jew bir-raġuni ċara (għax jien la nemmen fil-Papa waħdu, anqas fil-konċilji weħidhom, għax hija ħaġa magħrufa sewwa li huma xi drabi żbaljaw jew ikkontradixxew lilhom infushom), jiena marbut bl-Iskrittura li kkwotajt, u l-kuxjenza tiegħi hija marbuta bil-Kliem ta' Alla. Jiena ma nistax u anqas irrid nirtira xejn għax mhix ħaġa sewwa u anqas ġusta li jien immur kontra l-kuxjenza. Hekk Alla jgħinni. Ammen."[16]

56. Bħala tweġiba, l-imperatur Karlu V għamel diskors importanti li fih fisser l-intenzjonijiet tiegħu. L-imperatur stqarr li huwa kien ġej minn familja twila ta' slaten li dejjem qiesuh dmir tagħhom jiddefendu l-fidi kattolika "għas-salvazzjoni tal-erwieħ" u li huwa wkoll kellu dan l-istess dmir. L-imperatur saħaq li patri wieħed kien jiżbalja meta l-opinjoni tiegħu kienet kontra l-Kristjaneżmu kollu tal-aħħar elf sena.[17]

57. Il-Kunsill ta' Worms qiegħed taħt piena lil Luteru, li kellu jiġi mqiegħed fil-ħabs jew ukoll maqtul, u ordna lill-gvernijiet biex irażżnu "l-ereżija luterana" b'kull mezz. Iżda minħabba li l-argumenti ta' Luteru dehru aktar konvinċenti lil ħafna mill-prinċpijiet u mill-ibliet, dan l-ordni ma ġietx obduta.

Bidu tal-moviment tar-Riforma

58. L-interpretazzjoni tal-Evanġelju li Luteru ppropona kkonvinċiet numru li kien dejjem jikber ta' saċerdoti, monaċi u predikaturi li kienu jippruvaw idaħħluha fil-predikazzjoni tagħhom. Sinjali li juru l-bidliet li kienu qed iseħħu kienu li l-lajċi kienu qed jitqarbnu biż-żewġ speċi, xi qassisin u monaċi kienu qed jiżżewġu, xi regoli tas-sawm ma kinux aktar mħarsa, u xi drabi kien jintwera nuqqas ta' rispett lejn xbihat u relikwi.

59. Luteru ma kellu ebda ħsieb li jwaqqaf Knisja ġdida, imma kien parti minn xewqa wiesgħa b'ħafna espressjonijiet diversi ta' riforma. Huwa kellu rwol dejjem aktar attiv biex jipprova jagħti sehem għal riforma ta' prattiki u duttrini li kienu jidhru aktar ibbażati fuq awtorità umana biss u li kienu f'tensjoni jew ukoll f'kuntradizzjoni mal-Iskrittura. Fil-kitba tiegħu *Diskors lin-Nobbli Nsara tan-Nazzjon Ġermaniż* (1520), Luteru saħaq dwar is-saċerdozju tal-imgħammdin u għalhekk għal sehem attiv tal-lajċi fir-riforma tal-Knisja. Il-lajċi kellhom sehem importanti fil-moviment tar-Riforma, kemm jekk kienu prinċpijiet, maġistrati jew persuni komuni.

Ħtieġa ta' superviżjoni

60. Minħabba l-fatt li ma kien hemm ebda pjan u struttura ċentrali li torganizza r-riformi, il-qagħda kienet differenti minn belt għal belt u minn raħal għal ieħor. Inħasset il-ħtieġa li jsiru żjajjar lill-knejjes. Dan kien jeħtieġ l-awtorità tal-prinċpijiet jew tal-maġistrati; għalhekk ir-riformaturi fl-1527 talbu lill-Prinċep Elettur tas-Sassonja biex iwaqqaf u jawtorizza kummissjoni li tagħmel dawn iż-żjarat. Id-dmirijiet tagħha kienu fost oħrajn li mhux biss jevalwaw il-predikazzjoni u s-servizz kollu tal-ħidmiet pastorali u tal-ħajja tal-ministri, imma wkoll jaraw li dawn jirċievu l-meħtieġ għall-għixien personali tagħhom.

61. Il-Kummissjoni waqqfet xi ħaġa tixbah lil tmexxija ekkleżjastika. Dawk li kienu jmexxu kienu fid-dmir li jgħassu dwar il-ministri ta' reġjun determinat, dwar id-duttrina tagħhom u l-istil

ta' ħajjithom. Il-kummissjoni eżaminat ukoll ir-riti liturġiċi u kellha tħares il-konformità ta' dawn ir-riti. Fl-1528 ġie ppubblikat manwal għall-ministri li fih kien hemm it-tweġibiet għall-problemi duttrinali u prattiċi ewlenin. Dan il-manwal kellu sehem importanti fl-istorja tal-istqarrijiet duttrinali Luterani.

L-Iskrittura mwassla lill-poplu

62. Luteru, flimkien ma' wħud minn sħabu tal-università ta' Wittenberg ittraduċew għat-Tedesk il-Bibbja sabiex numru akbar ta' persuni setgħu jaqrawha weħidhom u, barra użu ieħor, setgħu jkunu jistgħu jagħmlu dixxerniment spiritwali u teoloġiku dwar ħajjithom fil-Knisja. Għalhekk, ir-riformaturi Luterani waqqfu skejjel għat-tfal, subien u bniet, u ħadmu bla heda biex jikkonvinċu l-ġenituri jibagħtu 'l uliedhom l-iskola.

Katekiżmi u innijiet

63. Sabiex itejjeb il-għarfien tal-fidi nisranija fost il-kleru u l-lajċi, Luteru kiteb *Il-Katekiżmu ż-Żgħir* għall-pubbliku ġenerali u *Il-Katekiżmu l-Kbir* għall-mexxejja tal-komunità (*pastors*) u għal-lajċi kolti. Il-katekiżmi kienu jispjegaw l-Għaxar Kmandamenti, il-Missierna u l-istqarrijiet tal-fidi, u kienu jiġbru fihom taqsimiet dwar is-sagrament tal-Magħmudija u l-Ikla Mqaddsa. *Il-Katekiżmu ż-Żgħir* li kien l-aktar ktieb ta' Luteru li kellu impatt u kabbar b'mod konsiderevoli l-għarfien tal-fidi fost il-poplu ordinarju.

64. Il-ħsieb ta' dawn il-katekiżmi kien li jgħinu n-nies jgħixu l-ħajja nisranija u li jaslu biex jagħmlu dixxerniment teoloġiku u spiritwali. Il-katekiżmi juru l-fatt li, għar-riformaturi, il-fidi kienet tfisser mhux biss tafda fi Kristu u l-wegħda tiegħu, imma wkoll issostni l-kontenut dottrinali tal-fidi li seta' u għandu jiġi mħaddan.

65. Sabiex iġib 'il quddiem is-sehem tal-lajċi fil-funzjonijiet liturġiċi, ir-riformaturi kitbu innijiet u ppubblikaw kotba tal-innijiet. Dawn kellhom sehem dejjiemi fl-ispiritwalità Luterana u saru parti mill-wirt għani tal-Knisja kollha.

"Pastors" għall-parroċċi

66. Issa li l-parroċċi Luterani kellhom f'idejhom l-Iskrittura bi lsien il-poplu, il-katekiżmu, l-innijiet u ordni għat-tmexxija tal-knisja u għar-riti liturġiċi, kien hemm problema oħra importanti: kif kellhom jiġu pprovvduti ministri għall-parroċċi. Fl-ewwel snin tar-Riforma, għadd ta' qassisin u monaċi saru ministri Luterani. Imma dan il-metodu, kif isiru l-ministri, wara ftit wera li ma kienx suffiċjenti.

67. Ta' min jinnota li r-riformaturi stennew sal-1535 biex jibdew iwettqu huma nfushom ordinazzjonijiet f'Wittenberg. Fl-Istqarrijiet ta' Augsburg (1530), ir-riformaturi ddikjaraw li kienu lesti jobdu lill-isqfijiet jekk l-isqfijiet kienu aċċettaw li jxandru l-Evanġelju skont il-konvinzjonijiet tar-Riforma. Billi dan ma seħħx, ir-riformaturi kellhom jagħżlu li jew iżommu l-mod tradizzjonali għall-ordinazzjoni tas-saċerdoti mill-isqfijiet, u hekk iħallu l-predikazzjoni tar-Riforma, inkella jew li jżommu l-predikazzjoni tar-Riforma, u jordnaw ministri (*pastors*) minn

ministri (*pastors*) oħrajn. Ir-riformaturi għażlu din it-tieni soluzzjoni, filwaqt li stqarrew tradizzjoni interpretattiva tal-Ittri Pastorali li kienet tmur lura, fil-Knisja antika, għal S. Ġilormu.

68. Xi membri tal-fakultà teoloġika ta' Wittenberg, imqabbdin mill-Knisja, eżaminaw kemm id-duttrina kif ukoll il-ħajja tal-kandidati. L-ordinazzjonijiet saru f'Wittenberg u mhux fil-parroċċi ta' dawk li kellhom jiġu ordnati; dan minħabba l-fatt li huma kellhom jiġu ordnati għall-Knisja kollha. Ix-xhieda tal-ordinazzjonijiet saħqu li l-ftehim duttrinali ta' dawk li kienu qed jiġu ordnati kien jaqbel mal-Knisja Kattolika. Ir-rit tal-ordinazzjoni kien jikkonsisti fit-tqegħid tal-idejn u talba lill-Ispirtu s-Santu.

Tentattivi teoloġiċi biex ikun mirbuħ il-konflitt reliġjuż

69. L-Istqarrija ta' Augsburg (1530) ippruvat tasal għal ftehim dwar il-konflitt reliġjuż tar-Riforma Luterana. Fl-ewwel parti (artikli 1-21) tippreżenta t-tagħlim Luteran u tipprova turi kif dan huwa fi qbil mad-duttrina "tal-Knisja Kattolika jew tal-Knisja Rumana".[18] It-tieni parti turi t-tibdil li r-riformaturi kienu bdew biex jikkoreġu ċerti prattiki mifhuma bħala "abbużi" (artikli 22-28), filwaqt li jagħtu r-raġunijiet għat-tibdil ta' dawk il-prattiki. Fi tmiem l-ewwel parti naqraw hekk: "Din hija bejn wieħed u ieħor ġabra sħiħa fil-qosor tat-tagħlim tagħna. Kif wieħed jista' jara, m'hemm xejn li huwa barra mill-Iskrittura jew mill-Knisja Kattolika, jew mill-Knisja Rumana, minn dak li nafu li jingħad mill-Missirijiet tal-Knisja. Għalhekk, dawk li jistqarru li n-nies tagħna jistgħu jiġu meqjusa bħala eretiċi, ikunu qed jiġġudikaw mingħajr umanità u karità.[19]

70. L-Istqarrija ta' Augsburg hija xhud qawwi tar-rieda soda li r-riformaturi Luterani riedu jżommu l-għaqda tal-Knisja u jibqgħu ħaġa waħda mal-Knisja waħda viżibbli. Meta huma ppreżentaw b'mod espliċitu d-differenza bħala ħaġa inqas importanti, dan jixbah lil dak li llum insejħulu kunsens b'xi differenzi (*differentiating consensus*).

71. F'daqqa waħda, xi teoloġi Kattoliċi dehrilhom li kien meħtieġ iwieġbu għall-Istqarrija ta' Augsburg u bla telf ta' żmien fasslu ċ-*Ċaħda tal-Isqarrijiet ta' Augsburg*. Din imxiet pass pass mat-test bl-argumenti tal-*Istqarrija*. Din iċ-*Ċaħda*, madankollu, qablet mal-Istqarrija ta' Augsburg dwar diversi duttrini bażiċi tal-Kristjaneżmu bħalma huma d-duttrina dwar it-Trinità, dwar Kristu u l-Magħmudija; filwaqt li warrbet għadd ta' tagħlim Luteran dwar il-Knisja u s-Sagramenti fuq il-bażi ta' testi bibliċi u dawk tal-Missirijiet tal-Knisja. Minħabba l-fatt li l-Luterani ma setgħux jipperswadu lilhom infushom bl-argumenti taċ-*Ċaħda,* ingħata bidu għal djalogu uffiċjali fi tmiem Awwissu 1530 bil-għan li jirrikonċilja n-nuqqas ta' qbil bejn l-*Istqarrijiet* u ċ-*Ċaħda*. Iżda dan ma rnexxilux isolvi l-problemi ekkleżjoloġiċi u sagramentali li kien għad fadal.

72. Tentattiv ieħor biex jiġi mirbuħ il-konflitt reliġjuż kien dak li hu magħruf bħala *Il-Kollokwji tar-Reliġjon* jew *Religionsgespräche* (Speyer/Hagenau, 1540; Worms, 1540-1541; Regensburg, 1541-1546). L-imperatur jew ħuh, ir-Re Ferdinandu, sejħu laqgħat li saru taħt it-tmexxija ta' rappreżentant imperjali. Il-ħsieb ta' dawn kien biex jipperswadu lil-Luterani jerġgħu lura għall-konvinzjonijiet tal-avversarji tagħhom. It-tattiċi, l-indħil u l-pressjonijiet politiċi kellhom sehem importanti f'dawn it-taħditiet.

73. Dawk li kienu qed jaħdmu għal ftehim fasslu test importanti li għandu x'jaqsam mad-duttrina tal-ġustifikazzjoni fil-*Regensburger Buch* (1541); imma l-konflitt magħqud mad-duttrina tal-Ewkaristija deher li ma setax jintrebaħ. Fl-aħħar, kemm Ruma u Luteru ma laqgħux il-konklużjonijiet; u dan wassal għall-falliment definittiv ta' dawn it-trattattivi.

Il-Gwerra tar-Reliġjon u l-Paċi ta' Augsburg

74. Il-Gwerra ta' Smalkalda (1546-1547) tal-Imperatur Karlu V kontra t-territorji Luterani kellha bħala għan li jingħelbu l-prinċpijiet u ġġegħelhom ireġġgħu lura t-tibdiliet kollha li kienu daħħlu. Fil-bidu l-imperatur deher minn fuq. Huwa rebaħ il-gwerra fl-20 ta' Lulju 1547. Malajr it-truppi tiegħu daħlu Wittenberg fejn l-imperatur ma ħalliex lis-suldati tiegħu jaqilgħu l-ġisem ta' Luteru u jaħarquh.

75. Fil-Kunsill ta' Augusta (1547-1548) l-imperatur impona dak li ġie msejjaħ *Il-Ftehim għal ftit ta' Augsburg* li wassal għal konflitti ma jaqtgħux fit-territorji Luterani. Dan id-dokument kien jispjega l-ġustifikazzjoni prinċipalment bħala grazzja li tqanqal l-imħabba. Kien jisħaq li wieħed għandu joqgħod għall-Isqof u għall-Papa. Madankollu kien jippermetti li s-saċerdoti setgħu jiżżewġu u li t-tqarbin seta' jsir biż-żewġ speċi.

76. Fl-1552, wara konġura tal-prinċpijiet, bdiet gwerra ġdida kontra l-imperatur li ġagħalitu jaħrab mill-Awstrija. Dan wassal għal trattat ta' paċi bejn il-prinċpijiet Luterani u r-re Ferdinandu. Hekk it-tentattiv li "l-ereżija Luterana" tiġi meqruda mill-għeruq b'mezzi militari falliet għalkollox.

77. Il-gwerra ntemmet fl-1555 bil-Paċi ta' Augsburg. Dan it-trattat kien tentattiv biex jinstabu modi kif popli b'konvinzjonijiet reliġjużi differenti setgħu jgħixu flimkien fl-istess pajjiż. Fl-imperu Ġermaniż kienu ġew milqugħa b'mod uffiċjali kemm dawk it-territorji u bliet li kienu qablu mal-Istqarrija ta' Augsburg kif ukoll dawk Kattoliċi; imma mhux persuni ta' twemmin ieħor, bħalma kienu r-Riformati u l-Anabattisti. Il-prinċpijiet u l-maġistrati kellhom id-dritt jiddeterminaw ir-reliġjon tas-sudditi tagħhom. Jekk il-prinċep kien ibiddel ir-reliġjon, il-persuni li kienu jgħixu f'dak it-territorju kien jeħtiġilhom ibiddluha; eċċezzjoni kienet issir għal dawk iż-żoni fejn l-isqfijiet kienu huma l-prinċpijiet (*geistliche Fürstentümer*). Is-sudditi kellhom id-dritt li jemigraw jekk ma kinux jaqblu mar-reliġjon tal-prinċep..

Il-Konċilju ta' Trentu

78. Il-Konċilju ta' Trentu (1545-1563), li tlaqqa' ġenerazzjoni wara r-riforma ta' Luteru, kien beda wara l-Gwerra ta' Smalkalda (1546-1547) u ntemm wara l-Paċi ta' Augsburg (1555). Il-Bolla *Laetare Jerusalem* (19 ta' Novembru, 1544) qegħdet tliet ħidmiet quddiem il-Konċilju: tfejjaq il-qasma fit-twemmin, tirriforma l-Knisja u twaqqaf il-paċi mill-ġdid bejn il-prinċpijiet biex hekk tkun tista' tinbena difiża kontra l-Ottomani.

79. Il-Konċilju ddeċieda li għal kull sessjoni kellhom jitressqu digriet dommatiku li jistqarr il-fidi tal-Knisja, u digriet dixxiplinari biex jgħin ir-riforma tal-Knisja. Iżda, fil-maġġoranza tagħhom, id-digrieti dommatiċi ma kinux jirrappreżentaw espożizzjoni sħiħa teoloġika tal-fidi

minn kull naħa, imma ffukaw aktar fuq id-duttrini kontestati mir-riformaturi; hekk saret aktar enfasi fuq il-punti li dwarhom kien hemm nuqqas ta' qbil.

L-Iskrittura u t-Tradizzjoni

80. "Bix-xewqa li tiġi msaħħa s-safa tal-Evanġelju, wara li jitneħħew min-nofs l-iżbalji", fit-8 ta' April, 1546, il-Konċilju approva d-digriet tiegħu dwar l-għejjun tar-rivelazzjoni. Mingħajr ma semmieha b'isimha b'mod espliċitu, il-Konċilju ċaħad il-prinċipju ta' *l-Iskrittura weħidha* (*sola Scriptura*) filwaqt li ddikjara li wieħed ma setax jifred l-Iskrittura mit-Tradizzjoni. Il-Konċilju għallem bis-setgħa li l-Evanġelju "li huwa l-għajn tas-sewwa kollu tas-salvazzjoni u tar-regola kollha morali" kien imħares "fil-kotba miktubin u fit-tradizzjonijiet mhux miktuba"; iżda ma solviex ir-relazzjoni bejn l-Iskrittura u t-Tradizzjoni. Barra minn dan, huwa ddikjara li t-tradizzjonijiet appostoliċi li għandhom x'jaqsmu mal-fidi u l-morali huma "miżmumin fil-Knisja Kattolika bis-saħħa ta' suċċessjoni li ma nqatgħet qatt". L-Iskrittura u t-Tradizzjoni kien meħtieġ li jiġu milqugħin "bl-istess tjieba u qima".[20]

81. Fl-istess digriet ġiet imxandra lista tal-kotba kanoniċi kollha tat-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid.[21] Il-Konċilju saħaq li l-Kotba Mqaddsa ma jistgħux jiġu interpretati kontra t-tagħlim tal-Knisja u anqas kontra "t-tagħlim unanimu tal-Missirijiet" tal-Knisja. Fl-aħħar il-Konċilju ddikjara li l-edizzjoni qadima tal-Vulgata bil-Latin tal-Bibbja kien meħtieġ li tiġi meqjusa bħala t-test "awtentiku" għall-użu fil-Knisja.[22]

Il-ġustifikazzjoni

82. Dwar il-ġustifikazzjoni, il-Konċilju ċaħad b'mod espliċitu kemm id-duttrina Pelaġjana tal-ġustifikazzjoni permezz tal-opri kif ukoll id-duttrina tal-ġustifikazzjoni bis-saħħa tal-fidi biss (*sola fide*), ukoll jekk fehem li l-fidi prinċipalment hija l-qbil mad-duttrina rivelata. Il-Konċilju saħaq dwar il-bażi Kristoloġika tal-ġustifikazzjoni billi stqarr li l-bnedmin huma mlaqqmin fi Kristu u li l-grazzja ta' Kristu hija meħtieġa għall-proċess kollu tal-ġustifikazzjoni, ukoll jekk il-proċess ma jwarrabx id-dispożizzjonijiet tal-bnedem biex jirċievi l-grazzja u l-kollaborazzjoni tar-rieda ħielsa. Il-Konċilju ddikjara wkoll li l-essenza tal-ġustifikazzjoni ma kenitx biss il-maħfra tad-dnubiet, imma wkoll "il-qdusija u t-tiġdid tal-bniedem interjuri" bis-saħħa "tal-karità sopranaturali".[23] Kawża waħdanija formali tal-ġustifikazzjoni hija "l-ġustizzja t'Alla, ċertament mhux dik li permezz tagħha Huwa nnifsu huwa ġust, imma dik li permezz tagħha Hu jagħmilna ġusti" u li l-kawża aħħarija tal-ġustifikazzjoni hija "l-glorja t'Alla u ta' Kristu u l-ħajja ta' dejjem".[24] Il-Konċilju wkoll iddikjara li l-fidi hija "l-bidu, il-pedament u l-għeruq tal-ġustifikazzjoni".[25] Il-grazzja tal-ġustifikazzjoni tista' tintilef bid-dnub il-mejjet u mhux biss bit-telfien tal-fidi, għalkemm wieħed jista' jġibha mill-ġdid permezz tas-sagrament tal-penitenza.[26] Il-Konċilju wkoll stqarr li l-ħajja ta' dejjem hija grazzja u mhux sempliċement premju.[27]

Is-Sagramenti

83. Fis-seba' sessjoni tiegħu, il-Konċilju ppreżenta s-sagramenti bħala l-mezz ordinarju li bih "il-ġustizzja sħiħa jew tibda jew, wara li wieħed ikun irċeviha tissaħħaħ, jew jekk wieħed jitlifha tista' tkun tiegħu mill-ġdid".[28] Il-Konċilju ddekreta li Kristu waqqaf seba' sagramenti u

ddefinihom bħala sinjali effikaċi li jagħtu l-grazzja permezz tar-rit innifsu (*ex opere operato*) u mhux sempliċement bis-saħħa tal-fidi ta' min jirċevihom.

84. Id-diskussjoni dwar it-tqarbin biż-żewġ speċi wasslet għall-istqarrija tad-duttrina li taħt kull waħda mill-ispeċi wieħed jirċievi lil Kristu sħiħ u mhux maqsum.[29] Wara t-tmiem tal-Konċilju (16 t'April 1565), il-Papa awtorizza l-użu tal-kalċi għal-lajċi taħt kundizzjonijiet determinati għal uħud mill-provinċji ekkleżjastiċi tal-Ġermanja u għal xi territorji ereditarji tal-renju tal-Habsburg.

85. Bi tweġiba għall-kritika tar-riformaturi dwar il-karattru sagrifikali tal-quddiesa, il-Konċilju saħaq li l-quddiesa hija "sagrifiċċju tassew propizjatorju" li jagħmel preżenti s-sagrifiċċju tas-Salib. Il-Konċilju wkoll għallem li, minħabba l-fatt li Kristu s-saċerdot joffri l-istess doni sagrifikali bħal tas-Salib, imma b'mod differenti, il-Quddiesa mhix ripetizzjoni tas-sagrifiċċju li sar darba għal dejjem fuq il-Kalvarju. Il-Konċilju ddekreta li l-Quddiesa tista' tiġi offerta għall-unur tal-qaddisin u għall-fidili, ħajjin u mejtin.[30]

86. Id-digriet fuq is-sagrament tal-Ordni Sagri ddefinixxa l-karattru sagramentali tal-ordinazzjoni u l-eżistenza ta' ġerarkija mwaqqfa b'ordni divina.[31]

Riformi pastorali

87. Il-Konċilju ta bidu wkoll għal riformi pastorali. Id-digrieti tiegħu ta' riforma riedu xandir aktar effikaċi tal-Kelma t'Alla bit-twaqqif tas-seminarji għal tħejjija aħjar tas-saċerdoti u bl-impenn ministerjali li ssir il-prietka fil-Ħdud u fil-festi reliġjużi l-oħrajn. L-isqfijiet u r-rgħajja l-oħra ġew obbligati li jgħixu fid-djoċesi jew fil-parroċċi tagħhom. Il-Konċilju neħħa xi abbużi f'dak li kellu x'jaqsam ma' ġurisdizzjoni, ordinazzjoni, patronat ekkleżjastiku, benefiċċji u indulġenzi filwaqt li wessa' s-setgħat tal-isqfijiet. Lill-isqfijiet tahom is-setgħa li jagħmlu żjajjar pastorali lil dawk il-benefiċċji parrokkjali li kienu eżenti u li jagħmlu superviżjoni fir-rigward tal-attivitajiet pastorali tal-Ordnijiet u tal-Kapitli li kienu jgawdu l-eżenzjoni. Il-Konċilju pprovda wkoll li jsiru sinodi provinċjali u djoċesani. Sabiex il-fidi tiġi komunikata aħjar, il-Konċilju inkoraġġixxa l-prattika li kienet għadha fil-bidu tagħha li jinkitbu katekiżmi, bħal dawk ta' S. Pietru Kanisju, u ta dispożizzjonijiet dwar *Il-Katekiżmu Ruman*.

Il-konsegwenzi

88. Il-Konċilju ta' Trentu, għalkemm fil-biċċa l-kbira tiegħu kien tweġiba għar-Riforma Protestanta, ma kkundanna l-ebda individwu u l-ebda komunità imma qagħdiet ta' duttrini speċifiċi. Minħabba li d-digrieti duttrinali tal-Konċilju kienu aktar tweġiba għal dawk li l-istess Konċilju deherlu kienu żbalji tal-Protestanti, ingħata bidu għal atmosfera polemika bejn Protestanti u Kattoliċi li ħadet bixra li tiddefinixxi l-Kattoliċeżmu fuq u kontra l-Protestantiżmu. B'dan l-atteġġjament, il-Konċilju mexa bħal b'mera quddiem ħafna mill-kitbiet tat-tagħlim Luteran, b'mod u manjiera li dawn il-pożizzjonijiet kienu definiti bħala opposti għat-tagħlim Kattoliku. Id-deċiżjonijiet tal-Konċilju ta' Trentu qegħdu l-bażi tal-identità Kattolika sa żmien il-Konċilju Vatikan it-Tieni.

89. Kien meħtieġ li wieħed jammetti b'mod realistiku li fi tmiem it-tielet sessjoni tal-Konċilju ta' Trentu l-għaqda tal-Knisja fid-dinja tal-punent kienet tfarrket. Fit-territorji Luterani żviluppaw strutturi ġodda ekkleżjali. Il-paċi ta' Augsburg tal-1555 għall-ewwel irnexxielha tagħti garanzija ta' relazzjonijiet politiċi stabbli; iżda ma setgħetx twaqqaf il-konflitt kbir ewropew tas-seklu XVII: il-Gwerra tat-Tletin Sena (1618-1648). It-twaqqif ta' stati nazzjonali sekulari bi twemmin konfessjonali qawwi baqa' l-wirt tal-perjodu tar-Riforma.

Il-Konċilju Vatikan it-Tieni

90. Waqt li l-Konċilju ta' Trentu ddetermina b'mod ċar għal diversi sekli r-relazzjonijiet tal-Kattoliċi mal-Luterani, illum il-wirt tiegħu jrid jiġi eżaminat fid-dawl tad-deċiżjonijiet tal-Konċilju Vatikan II (1962-1965). Dan il-Konċilju għamilha possibbli għall-Knisja Kattolika biex tidħol fil-moviment ekumeniku u tpoġġi fil-ġenb l-atmosfera qawwija ta' polemika tal-epoka wara r-Riforma. Il-Kostituzzjoni Dommatika fuq il-Knisja (*Lumen gentium*), id-Digriet dwar l-Ekumeniżmu (*Unitatis redintegratio*), id-Dikjarazzjoni dwar il-libertà reliġjuża (*Dignitatis humanae*) u l-Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni (*Dei Verbum*) huma dokumenti li jqegħdu bażi għall-ekumeniżmu Kattoliku. Il-Konċilju Vatikan II jistqarr: "Il-Knisja, imwaqqfa u organizzata f'din id-dinja bħala soċjetà, issib il-milja tagħha fil-Knisja Kattolika..., għalkemm jibqa' veru li barra l-organizmu tagħha jeżistu ħafna elementi ta' qdusija u ta' verità, li għaliex huma doni proprji tal-Knisja ta' Kristu, iwasslu għall-unità Kattolika" (LG 8). Kien hemm apprezzament għal dak li l-Kattoliċi jaqsmu ma' Knejjes Insara oħra bħalma huma l-istqarrija tal-fidi, il-magħmudija u l-Kotba Mqaddsa. Teoloġija tal-komunjoni ekkleżjali stqarret li l-Kattoliċi huma f'komunjoni reali, ukoll jekk mhix perfetta ma' dawk kollha li jistqarru lil Ġesù Kristu u li huma mgħammdin.

Kap 4

Temi fundamentali tat-Teoloġija ta' Martinu Luteru fid-dawl tad-Djalogi Luterani-Kattoliċi Rumani

91. Sa mis-seklu sittax, il-konvinzjonijiet bażiċi kemm ta' Martinu Luteru kif ukoll tat-teoloġija Luterana kienu materja ta' kontroversja bejn il-Kattoliċi u l-Luterani. Djalogi ekumeniċi u tiftix akkademiku analizzaw dawn il-kontroversji u ppruvaw jegħlbuhom bil-għarfien tat-terminoloġiji differenti, l-istrutturi differenti tal-ħsieb u t-tħassib differenti li mhux bilfors wieħed iwarrab lill-ieħor.

92. F'dan il-kapitlu, Kattoliċi u Luterani flimkien jippreżentaw ftit mill-istqarrijiet teoloġiċi bażiċi li Martinu Luteru żviluppa. Din id-deskrizzjoni komuni ma tfissirx li l-Kattoliċi jaqblu f'kollox ma' kull stqarrija ta' Martinu Luteru kif hija ppreżentata hawn. Tibqa' l-ħtieġa ta' djalogu ekumeniku li jkompli u ftehim reċiproku. Madankollu, aħna wasalna fi stadju f'din il-mixja ekumenika li tgħinna nippreżentaw flimkien dak li ser ngħidu.

93. Huwa importanti li wieħed jiddistingwi bejn it-teoloġija ta' Luteru u t-teoloġija Luterana u, fuq kollox, bejn it-teoloġija ta' Luteru u d-duttrini ta' knejjes oħra Luterani kif huma espressi fil-kitbiet konfessjonali tagħhom. Din tal-aħħar hija l-punt ewlieni ta' referenza għad-djalogi ekumeniċi. Madankollu huwa xieraq hawn li nikkonċentraw fuq it-teoloġija ta' Luteru minħabba l-fatt tal-anniversarju li ser jitfakkar tal-31 t'Ottubru, 1517.

Kif hu mqassam dan il-kapitlu

94. Dan il-kapitlu jiffoka biss fuq erba' temi mit-teoloġija ta' Luteru: il-ġustifikazzjoni, l-Ewkaristija, il-ministeru u r-relazzjoni bejn l-Iskrittura u t-tradizzjoni. Minħabba l-importanza tagħhom fil-ħajja tal-Knisja u l-kontroversji li nibtu matul is-sekli, dawn it-temi ġew ittrattati b'mod aktar wiesa' fid-djalogi Kattoliċi-Luterani. Hawnhekk ser inniżżlu biss il-frott ta' dawn id-djalogi.

95. Id-diskussjoni dwar kull tema ssir fi tliet stadji. L-ewwel hija ppreżentata l-perspettiva ta' Luteru fuq kull wieħed mill-erba' temi teoloġiċi. Wara hemm deskrizzjoni tal-preokupazzjonijiet Kattoliċi dwar dik it-tema. Fl-aħħar issir ġabra fil-qosor li turi kif fid-djalogu ekumeniku t-teoloġija ta' Luteru tista' tidħol f'konverżazzjoni mad-duttrina Kattolika. Din il-parti turi ċar dak li flimkien hemm qbil dwaru u juri liema huma d-differenzi li fadal.

96. Tema importanti għal aktar diskussjoni hu kif nistgħu nidħlu aktar fil-fond biex naslu għal qbil dwar dawk il-punti fejn aħna nagħmlu enfasi differenti, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ekkleżjoloġija.

97. Huwa importanti li wieħed jinnota li mhux id-dikjarazzjonijiet kollha li saru fid-djalogu ekumeniku bejn il-Luterani u l-Kattoliċi għandhom l-istess grad ta' kunsens u anqas ma ġew milqugħin bl-istess mod mill-Kattoliċi u l-Luterani. Il-livell ta'awtorità l-aktar għoli qiegħed fid-*Dikjarazzjoni Flimkien dwar id-Duttrina tal-Ġustifikazzjoni* li kienet iffirmata f'Augsburg, il-Ġermanja, fil-31 t'Ottubru, 1999, minn rappreżentanti tal-Federazzjoni Luterana Dinjija u dawk

tal-Knisja Kattolika Rumana u li kienet ikkonfermata mill-Kunsill Metodista Dinji fl-2006. Dawk l-organiżmi li ħejjewha rċevew rapporti oħrajn min-naħa ta' kummissjonijiet internazzjonali u nazzjonali li jieħdu ħsieb id-djalogu ekumeniku; imma l-impatt tagħhom ivarja dwar it-teoloġija u l-ħajja tal-komunitajiet Kattoliċi u Luterani. Il-mexxejja tal-Knisja llum jaqsmu flimkien ir-responsabbiltà dejjem għaddejja fejn jiġu apprezzati u milqugħa l-konklużjonijiet tad-djalogi ekumeniċi.

Il-wirt medjevali ta' Martinu Luteru

98. Martinu Luteru kellu għeruq profondi fil-kultura tal-aħħar parti taż-Żminijiet tan-Nofs. Huwa seta' kien wieħed li jilqa' malajr it-teoloġiji tal-aħħar parti taż-Żminijiet tan-Nofs, fl-istess waqt jikkritika u jitbiegħed minnhom jew jimpenja ruħu fi proċess li jmur lil hemm minnhom. Fl-1505, huwa daħal fl-Ordni tal-eremiti Agostinjani f'Erfurt, u fl-1512 sar professur tat-teoloġija biblika fl-università ta' Wittenberg. F'din il-kariga huwa ffoka ħidmietu teoloġika l-aktar fuq l-interpretazzjoni tal-Kotba Mqaddsa. Din l-enfasi fuq il-Kotba Mqaddsa kienet għalkollox taqbel ma' dak li r-regoli tal-Ordni tal-Eremiti Agostinjani kienu jitolbu li patri għandu jagħmel, jiġifieri li jistudja u jimmedita l-Bibbja mhux biss b'fejda għalih waħdu, imma wkoll b'fejda spiritwali għall-oħrajn. Il-Missirijiet tal-Knisja, speċjalment Santu Wistin, kellhom rwol speċjali fl-iżvilupp u l-forma aħħarija tat-teoloġija ta' Luteru. "It-teoloġija tagħna u Santu Wistin qegħdin jagħmlu progress"[32] kiteb fl-1517, u fid-Disputa ta' Heidelberg (1518) huwa jagħmel referenza għal Santu Wistin bħala dak "li jinterpreta b'mod l-aktar fidil"[33] lill-appostlu San Pawl. Il-ħsieb ta' Luteru, għalhekk, kellu għeruq profondi fit-tradizzjoni patristika.

It-teoloġija monastika u mistika

99. Filwaqt li Luteru kellu xejra fuq kollox kritika għat-teoloġi skolastiċi, bħala eremita Agostinjan, huwa għal għoxrin sena għex, ħaseb u għamel teoloġija fit-tradizzjoni tat-teoloġija monastika. Wieħed mit-teoloġi monastiċi l-aktar influwenti kien Bernard minn Clairvaux li Luteru kien japprezza ħafna. Il-mod kif Luteru kien jinterpreta l-Iskrittura bħala l-post tal-laqgħa bejn Alla u l-bnedmin juri modi paralleli ċari mal-interpretazzjoni tal-Iskrittura kif kien jagħmilha Bernard.

100. Luteru kellu għeruq profondi ħafna fit-tradizzjoni mistika tal-aħħar perjodu taż-Żminijiet tan-Nofs. Huwa sab għajnuna u kien jispira ruħu mill-prietki bil-Ġermaniż ta' Giovann Tauler (li kien miet fl-1361) u kien iħossu jaqbel ħafna magħhom. Aktar minn hekk, Luteru nnifsu xandar it-test mistiku *Theologia deutsch* ("Teoloġija Ġermaniża," 1518), li kien miktub minn awtur mhux magħruf. Dan it-test xtered ħafna u kien sar magħruf sewwa bis-saħħa tal-pubblikazzjoni ta' Luteru.

101. Matul is-snin kollha ta' ħajtu kien grat ħafna għall-vigarju ġenerali tal-Agostinjani, Ġwanni ta' Staupitz u għat-teoloġija tiegħu msawra fuq Kristu li nisslitlu faraġ fid-diqa tiegħu. Staupitz kien jirrappreżenta l-mistika nuzjali. Luteru jagħraf bosta drabi kemm dan kien ta' benefiċċju għalih u għalhekk qal: "Staupitz beda din id-duttrina"[34] u kien ifaħħru "l-ewwel għax għalija kien missier f'dan it-tagħlim u għaliex hu wellidni fi Kristu".[35] Fl-aħħar parti taż-Żminijiet tan-Nofs kienet ġiet żviluppata teoloġija għal-lajċi. Din it-teoloġija (*Frömmigskeitstheologie,* teoloġija tat-tjieba) kienet tirrifletti fuq il-ħajja nisranija b'mod prattiku u kienet orjentata għall-

prattika tat-tjieba. Luteru kien imqanqal minn din it-teoloġija biex huwa nnifsu jikteb xi trattati għal-lajċi. Huwa ħa ħafna minn dawn l-istess temi, imma tahom bixra personali.

Il-ġustifikazzjoni
X'fehem Luteru b'ġustifikazzjoni

102. Luteru wasal għal wieħed mill-punti fundamentali tar-Riforma meta kien jirrifletti fuq is-sagrament tal-penitenza, speċjalment b'relazzjoni mat-test f'Mattew 16,18. Fl-edukazzjoni tiegħu fl-aħħar parti taż-Żminijiet tan-Nofs, huwa kien mgħallem jifhem li Alla kien jaħfer lil min juri ndiema għad-dnubiet tiegħu jew tagħha meta dawn jagħmlu att li bih iħobbu lil Alla fuq kollox, u għal dan l-att Alla jwieġeb skont il-patt (*pactum*) divin billi jagħti mill-ġdid il-grazzja u l-maħfra tiegħu (*facienti quod est in se est Deus non denegat gratiam*),[36] u għalhekk is-saċerdot seta' biss jiddikjara li Alla kien ġa ħafer id-dnub ta' min ikun nidem. Luteru kkonkluda li fil-kapitlu 16 ta' San Mattew kien qed jingħad eżattament bil-maqlub, jiġifieri li s-saċerdot kien jiddikjara l-midneb ġustifikat, u permezz ta' dan l-att imwettaq f'isem Alla, il-midneb kien isir effettivament ġust.

Il-Kelma t'Alla bħala wegħda

103. Luteru fehem il-kliem t'Alla bħala kliem li jaħlaq dak li jgħid u li għandu l-karattru ta' wegħda (*promissio*). Kelma ta' wegħda bħal din tingħad f'post partikulari u fi żmien partikulari, minn persuna partikulari u hija diretta lil persuna partikulari. Wegħda divina hija diretta lill-fidi ta' persuna. Il-fidi, imbagħad, tilqa' dak li jkun imwiegħed bħala mwiegħed lilha personalment bħala persuna li temmen. Luteru saħaq li fidi bħal din hija l-unika tweġiba flokha għal kelma ta' wegħda divina. Lill-bniedem huwa mitlub li jwarrab ħarstu 'l hemm minnu nnifsu u jħares biss lejn il-kelma tal-wegħda t'Alla u li jafda għalkollox fiha. Billi l-fidi hija mibnija fuq il-wegħda ta' Kristu, hija tassigura lil min jemmen ċertezza sħiħa tas-salvazzjoni. Jekk wieħed ma jafdax din il-kelma, ikun qed jagħmel lil Alla giddieb jew wieħed li fuq kelmtu persuna ma tistax finalment tistrieħ. Hekk, fil-ħsieb ta' Luteru, li wieħed ma jemminx huwa l-ikbar dnub kontra Alla.

104. Minbarra li bena d-dinamika bejn Alla u l-penitent fi ħdan is-sagrament tal-penitenza, ir-relazzjoni bejn il-wegħda u l-fiduċja tfassal ukoll ir-relazzjoni li titwaqqaf bejn Alla u l-bnedmin fit-tħabbir tal-Kelma. Alla jixtieq ikollu relazzjoni mal-bnedmin billi jagħtihom kliem ta' wegħda – is-sagramenti huma wkoll kliem hekk ta' wegħda – li juru r-rieda salvifika ta' Alla magħhom. Min-naħa tagħhom, il-bnedmin għandu jkollhom relazzjoni m'Alla biss billi jafdaw fil-wegħdiet tiegħu. Il-fidi tiddependi għalkollox fuq il-wegħdiet t'Alla; hija ma tistax toħloq l-oġġett li fih il-bnedmin iqiegħdu l-fiduċja tagħhom.

105. Madankollu, mhix materja ta' deċiżjoni umana li wieħed jafda fil-wegħdiet t'Alla; imma fuq kollox huwa l-Ispirtu Qaddis li jgħarraf li din il-wegħda hija ta' min joqgħod fuqha u, għaldaqshekk, tnissel il-fidi fil-persuna. Il-wegħda divina u l-fidi tal-bniedem f'din il-wegħda jimxu flimkien. Iż-żewġ aspetti jeħtieġ ikunu msaħħin: "l-oġġettività" tal-wegħda u "s-soġġettività" tal-fidi. Skont Luteru, Alla mhux biss jirrivela realtajiet divini bħala tagħrif li l-intellett irid japprova, imma r-rivelazzjoni t'Alla għandha dejjem skop ta' salvazzjoni dirett lejn

il-fidi u s-salvazzjoni ta' dawk li jemmnu, u li dawn jirċievu l-wegħdiet li Alla jagħti "għalikom" bħala kliem ta' Alla "għalija" jew "għalina" (*pro me, pro nobis*).

106. Il-ħidma li tibda minn Alla twaqqaf relazzjoni salvifika mal-bnedmin; b'dan il-mod is-salvazzjoni titwettaq permezz tal-grazzja. Id-don tal-grazzja wieħed jista' biss jirċevih, u minħabba l-fatt li dan id-don huwa mogħti b'wegħda divina, ma jistax jiġi milqugħ jekk mhux permezz tal-fidi, u mhux bis-saħħa tal-opri. Is-salvazzjoni titwettaq *biss permezz tal-grazzja*. Madankollu, Luteru saħaq b'mod ċar u kostanti li l-persuna ġustifikata tista' tagħmel opri tajba fl-Ispirtu.

Bi Kristu waħdu

107. L-imħabba t'Alla għall-bnedmin għandha ċ-ċentru u l-għeruq tagħha f'Ġesù Kristu u fih hija inkarnata. Għalhekk, l-espressjoni "bil-grazzja biss" jeħtieġ li tiġi dejjem spjegata bil-kliem "permezz ta' Kristu waħdu". Luteru jiddeskrivi r-relazzjoni tal-bnedmin ma' Kristu billi jużа x-xbieha ta' żwieġ spiritwali. Ir-ruħ hija l-għarusa; Kristu huwa l-għarus; il-fidi hija ċ-ċurkett tat-tieġ. Skont il-liġijiet li jirregolaw iż-żwieġ, il-proprjetà tal-għarus (il-ġustifikazzjoni) issir l-proprjetà tal-għarusa, u l-proprjetà tal-għarusa (id-dnub) isiru l-proprjetà tal-għarus. Din "il-bidla ta' ferħ" hija l-maħfra tad-dnubiet u s-salvazzjoni.

108. Din ix-xbieha turi li xi ħaġa barranija, jiġifieri l-ġustifikazzjoni ta' Kristu, issir ħaġa minn ġewwa. Issir proprjetà tar-ruħ, imma biss f'għaqda ma' Kristu permezz tal-fiduċja fil-wegħdi tiegħu, mhux fil-firda minnu. Luteru jisħaq li l-ġustifikazzjoni tagħna hija kollha kemm hi esterna għaliex hija l-ġustifikazzjoni ta' Kristu; imma jeħtieġ li ssir kollha kemm hi interna bil-fidi fi Kristu. Huwa biss jekk iż-żewġ aspetti jitqiegħedu ndaqs fl-istess importanza, ir-realtà tas-salvazzjoni tiġi miftiehma sewwa. Luteru jistqarr: "Huwa preċiżament fil-fidi li Kristu hu preżenti."[37] Kristu hu "għalina" (*pro nobis*) u fina (*in nobis*), u aħna ninsabu fi Kristu (*in Christo*).

Importanza tal-liġi

109. Luteru għaraf ukoll ir-realtà umana, fir-relazzjoni mal-liġi u t-tifsira tagħha teoloġika u spiritwali, mill-perspettiva ta' dak li Alla jitlob minna. Ġesù jesprimi r-rieda t'Alla meta qal: "Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'moħħok kollu" (Mt 22,37). Dan ifisser li nistgħu nosservaw il-kmandamenti tiegħu biss meta nagħtu lilna nfusna kollna kemm aħna lil Alla. Dan jiġbor fih mhux biss ir-rieda u l-opri esterni li jaqblu magħhom imma wkoll l-aspetti kollha tar-ruħ u tal-qalb tal-bniedem bħalma huma l-emozzjonijiet, ix-xewqat u l-isforzi umani, jiġifieri dawk l-aspetti u movimenti tar-ruħ li mhumiex taħt il-kontroll tar-rieda jew li huma hekk b'mod indirett u parzjali taħt il-kontroll tar-rieda permezz tal-prattika tal-virtujiet.

110. Fl-isfera ġuridika u morali hemm regola antika, li tidher evidenti, li ħadd ma jista' jiġi obbligat jagħmel aktar milli l-persuna tista' tagħmel (*ultra posse nemo obligatur*). Hekk, fiż-Żminijiet tan-Nofs, ħafna teoloġi kienu konvinti li dan il-kmandament li tħobb 'l Alla għandu jiġi limitat għar-rieda. Skont din il-fehma, il-kmandament li tħobb 'l Alla, ma jeħtieġx li t-

tqanqil kollu tar-ruħ għandu jiġi dirett u dedikat lil Alla. Imma jkun biżżejjed li r-rieda tħobb (jiġifieri tixtieq) 'l Alla fuq kollox (*diligere Deum super omnia*).

111. Luteru kien iżomm, iżda, li hemm differenza bejn l-interpretazzjoni ġuridika u dik morali tal-liġi fuq naħa waħda, u l-interpretazzjoni teoloġika tagħha min-naħa l-oħra. Alla ma kienx adatta l-kmandamenti tiegħu għall-kundizzjoni tal-bniedem wara l-waqgħa. Minflok, meta nifhmuh teoloġikament, il-kmandament li tħobb 'l Alla juri l-qagħda u l-miżerja tal-bnedmin. Kif Luteru kiteb fid-"Disputa kontra t-Teoloġija Skolastika", "meta persuna ma ssirx vittma la tar-rabja, la tal-ġibdiet, spiritwalment [biss] dik il-persuna ma toqtolx, ma tagħmilx il-ħażin, ma tinkurlax".[38] F'dan l-aspett, il-liġi divina mhix imwettqa prinċipalment permezz ta' azzjonijiet esterni, ta' atti jew tar-rieda, imma bid-dedikazzjoni mill-qalb tal-persuna kollha għar-rieda t'Alla.

Is-sehem fil-ġustizzja ta' Kristu

112. Il-pożizzjoni ta' Luteru li Alla kien jitlob dedikazzjoni sħiħa għat-twettiq tal-liġi tiegħu tispjega għaliex Luteru saħaq hekk bil-qawwa li aħna niddependu għalkollox mill-ġustizzja ta' Kristu. Kristu huwa l-persuna waħdanija li wettaq għalkollox ir-rieda t'Alla, u l-bnedmin l-oħra kollha jistgħu biss isiru ġusti f'sens strett, jiġifieri f'sens teoloġiku, jekk aħna nieħdu sehem fil-ġustizzja ta' Kristu. Għalhekk, il-qdusija tagħna hija minn barra minħabba l-fatt li hija l-qdusija ta' Kristu, imma li jeħtieġ issir tagħna, jiġifieri minn ġewwa, permezz tal-fidi fil-wegħda ta' Kristu. Huwa biss bis-sehem fid-dedikazzjoni sħiħa ta' Kristu lil Alla li aħna nistgħu nsiru għalkollox ġusti.

113. Minħabba l-fatt li l-evanġelju jwegħedna "Hawn hu Kristu u hawn hu l-Ispirtu tiegħu", is-sehem tagħna fil-ġustizzja ta' Kristu qatt ma titwettaq jekk ma tkunx taħt il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li jġeddidna. Hekk, li aħna nsiru ġusti u niġġeddu huma magħqudin b'mod sħiħ u ma jistgħux jinfirdu. Luteru ma kkritikax it-teoloġi sħabu bħal Gabriel Biel għall-enfasi kbira ħafna li qiegħdu fuq il-qawwa li tbiddel tal-grazzja; għall-kuntrarju, huwa kien kontra li huma ma għamlux enfasi qawwija biżżejjed biex juri li hija fundamentali għal bidla tassew f'min jemmen.

Liġi u Evanġelju

114. Skont Luteru, dan it-tiġdid ma jasal qatt biex jitwettaq fis-sħiħ sakemm għadna ħajjin. Għalhekk, Luteru sab mudell ieħor biex jispjega s-salvazzjoni tal-bniedem fl-Appostlu San Pawl li sar importanti għalih. Fl-Ittra lir-Rumani, 4,3, San Pawl jirreferi għal Abraham kif jidher fil-Ġenesi 15,6 ("Abraham emmen lil Alla u kien magħdud lilu b'ġustizzja") u jikkonkludi: "Iżda min bla ma jagħmel opri, jemmen lil Alla li jiġġustifika lil min hu ħażin, din il-fidi tiegħu tingħaddlu b'ġustizzja" (Rum 4,5).

115. Dan it-test mill-Ittra lir-Rumani jiġbor fih ix-xbieha f'sala tal-qorti ta' xi ħadd li jiġi ddikjarat ġust. Jekk Alla jiddikjara lil xi ħadd ġust, dan ibiddel il-qagħda u joħloq realtà ġdida. Il-ġudizzju t'Alla ma jibqax "barra" mill-bniedem. Luteru jużа spiss dan l-eżempju ta' San Pawl biex jisħaq li l-persuna kollha hija milqugħa minn Alla u hija salvata, ukoll jekk il-proċess tat-tiġdid minn ġewwa tal-bniedem ġustifikat f'persuna għalkollox dedikata lil Alla ma jintemmx fil-ħajja f'din l-art.

116. Bħala nies li nemmnu u li qegħdin fil-proċess li nkunu mġedda mill-Ispirtu s-Santu, aħna ma nosservawx sa issa għalkollox il-kmandament divin li nħobbu 'l Alla fuq kollox u ma nweġbux għal dak li Hu jrid minna. Għalhekk il-liġi takkużana u tagħrafna bħala midinbin. Quddiem il-liġi, mifhuma teoloġikament, aħna nemmnu li aħna għadna midinbin. Imma quddiem l-Evanġelju, li jwegħedna li "hawn hi l-ġustizzja ta' Kristu", aħna ġusti u ġustifikati għaliex nemmnu fil-wegħda tal-Evanġelju. Dan huwa l-ħsieb u l-fehma tal-Nisrani li jemmen li fl-istess waqt li huwa ġustifikat hu madankollu midneb (*simul iustus et peccator*).

117. Din mhix kontradizzjoni għaliex aħna rridu niddistingwu żewġ relazzjonijiet li l-bniedem li jemmen għandu mal-Kelma t'Alla: ir-relazzjoni mal-Kelma t'Alla bħala l-liġi t'Alla inkwantu tiġġudika l-midneb, u r-relazzjoni mal-Kelma t'Alla bħala l-Evanġelju ta' Alla inkwantu Kristu jifdina. Dwar l-ewwel relazzjoni, aħna midinbin; quddiem it-tieni relazzjoni aħna ġusti u ġustifikati. Din tal-aħħar hija r-relazzjoni predominanti. Dan ifisser li Kristu jdaħħalna fi proċess ta' tiġdid li ma jaqtax sakemm aħna nafdaw fil-wegħda tiegħu li aħna salvati għal dejjem.

118. Huwa minħabba dan li Luteru jisħaq b'qawwa kbira l-libertà tan-nisrani: il-libertà li jkun milqugħ minn Alla bis-saħħa tal-grazzja biss u bis-saħħa tal-fidi biss fil-wegħdiet ta' Kristu, il-libertà mill-akkuża tal-liġi bil-maħfra tad-dnubiet, u l-libertà li taqdi minn rajk lill-proxxmu, mingħajr ma tfittex merti għax tagħmel hekk. Il-persuna ġustifikata hija, naturalment, obbligata li tosserva l-kmandamenti t'Alla, u dan tagħmlu mqanqla mill-Ispirtu s-Santu. Hekk Luteru ddikjara fil-Katekiżmu ż-Żgħir: "Jeħtieġilna nibżgħu u nħobbu 'l Alla, u għalhekk aħna..." u wara dan jagħti t-tifsir tal-Għaxar Kmandamenti.[39]

Preokkupazzjonijiet Kattoliċi dwar il-ġustifikazzjoni

119. Fis-seklu sittax ukoll kien hemm konverġenza li kienet tidher bejn dak li kienu jgħidu l-Kattoliċi u l-Luterani dwar il-ħtieġa tal-ħniena t'Alla u n-nuqqas ta' ħila tal-bnedmin biex jaslu għas-salvazzjoni b'saħħithom stess. Il-Konċilju ta' Trentu ddeċieda b'mod ċar li l-midneb ma jistax jiġi ġġustifikat la bil-liġi u lanqas bl-isforzi tiegħu stess; il-Konċilju kkundanna lil kull min kien jistqarr li "l-bniedem jista' jiġi ġustifikat quddiem Alla bl-opri biss li huwa jagħmel bis-saħħa tal-qawwiet naturali tiegħu, jew bis-saħħa tat-tagħlim tal-Liġi, mingħajr il-grazzja divina li tingħatalu permezz ta' Ġesù Kristu".[40]

120. Madankollu, il-Kattoliċi qiesu bħala problematiċi xi pożizzjonijiet ta' Luteru. F'xi każi, il-kliem użat minn Luteru qajjem fost il-Kattoliċi l-biża' li huwa seta jiċħad ir-responsabbiltà personali tal-azzjonijiet ta' dak li jkun. Dan jispjega l-motiv għaliex il-Konċilju ta' Trentu enfasizza r-responsabbiltà tal-persuna umana u l-kapaċità li tikkopera mal-grazzja t'Alla. Il-Kattoliċi saħqu li dawk li jkunu ġustifikati għandhom jinvolvu ruħhom biex jinfetħu għall-grazzja f'ħajjithom. Hekk, għal dawk li huma ġustifikati, l-isforzi umani jgħinu biex il-grazzja u l-komunjoni m'Alla jikbru b'mod aktar intensiv.

121. Aktar minn hekk, skont l-interpretazzjoni Kattolika, id-duttrina "tal-imputazzjoni forensika" ta' Luteru dehret tiċħad is-setgħa kreattiva tal-grazzja t'Alla li tirbaħ id-dnub u tbiddel mill-qiegħ lil min ikun iġġustifikat. Il-Kattoliċi riedu għalhekk iqiegħdu l-enfasi mhux biss fuq

il-maħfra tad-dnubiet, imma wkoll fuq it-triq li twassal għall-qdusija tal-midneb. Fil-qdusija, għalhekk, in-nisrani jirċievi dik "il-ġustizzja t'Alla" li bis-saħħa tagħha Alla jagħmilna ġusti.

Id-djalogu bejn il-Luterani u l-Kattoliċi dwar il-ġustifikazzjoni

122. Luteru u riformaturi oħra fehmu d-duttrina tal-ġustifikazzjoni tal-midinbin bħala "l-ewwel artiklu u l-aktar wieħed importanti",[41] "li jmexxi u jiġġudika l-aspetti l-oħra kollha tat-tagħlim nisrani".[42] Dan jispjega għaliex firda fuq din it-tema kienet daqshekk gravi u l-ħidma biex tiġi mfejqa din il-qasma saret materja ta' prijorità l-aktar għolja għar-relazzjonijiet bejn il-Luterani u l-Kattoliċi. Fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin din il-kontroversja kienet analizzata b'mod wiesa' ħafna minn teoloġi individwali u minn djalogi bla għadd kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

123. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji u djalogi huma miġbura fil-qosor fid-*Dikjarazzjoni Flimkien dwar id-Duttrina tal-Ġustifikazzjoni* u fl-1999 ġew milqugħa uffiċjalment mill-Knisja Kattolika Rumana u mill-Federazzjoni Luterana Dinjija. Dak li ser jingħad fil-qosor hawn huwa mibni fuq din id-Dikjarazzjoni li toffri kunsens b'differenzi li jiġbor fih stqarrijiet komuni flimkien ma' enfasi differenti ta' kull naħa. Flimkien ma' dawn hemm l-istqarrijiet li dawn id-differenzi ma jirrendux invalidi dak li huwa komuni. Għalhekk dan huwa kunsens li ma jneħħix għalkollox id-differenzi, imma aktar li jinkludihom fihom b'mod espliċitu.

Bil-grazzja biss

124. Kattoliċi u Luterani flimkien jistqarru: "Mhux bis-saħħa tal-merti tagħna, imma biss permezz tal-grazzja, u bil-fidi fl-opra salvifika ta' Kristu, aħna milqugħin minn Alla u nirċievu l-Ispirtu s-Santu, li jġedded qlubna, jagħtina s-saħħa u jsejħilna biex inwettqu opri tajba" (*JDDJ,* 15). L-espressjoni "bis-saħħa tal-grazzja biss" hija, imbagħad, spjegata aktar b'dan il-mod: "Il-messaġġ tal-ġustifikazzjoni (...) jgħidilna li aħna, bħala midinbin, il-ħajja ġdida tagħna nafuha biss lill-ħniena li taħfer u ġġedded li Alla jagħtina bħala riġal fil-fidi, imma li ma nistgħu qatt nimmeritaw bl-ebda mod" (*JDDJ,* 17).[43]

125. Huwa f'dan il-kwadru li nistgħu nagħrfu l-limiti u d-dinjità tal-libertà tal-bniedem. Il-fraži "permezz tal-grazzja biss" f'dak li għandu x'jaqsam mal-mixja tal-bniedem lejn is-salvazzjoni, irid jiġi interpretat b'dan il-mod: "Aħna flimkien nistqarru li l-bniedem jiddependi f'kollox għas-salvazzjoni tiegħu mill-grazzja salvifika ta' Alla. Il-libertà li huwa għandu fir-relazzjoni mal-bnedmin u mal-ħwejjeġ ta' din id-dinja, mhix libertà b'relazzjoni mas-salvazzjoni" (*JDDJ,* 19).

126. Meta l-Luterani jinsistu li persuna tista' tirċievi biss il-ġustifikazzjoni, huma jifhmu b'dan il-mod li "iwarrbu kull possibbiltà li l-persuna tista' tagħti sehem għall-ġustifikazzjoni tagħha stess, imma mingħajr ma jiċħdu s-sehem personali u sħiħ tagħha proprju personali fil-fidi tagħha, li hija mħaddma bl-istess Kelma t'Alla." (*JDDJ,* 21).

127. Meta l-Kattoliċi jitkellmu dwar it-tħejjija għall-grazzja bi kliem bħal "kooperazzjoni", b'dan huma jifhmu "kunsens personali" tal-bniedem, jiġifieri "mhux xi azzjoni li tiġi mill-forzi proprji tal-bniedem, imma bħala effett tal-grazzja" (*JDDJ,* 20). Hekk huma ma jġibux bla tifsira l-istqarrija komuni li l-midinbin huma "inkapaċi li jduru bil-forzi tagħhom lejn Alla biex iduru

lejn Alla biex jagħtihom is-salvazzjoni, biex jimmeritaw il-ġustifikazzjoni tagħhom quddiem Alla, jew biex jiksbu s-salvazzjoni bil-ħiliet tagħhom. Il-ġustifikazzjoni titwettaq biss bil-grazzja t'Alla" (*JDDJ,* 19).

128. Minħabba l-fatt li l-fidi hija mifhuma mhux biss bħala għarfien pożittiv, imma wkoll bħala l-fiduċja tal-qalb li tinbena fuq il-Kelma t'Alla, wieħed jista' wkoll jistqarr flimkien: "Il-ġustifikazzjoni sseħħ 'bil-grazzja biss' (*Dikj. Flim.* 15 u 16), bil-fidi biss; il-persuna hija ġustifikata, "mingħajr l-opri" (*Rum 3,28,* ara *JDDJ,* 25)" (*JDDJ, Żieda* 2C).[44]

129. Dak li xi drabi kien maqtugħ għalih u attribwit lil xi Konfessjoni reliġjuża jew oħra, imma mhux lit-tnejn, illum huwa mifhum f'koerenza organika: "Meta persuni jersqu bil-fidi fi Kristu, Alla ma jħarisx lejn dnubiethom aktar u jħaddem fihom imħabba attiva bis-saħħa tal-Ispirtu s-Santu. Dawn iż-żewġ aspetti tal-ħidma salvifika t'Alla m'għandhomx ikunu mifrudin" (*JDDJ,* 22).

Il-fidi u l-opri tajba

130. Huwa importanti li l-Luterani u l-Kattoliċi jkollhom qbil komuni dwar il-mod kif jifhmu l-koerenza bejn il-fidi u l-opri: dawk li jemmnu "iqiegħdu l-fiduċja tagħhom fil-wegħda tal-ħniena t'Alla fil-fidi li tiġġustifikahom, li tiġbor fiha tama fih u mħabba għalih. Din il-fidi hija attiva fl-imħabba u hekk in-Nisrani ma jistax u m'għandux jibqa' mingħajr ma jwettaq opri (*JDDJ,* 25). Għalhekk, il-Luterani wkoll jistqarru s-setgħa li taħlaq tal-grazzja t'Alla li "tolqot id-dimensjonijiet kollha tal-persuna u twassal għal ħajja ta' tama u mħabba" (*JDDJ,26.).* "Ġustifikazzjoni bil-fidi biss" u "tiġdid tal-ħajja" għandhom jiġu distinti imma mhux mifrudin.

131. Fl-istess waqt, "dak li jseħħ fil-bniedem ġustifikat qabel jew wara d-don tal-fidi li jingħata b'xejn mhux la l-bażi tal-ġustifikazzjoni u lanqas jimmeritaha" (*JDDJ,* 25). Dan huwa għaliex l-effett kreattiv li l-Kattoliċi jagħtu lill-grazzja ġustifikanti mhux mifhum bħala kwalità li m'għandhiex relazzjoni m'Alla, lanqas bħala xi ġid li l-bniedem jista' jagħmlu tiegħu: "Il-bniedem ma jista' qatt jagħmel tiegħu l-grazzja ġustifikanti u lanqas jitlobha bi dritt lil Alla" (*Dikjarazzjoni Flimkien,* 27). Iżda, dan l-argument iqis li fir-relazzjoni ġdida m'Alla, il-ġusti huma mibdulin u magħmulin ulied Alla u jgħixu b'dan il-mod f'għaqda ġdida ma' Kristu: "Din ir-relazzjoni personali ġdida m'Alla hija għalkollox mibnija fuq il-ħniena tiegħu u tibqa' tiddependi mill-grazzja li ssalva u li taħlaq ta' Alla ħanin li jibqa' dejjem fidil miegħu nnifsu hekk li wieħed jista' jibqa' jqiegħed il-fiduċja tiegħu fih" (*JDDJ,* 27).

132. Dwar il-kwistjoni tal-opri tajba, il-Kattoliċi u l-Luterani jistqarru flimkien: "Aħna wkoll nistqarru li l-kmandamenti t'Alla jibqgħu jgħoddu għall-bniedem ġustifikat" (*JDDJ,* 31). Ġesù u l-Kitbiet appostoliċi "iħeġġu lill-insara jwettqu l-opri ta' mħabba li jiġu wara l-ġustifikazzjoni u huma l-frott tagħha" (*Dikj. Flim.,* 37). Sabiex il-qawwa li torbot tal-kmandamenti ma tiftiehemx ħażin, jingħad: "Meta l-Kattoliċi jenfasizzaw li l-ġusti huma marbutin josservaw il-kmandamenti t'Alla, b'hekk huma ma jiċħdux li, permezz ta' Ġesu' Kristu, il-grazzja tal-ħajja ta' dejjem hija mwegħda minn Alla fil-ħniena tiegħu lil uliedu" (*JDDJ,* 33)

133. Kemm il-Luterani kif ukoll il-Kattoliċi jagħrfu l-valur tal-opri tajba biex isaħħu aktar fil-fond l-għaqda ma' Kristu (ara *JDDJ,* 38s), ukoll jekk il-Luterani jisħqu li l-ġustizzja, bħala

aċċettazzjoni min-naħa t'Alla u parteċipazzjoni fil-ġustizzja ta' Kristu, hija dejjem perfetta. L-idea kontroversjali tal-mertu hija spjegata hekk: "Meta l-Kattoliċi jistqarru "l-karattru meritorju" tal-opri tajba, b'dan huma jifhmu li, skont ix-xhieda biblika, premju fis-sema huwa mwiegħed għal dawn l-opri. L-intenzjoni tagħhom hija li jenfasizzaw ir-responsabbiltà tal-bniedem fil-konfront tal-azzjonijiet tiegħu, mingħajr ma jikkontestaw b'dan il-kwalità ta' dawk l-opri bħala don, u wisq anqas jiċħdu li l-ġustifikazzjoni nnifisha tibqa' dejjem id-don mhux immeritat tal-grazzja" (*JDDJ,* 38).

134. Dwar il-kwistjoni diskussa ħafna tal-koperazzjoni tal-bniedem fil-ġustifikazzjoni, fiż-Żieda tad-*Dikjarazzjoni Flimkien dwar il-Ġustifikazzjoni* ġiet imdaħħla kwotazzjoni meħuda mill-Istqarrija Luterana, sabiex tisħaq bl-iktar mod ċar il-qagħda komuni tal-Luterani u tal-Kattoliċi dwar dan il-punt: "Il-ħidma tal-grazzja t'Alla ma twarrabx l-azzjoni tal-bniedem: Alla hu li jaħdem fikom, u jġegħelkom tridu u tħabirku biex tagħmlu dak li jogħġob lilu" (ara Fil 2, 12ss). Malli l-Ispirtu Qaddis beda fikom ħidmietu li jwellidkom mill-ġdid u jġeddidkom, bis-saħħa tal-Kelma u tas-sagramenti qaddisa, hija ħaġa ċerta li aħna nistgħu u jeħtieġilna nikkoperaw bil-qawwa tal-Ispirtu Qaddis (...)".[45]

Ġust u midneb fl-istess waqt

135. Fid-dibattitu dwar id-differenzi li ħarġu meta jingħad li n-Nisrani huwa "ġust u midneb fl-istess waqt" deher li ż-żewġ naħat tad-djalogu ma jifhmux eżattament l-istess ħaġa bil-kelma "dnub", "konkupixxenza" u "ġustizzja". Huwa meħtieġ li nikkonċentraw l-attenzjoni tagħna mhux biss fuq il-kliem imma wkoll fuq xi jfisser biex naslu għal qbil. Bil-kliem mill-Ittra lir-Rumani (6,12) u mit-Tieni Ittra lill-Korintin (5,17), il-Kattoliċi u l-Luterani jgħidu li, fl-Insara, id-dnub ma jistax u m'għandux isaltan. Barra dan jistqarru wkoll mal-Ewwel Ittra ta' Ġwanni (1,8-10) li l-insara mhumiex mingħajr dnub. Huma jitkellmu "mill-oppożizzjoni għal Alla li tiġi mill-konkupixxenza egoistika tal-bniedem il-qadim" li hija wkoll fil-bniedem li hu ġġustifikat li "ma jistax jeżenta ruħu minn dil-ġlieda tul ħajtu kollha" li għalhekk issir meħtieġa (*JDDJ,* 28).

136. Din l-inklinazzjoni "ma taqbilx mal-pjan oriġinali ta' Alla għall-bniedem" u titqiegħed "oġġettivament f'oppożizzjoni għal Alla" (*JDDJ,* 30), hekk kif jistqarru l-Kattoliċi. Għaliex, għalihom, id-dnub għandu l-karattru ta' att, il-Kattoliċi hawn ma jitkellmux minn dnub, waqt li l-Luterani jaraw f'din l-inklinazzjoni oppożizzjoni għal Alla u ċaħda li wieħed jintelaq għalkollox f'Alla u għalhekk isejħu din l-inklinazzjoni dnub. Madankollu t-tnejn iqegħdu l-aċċent tagħhom fuq il-fatt li din l-oppożizzjoni għal Alla ma tifridx il-bniedem ġustifikat minn Alla.

137. Fid dawl tal-presuppożizzjonijiet proprji tas-sistema teoloġika tiegħu u wara li studja l-kitbiet ta' Luteru, il-Kardinal Caietanus ikkonkluda li l-interpretazzjoni ta' Luteru dwar il-garanzija assoluta mogħtija mill-fidi kienet timplika t-twaqqif ta' Knisja ġdida. Id-djalogu Kattoliku-Luteran għaraf il-forom differenti tal-ħsieb ta' Caietanus u ta' Luteru li wasslu għal nuqqas ta' ftehim reċiproku bejn Caietanus u Luteru. Illum nistgħu nistqarru: "Il-Kattoliċi jaqsmu mar-Riformati l-orjentament tar-Riformaturi biex jibnu l-fidi tagħhom fuq ir-realtà oġġettiva tal-wegħda ta' Kristu, li tħares 'l hemm mill-esperjenza personali u tafda biss fuq il-wegħda li jagħmel Kristu li jaħfer (ara Mt 16,19)" (*JDDJ,* 36).

138. Kemm il-Luterani kif ukoll il-Kattoliċi kkundannaw d-duttrini ta' xulxin. Għalhekk il-kunsens b'differenza li hemm fid-*Dikjarazzjoni Flimkien dwar id-Duttrina tal-Ġustifikazzjoni* tiġbor fiha żewġ aspetti. Min-naħa l-waħda d-*Dikjarazzjoni* tistqarr li l-kundanni reċiproċi tad-duttrina Kattolika u ta' dik Luterana kif murija hemmhekk ma japplikawx għall-konfessjoni l-oħra. Min-naħa l-oħra, id-*Dikjarazzjoni* tistqarr f'sens pożittiv qbil dwar il-veritajiet fundamentali tad-duttrina tal-ġustifikazzjoni: "Il-għarfien tad-duttrina tal-ġustifikazzjoni esposta f'din id-Dikjarazzjoni turi l-eżistenza ta' qbil bejn il-Luterani u l-Kattoliċi dwar il-veritajiet fundamentali ta' din id-duttrina tal-ġustifikazzjoni" (*JDDJ*, 40).

139. "Fid-dawl ta' dan il-qbil, id-differenzi li jibqa' f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-kliem, żviluppi teoloġiċi u enfasi biex wieħed jifhem il-ġustifikazzjoni huma aċċettabbli (...). Għal dan il-għan l-ispjegazzjonijiet dwar il-fidi fil-ġustifikazzjoni mogħtija kemm mil-Luterani kif ukoll dik mogħtija mill-Kattoliċi huma, fid-differenzi tagħhom, miftuħin għal xulxin b'tali mod li ma jirrendux invalidu mill-ġdid il-qbil milqugħ dwar veritajiet fundamentali" (*JDDJ,* 40). "Hekk, il-kundanni duttrinali tas-seklu sittax, sakemm dawn ikunu f'relazzjoni mad-duttrina tal-ġustifikazzjoni, jidhru f'dawl ġdid: it-tagħlim tal-Knejjes Luterani mniżżel hawn f'din id-Dikjarazzjoni ma jaqax taħt il-kundanni tal-Konċilju ta' Trentu. Il-kundanni tal-Istqarrijiet Luterani ma jolqtux it-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana kif dawn huma murija f'din id-Dikjarazzjoni" (*JDDJ,* 41). Din hija tweġiba ta' importanza kbira dwar il-konflitti li qamu dwar din id-duttrina u li tawlu għal kważi 500 sena.

L-Ewkaristija

Il-fehma ta' Luteru dwar l-Aħħar Ikla tal-Mulej

140. Kemm għal-Luterani kif ukoll għall-Kattoliċi, l-Aħħar Ikla tal-Mulej hija rigal jiswa wisq li fih l-Insara jsibu l-għixien u l-faraġ tagħhom, u li fiha l-Knisja hija dejjem imsejħa u mibnija mill-ġdid . Għalhekk, il-kontroversji dwar is-sagrament tal-Ewkaristija jnisslu wġigħ kbir.

141. Luteru fehem is-sagrament tal-Ewkaristija bħala *testment*, il-wegħda ta' xi ħadd li kien wasal biex imut, kif jidher ċar mill-verżjoni Latina tal-kliem tat-twaqqif tiegħu. Għall-bidu, Luteru fehem il-wegħda (*testment*) ta' Kristu bħala l-wegħda tal-grazzja u tal-maħfra tad-dnubiet; iżda wara d-diskussjoni ma' Huldrych Zwingli huwa qiegħed l-enfasi fuq il-konvinzjoni profonda tiegħu li Kristu jagħti lilu nnifsu, ġismu u demmu, li huma realment preżenti. Mhix il-fidi li tagħmel preżenti lil Kristu; huwa Kristu li jagħti lilu nnifsu, ġismu u demmu, lil dawk li jitqarbnu, jemmnu jew ma jemmnux f'dan. Hekk, l-oppożizzjoni ta' Luteru għad-duttrina ta' żmienu ma kenitx ċaħda tal-preżenza reali ta' Ġesù Kristu, imma kienet aktar dwar il-mod kif tiftiehem "il-bidla" fl-Ikla tal-Mulej.

Il-preżenza reali ta' Kristu

142. Il-Konċilju Lateran IV (1215) kien uża l-kelma *transubstantiare*, li ġġib magħha distinzjoni bejn sustanza u aċċidenti.[46] Ukoll jekk għal Luteru din kienet spjega possibbli ta' dak li jitwettaq fl-Ikla tal-Mulej, huwa ma rnexxilux jara kif din l-ispjegazzjoni filosofika setgħet torbot lill-insara kollha. Hu x'inhu l-każ, Luteru nnifsu saħaq bil-qawwa kollha l-preżenza reali ta' Kristu fis-sagrament.

143. Fil-ħsieb ta' Luteru, il-ġisem u d-demm ta' Kristu huma preżenti "ġewwa, flimkien u taħt" l-ispeċi tal-ħobż u tal-inbid. Hemm bidla ta' kwalitajiet (*communicatio idiomatum*) bejn il-ġisem u d-demm ta' Kristu u l-ħobż u l-inbid. Dan joħloq għaqda sagramentali bejn il-ħobż u l-ġisem ta' Kristu u l-inbid u d-demm ta' Kristu. Dan il-mod ġdid ta' għaqda, iffurmata mit-tisħib flimkien tal-kwalitajiet, hija analoga mal-għaqda tan-natura divina u n-natura umana fi Kristu. Luteru pparaguna din l-għaqda sagramentali wkoll mal-għaqda bejn il-ħadid u n-nar f'ħadida li tkun qegħda fin-nar.

144. Bħala konsegwenza tal-mod kif Luteru fehem il-kliem tat-twaqqif tal-Ewkaristija ("Ixorbu minnu lkoll", Mt 26,27), huwa kkritika l-użanza li tiċħad lil-lajċi li jirċievu l-Ewkaristika taħt iż-żewġ speċi tal-ħobż u tal-inbid. Huwa ma żammx b'hekk li l-lajċi kienu b'daqshekk jirċievu nofs Kristu, imma stqarr li kienu jirċievu tassew 'il Kristu sħiħ u kollu taħt kull waħda mill-ispeċi. Madankollu huwa qal li l-Knisja ma kellhiex dritt tirtira t-tqarbin bl-ispeċi tal-inbid mil-lajċi għaliex il-kliem tat-twaqqif huma ħafna ċari dwar dan. Il-Kattoliċi jfakkru lil-Luterani li r-raġuni ewlenija għala daħal l-użu tat-tqarbin bi speċi waħda kien minħabba raġunijiet pastorali.

145. Luteru fehem li l-Ikla tal-Mulej hija ġrajja komunitarja, ikla tassew, fejn l-ispeċi mbierka huma destinati li jiġu kkunsmati, u mhux merfugħa wara ċ-ċelebrazzjoni. Huwa kien iħeġġeġ li l-elementi kollha jiġu kkunsmati hekk li l-kwistjoni tal-preżenza li tibqa' ta' Kristu ma kienx ikun hemm għalfejn tqum.[47]

Is-sagrifiċċju Ewkaristiku

146. L-oġġezzjoni ewlenija ta' Luteru dwar id-duttrina Kattolika fuq l-Ewkaristija kienet diretta kontra l-fehma li l-Quddiesa hija sagrifiċċju. It-teoloġija tal-Ewkaristija bħala tifkira reali (*anamnesis, Realgedächtnis),* li kienet tgħid li s-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu, li jiswa darba għal dejjem (Lhud 9,1-10.18), isir preżenti biex jieħdu sehem il-fidili, ma kienx mifhum kif suppost fil-perjodu tal-aħħar parti taż-Żminijiet tan-Nofs. Għahekk, ħafna kienu jieħdu ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa bħala sagrifiċċju ieħor miżjud mas-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu. Skont teorija li ġejja minn Duns Scotus, il-multiplikazzjoni tal-quddies seta' kien ifisser multiplikazzjoni tal-grazzja u applikazzjoni ta' din il-grazzja lil persuni individwali. Dan huwa għaliex fi żmien Luteru, biex nieħdu eżempju, eluf ta' quddies privat kienu jiġu ċelebrati kull sena fil-knisja tal-kastell ta' Wittenberg.

147. Luteru saħaq li, skont il-kliem tat-twaqqif tal-Ewkaristija, Kristu jagħti lilu nnifsu fl-Ikla tal-Mulej lil dawk li jirċevuh u li, bħala rigal, wieħed kien jista' jirċevih bil-fidi u mhux joffrih bħala offerta. Li kieku Kristu kellu jiġi offrut lil Alla, l-istruttura interna u d-direzzjoni tal-Ewkaristija kien ikollhom jinqalbu. Fil-ħsieb ta' Luteru, jekk wieħed jifhem l-Ewkaristija bħala sagrifiċċju kien ikun ifisser li kienet opra tajba li aħna nagħmlu u li noffru lil Alla. Imma huwa argumenta li bħalma aħna ma nistgħux nirċievu l-magħmudija minflok xi ħadd ieħor għalih, hekk ma nistgħux nieħdu sehem fl-Ewkaristija f'isem xi ħadd ieħor jew għall-benefiċċju ta' xi ħadd ieħor. Minflok nirċievu dan id-don li jiswa ħafna li huwa Kristu nnifsu u li hu qed joffrielna, aħna nkunu qegħdin nippruvaw noffru xi ħaġa lil Alla u għalhekk nibdlu don divin f'opra tajba.

148. Madankollu, Luteru kien jara element ta' sagrifiċċju fil-Quddiesa: sagrifiċċju ta' radd il-ħajr u ta' tifħir. Huwa tassew sagrifiċċju minħabba l-fatt li waqt li trodd ħajr, dak li jkun jagħraf li jeħtieġ dak id-don u li l-qagħda tiegħu jew tagħha tinbidel biss meta jirċievi dak id-don. B'dan il-mod li tirċievi tassew bil-fidi fiha dimensjoni attiva li ma tistax tiġi meqjusa bħallikieku ma hi xejn.

Thassib Kattoliku dwar l-Ewkaristija

149. Min-naħa Kattolika, iċ-ċaħda ta' Luteru tal-idea tat- "transustanzazzjoni" qajmet dubji jekk id-duttrina tal-preżenza reali ta' Kristu kenitx qed tiġi milqugħa għalkollox mit-teoloġija tiegħu. Ukoll jekk il-Konċilju ta' Trentu stqarr li huwa kważi impossibbli wieħed jgħid bil-kliem il-mod kif isseħħ din il-preżenza u għamel distinzjoni bejn il-bidla tal-elementi u l-ispjega teknika tagħha; madankollu l-Konċilju ddikjara li "l-Knisja qaddisa u Kattolika kif jixraq u sewwa tagħmel issejjaħ din il-bidla transustanzazzjoni".[48] Dan il-kunċett deher għall-Knisja Kattolika l-aħjar garanzija biex iżżomm il-preżenza reali ta' Ġesù Kristu taħt l-ispeċi tal-ħobż u tal-inbid u biex tiżgura li r-realtà sħiħa ta' Ġesù Kristu hija preżenti f'kull waħda mill-ispeċi. Meta l-Kattoliċi jisħqu fuq it-trasformazzjoni tal-elementi nfushom maħluqa, huma jridu juru fid-dawl is-setgħa ħallieqa t'Alla li ġġib il-ħolqien ġdid fil-qalba tal-ħolqien antik.

150. Filwaqt li l-Konċilju ta' Trentu ddefenda l-użanza tal-adorazzjoni tas-Sagrament l-aktar Qaddis, huwa beda jistqarr li l-iskop ewlieni tal-Ewkaristija hu l-komunjoni ta' dawk li jemmnu. L-Ewkaristija kienet imwaqqfa minn Kristu biex tkun ikkunsmata bħala ikel spiritwali. [49]

151. Bħala konsegwenza tat-telfa tal-idea sħiħa ta' tifkira, il-Kattoliċi sabu ruħhom quddiem diffikultà ta' nuqqas ta' kategoriji ċari biżżejjed li bihom setgħu jfissru l-karattru tas-sagrifiċċju tal-Ewkaristija. Il-Kattoliċi ħassewhom marbutin ma' tradizzjoni li tmur lura għal żmien il-Missirijiet tal-Knisja u ma ridux iħallu l-identifikazzjoni tal-Ewkaristija bħala sagrifiċċju reali wkoll jekk huma ssieltu biex jistqarru l-identità ta' dan is-sagrifiċċju ewkaristiku mas-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu. It-tiġdid tat-teoloġija sagramentali u liturġika, kif inkitbet mill-Konċilju Vatikan II, kien meħtieġ biex tingħata ħajja mill-ġdid l-idea ta' tifkira (*anamnesis*) (*SC*, 47; *LG*, 3).

152. Fid-djalogu ekumeniku tagħhom, il-Luterani u l-Kattoliċi setgħu t-tnejn ikollhom benefiċċju tar-riflessjonijiet tal-moviment liturġiku u ta' kunċetti ġodda teoloġiċi. Permezz tas-sejba mill-ġdid tal-kunċett tal-*anamnesis* it-tnejn imxew għal għarfien aħjar tal-mod kif is-sagrament tal-Ewkaristija bħala tifkira jagħmel preżenti b'mod effikaċi l-ġrajjiet tas-salvazzjoni, u b'mod partikulari s-sagrifiċċju ta' Kristu. Il-Kattoliċi jirnexxilhom japprezzaw il-ħafna forom tal-preżenza ta' Kristu fil-liturġija tal-Ewkaristija, bħall-preżenza tiegħu fil-Kelma u fil-miġemgħa. (*SC* 7) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kliem tal-misteru tal-Ewkaristija, il-Kattoliċi tgħallmu li jikkunsidraw mill-ġdid espressjonijiet differenti ta' fidi fil-preżenza reali ta' Ġesù Kristu fis-sagrament. Il-Luterani waslu għal għarfien ġdid tar-raġunijiet biex jittrattaw b'rispett l-elementi mbierka wara ċ-ċelebrazzjoni.

Id-djalogu Luteran-Kattoliku dwar l-Ewkaristija

153. Il-kwistjoni tar-realtà tal-preżenza ta' Ġesù Kristu fl-Ikla Mqaddsa tal-Mulej mhix materja ta' kontroversja bejn il-Kattoliċi u l-Luterani. Id-djalogu bejn il-Luterani u l-Kattoliċi dwar l-Ewkaristija wasal fi stat li jiddikjara: "It-tradizzjoni Luterana tistqarr, flimkien mat-tradizzjoni Kattolika, li l-elementi kkonsagrati ma jibqgħux sempliċement ħobż u nbid, iżda bil-qawwa tal-kelma li taħlaq jingħataw lilna bħala l-ġisem u d-demm ta' Kristu. F'dan is-sens, il-Luterani wkoll jistgħu, xi drabi jitkellmu flimkien mat-tradizzjoni Griega, dwar "trasformazzjoni" (*Eucharist,* 51).[50] Kemm il-Kattoliċi kif ukoll il-Luterani "flimkien huma kontra l-kunċett spazjali jew naturali ta' din il-preżenza tas-sagrament sempliċement bħala għarfien ta' tifkira jew waħda metaforika" (*Eucharist,* 16).[51]

Għarfien komuni tal-preżenza reali ta' Kristu

154. Il-Luterani u l-Kattoliċi jistgħu flimkien jistqarru l-preżenza reali ta' Ġesù Kristu fl-Ikla Mqaddsa. "Fis-sagrament tal-Ewkaristija Ġesù Kristu, Alla veru u bniedem veru, huwa kollu kemm hu preżenti bil-ġisem tiegħu u bid-demm tiegħu taħt is-sinjali tal-ħobż u tal-inbid" (*Eucharist,* 16). Din id-dikjarazzjoni flimkien tistqarr l-elementi kollha essenzjali tal-fidi fil-preżenza ewkaristika ta' Ġesù Kristu mingħajr ma tuża t-terminoloġija konċettwali tat-transustanzazzjoni. Għalhekk, il-Kattoliċi u l-Luterani jagħrfu flimkien li "l-Mulej igglorifikat huwa preżenti fl-Ewkaristija bil-ġisem u d-demm li huwa offra flimkien mad-divinità u l-umanità tiegħu bis-saħħa tal-kelma tal-wegħda fuq id-doni tal-ħobż u tal-inbid bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu sabiex ikunu milqugħin permezz tal-miġemgħa".[52]

155. Flimkien mal-kwistjoni tal-preżenza reali ta' Ġesù Kristu u kif din tiftiehem teoloġikament hemm marbuta l-oħra dwar kemm iddum din il-preżenza u magħha l-kwistjoni tal-adorazzjoni ta' Kristu preżenti fis-sagrament wara ċ-ċelebrazzjoni. "Id-differenzi marbutin ma' kemm iddum il-preżenza ewkaristika tidher ukoll fil-prattika liturġika. Il-Kattoliċi u l-Luterani flimkien jistqarru li l-preżenza ewkaristika tal-Mulej Ġesù Kristu hija destinata għat-tqarbina li wieħed jirċievi bil-fidi, u fl-istess waqt, mhix limitata biss għall-mument meta wieħed jirċeviha, u li anqas tiddependi mill-fidi ta' min jirċeviha, għalkemm jista' jkollha relazzjoni qrib ħafna magħha" (*Eucharist,* 52).

156. Id-dokument *The Eucharist* talab lil-Luterani li jħarsu b'qima l-elementi ewkaristiċi li jibqgħu wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Ikla Mqaddsa. Fl-istess waqt talab lill-Kattoliċi joqogħdu attenti li jieħdu ħsieb li l-użanza tal-adorazzjoni ewkaristika "ma tkunx kontra l-konvinzjoni komuni li l-Ewkaristija għandha l-karatteristika ta' ikla".[53]

Konverġenza fil-għarfien tas-sagrifiċċju Ewkaristiku

157. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni li kienet waħda mill-aktar importanti tar-Riformaturi, is-sagrifiċċju ewkaristiku, id-djalogu Kattoliku-Luteran stqarr bħala prinċipju fundamentali: "Il-Kattoliċi u l-Insara Luterani flimkien jagħrfu li fl-Ewkaristija Ġesù Kristu 'huwa preżenti bħala l-Imsallab li miet għal dnubietna u li qam mill-ġdid mill-imwiet għall-ġustifikazzjoni tagħna, bħala vittma offerta darba għal dejjem għad-dnubiet tad-dinja'. Dan is-sagrifiċċju la jista' jitkompla, la jiġi ripetut, la mibdul u anqas inżidu xi ħaġa miegħu imma jista'

u għandu jsir dejjem effettiv mill-ġdid fil-qalba tal-miġemgħa. Hemm interpretazzjonijiet differenti fostna dwar in-natura u l-qies ta' din l-effikaċja" (*Eucharist*, 56).

158. Il-kunċett tal-*anamnesis* għen biex tiġi solvuta l-kwistjoni kontroversjali bejn l-għarfien tas-sagrifiċċju waħdieni u suffiċjenti li sar darba għal dejjem ta' Ġesù Kristu f'relazzjoni xierqa mal-Ikla tal-Mulej: "Permezz tat-tifkira waqt il-qima tal-atti salvifiċi, dawn l-atti nfushom isiru preżenti fil-qawwa tal-Ispirtu, u l-miġemgħa li tkun qed tiċċelebra tiġi marbuta mal-bnedmin li qabel għamlu esperjenza tal-istess atti salvifiċi. Dan hu li jfisser il-kmand ta' Kristu fl-Ikla tal-Mulej: fix-xandir, fi kliemu stess, tal-mewt tiegħu salvifika, u fit-tennija tal-atti tiegħu stess fl-Ikla, titwettaq "it-tifkira" li fiha l-kelma u l-azzjoni salvifika nfushom ta' Ġesù jsiru preżenti".[54]

159. Il-kisba deċiżiva kienet biex tintrebaħ il-firda bejn *sagrifiċċju* (is-sagrifiċċju ta' Ġesù Kristu) u *sagrament* (is-sagrament). Jekk Ġesù Kristu huwa realment preżenti fl-Ikla tal-Mulej, għalhekk ħajtu, tbatijietu, mewtu u l-qawmien tiegħu huma wkoll tassew preżenti flimkien ma' ġismu, sabiex l-Ikla tal-Mulej hija "li tagħmel tassew preżenti l-ġrajja tas-salib".[55] Mhux biss l-effett tal-ġrajja tas-salib imma wkoll il-ġrajja nfisha hija preżenti fl-Ikla tal-Mulej mingħajr ma l-Ikla tkun it-tennija jew it-twettieq tas-sagrifiċċju fuq is-salib. Din il-ġrajja waħdanija hija preżenti b'modalità sagramentali. Il-forma liturġika tal-Ikla mqaddsa għandha għalhekk twarrab dak kollu li jista' jagħti l-impressjoni ta' ripetizzjoni jew twettiq tas-sagrifiċċju tas-salib. Jekk nifhmu bis-serjetà b'mod kostanti l-Ikla tal-Mulej bħala tifkira tassew, id-differenzi fil-għarfien tas-sagrifiċċju ewkaristiku huma aċċettabbli għall-Kattoliċi u għal-Luterani.

It-tqarbin biż-żewġ speċi u l-uffiċċju tal-ministeru tal-Ewkaristija

160. Sa mill-bidu tar-Riforma, it-tqarbin tal-lajċi mill-kalċi hija karatteristika prattika tas-servizzi fil-qima tal-Luterani. Għalhekk, għal żmien twil din il-prattika kienet tiddistingwi bid-dieher l-Ikla Mqaddsa Luterana mill-prattika Kattolika li kienet tamministra t-tqarbin lil-lajċi bl-ispeċi tal-ħobż biss. Illum wieħed jista' jistqarr dan il-prinċipju: "Il-Kattoliċi u l-Luterani jaqblu fil-konvinzjoni li l-ħobż u l-inbid jagħmlu parti mill-forma kompleta tal-Ewkaristija" (*Eucharist*, 64). Madankollu, baqa' xi differenzi fil-prattika tal-Ikla tal-Mulej.

161. Minħabba l-fatt li l-kwistjoni ta' min jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija hija ta' importanza kbira meta tħares lejha min-naħa ekumenika, il-ħtieġa ta'ministru mqabbad mill-Knisja hija punt importanti għat-tnejn fid-djalogu: "Il-Kattoliċi u l-Luterani huma konvinti li fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija hija meħtieġa t-tmexxija ta' ministru mqabbad mill-Knisja" (*Eucharist*, 65). Madankollu, il-Kattoliċi u l-Luterani għadhom jifhmu l-uffiċċju ta' dan il-ministeru b'mod differenti.

Il-ministeru

Il-fehma ta' Luteru dwar is-saċerdozju komuni tal-imgħammdin u tal-ministeru ordnat

162. Fit-Testment il-Ġdid il-kelma *hiereus* (qassis, bil-Latin *sacerdos*) ma kinitx turi xi uffiċċju fi ħdan il-miġemgħa Nisranija, ukoll jekk Pawlu jiddeskrivi l-ministeru appostoliku tiegħu bħal dak ta' qassis (Rum 15,16). Kristu huwa l-qassis il-kbir. Luteru jifhem ir-relazzjoni ma' Kristu ta' dawk li jemmnu bħala "laqgħa hienja" li fiha dak li jemmen jieħu sehem fil-kwalitajiet ta'

Kristu, u hekk ukoll fis-saċerdozju tiegħu. "Issa hekk kif Kristu bis-saħħa tiegħu bħala l-ewwel Iben kiseb dawn iż-żewġ kwalitajiet, hekk huwa jagħtihom u jaqsamhom ma' kull min jemmen fih, bis-saħħa tal-liġi taż-żwieġ imsemmija qabel li skont hi dak kollu li huwa tal-għarus huwa wkoll tal-għarusa. Għalhekk, aħna lkoll li nemmnu fi Kristu aħna qassisin u slaten fi Kristu, kif jgħid San Pietru fl-Ewwel Ittra, kapitlu 2, vers 9: "Intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih". [56] "Aħna lkoll ikkonsagrati saċerdoti bis-saħħa tal-magħmudija". [57]

163. Ukoll jekk skont il-ħsieb ta' Luteru, l-insara kollha huma saċerdoti, huwa ma jikkunsidrahomx kollha ministri. "Huwa minnu li l-insara kollha huma saċerdoti, imma mhux kollha huma rgħajja. Għalhekk, sabiex wieħed ikun ragħaj, wieħed mhux biss irid ikun Nisrani u saċerdot, imma għandu jkollu uffiċċju u qasam ekkleżjali mogħti lilu. Hija s-sejħa u l-mandat li jagħmlu wieħed ragħaj u predikatur".[58]

164. Il-kunċett teoloġiku ta' Luteru li l-insara kollha huma saċerdoti kien f'kuntrast mal-ordinament tas-soċjetà mxerrda fiż-Żminijiet tan-Nofs. Skont Gratianus kien hemm żewġ tipi ta' Nsara: il-kjeriċi u l-lajċi.[59] Bit-tagħlim tiegħu dwar is-saċerdozju universali, Luteru fehem jabolixxi l-pedament innifsu ta' din il-qasma. Dak li nisrani huwa bħala saċerdot jiġi mis-sehem tiegħu fis-saċerdozju ta' Kristu. Dawk li jemmnu jwasslu fit-talb quddiem Alla dak li jħasseb lill-poplu filwaqt li permezz tax-xandir tal-Evanġelju huma jwasslu l-ħsieb ta' Alla lill-oħrajn.

165. Luteru fehem li l-uffiċċju ta' dawk li huma ordnati bħala qadi pubbliku għall-Knisja kollha. Ir-rgħajja huma *ministri* (qaddejja) mhux bħala kompetizzjoni mas-saċerdozju komuni tal-imgħammdin kollha, imma, aktar, biex jaqduhom; hekk l-Insara kollha jkunu saċerdoti għal xulxin.

It-twaqqif divin tal-ministeru

166. Għal aktar minn 150 sena, wieħed mid-dibattiti fit-teoloġija Luterana kien jekk il-ministeru ordnat kienx jiddependi minn istituzzjoni divina jew delega umana. Madankollu, Luteru jitkellem dwar "l-uffiċċju tar-ragħaj, li Alla kien waqqaf, u li għandu jmexxi l-miġemgħa bil-prietki u bis-sagramenti".[60] Luteru jara li dan l-uffiċċju għandu l-għeruq tiegħu fil-passjoni u l-mewt ta' Kristu: "Nittama, tassew, li dawk li jemmnu, dawk li jridu jissejħu Nsara, ikunu jafu ħafna tajjeb li l-għana spiritwali kien imwaqqaf u mibni minn Alla, mhux bid-deheb jew bil-fidda imma bid-demm prezzjuż u l-mewt mimlija mrar ta' Ibnu l-Waħdieni, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu (1Pt 1,18-19). Mill-pjagi tiegħu joħorġu tassew is-sagramenti [...]. Huwa ħallas tassew prezz għoli sabiex il-bnedmin seta' jkollhom fid-dinja kollha dan il-ministeru tal-predikazzjoni, tal-magħmudija, il-maħfra jew iż-żamma tad-dnubiet, l-amministrazzjoni tas-sagramenti, il-faraġ, it-twissija, u t-tħeġġiġ bil-Kelma t'Alla u kull ħaġa oħra magħquda mal-ministeru pastorali [...]. Imma jien qed nifhem dak il-għana li għandu d-dmir tal-predikazzjoni u l-qadi tal-Kelma u tas-sagramenti u li jagħti l-Ispirtu tas-salvazzjoni".[61] Huwa għalhekk ċar li, skont Luteru, l-uffiċċju tal-ministri ordnati huwa mwaqqaf minn Alla nnifsu.

167. Ħadd ma jista' jqiegħed lilu nnifsu fl-uffiċċju ministerjali, kien jemmen Luteru; imma wieħed għandu jiġi msejjaħ għalih. Sa mis-sena 1535, ordinazzjonijiet kienu jsiru f'Wittenberg. Dawn kienu jsiru wara eżami dwar id-duttrina u l-ħajja tal-kandidati u jekk kienx hemm xi sejħa

għal dan il-ministeru minn xi komunità partikulari. Madankollu, l-ordinazzjoni ma kinitx isseħħ fil-komunità li kienet tagħmel it-talba imma biss fiċ-ċentru f'Wittenberg, għaliex l-ordinazzjoni kienet ordinazzjoni għall-qadi tal-Knisja kollha.

168. L-ordinazzjonijiet kienu jsiru bit-talba u t-tqegħid tal-idejn. Kif jidher b'mod ċar kemm mit-talba tal-bidu – sabiex Alla jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu (ara Mt 9,38) – kif ukoll mit-talba lill-Ispirtu s-Santu, Alla huwa dak li fir-realtà huwa l-attiv waħdieni waqt l-ordinazzjoni. Fl-ordinazzjoni, is-sejħa t'Alla, tħaddan il-persuna kollha. Bil-fiduċja li t-talba tiġi mismugħa u milqugħa minn Alla, il-ħidma li jkunu mibgħuta kienet issir bil-kliem meħud mill-Ewwel Ittra ta' San Pietru (5,2-4).[62] F'waħda mill-formuli tal-ordinazzjoni jingħad: "Il-ministeru tal-Knisja huwa ħidma glorjuża u importanti għall-Knejjes kollha u huwa mogħti u jibqa' jitwettaq minn Alla waħdu".[63]

169. Minħabba d-definizzjoni ta' sagrament li Luteru ta kienet aktar stretta minn dik komuni fiż-Żminijiet tan-Nofs, u għaliex huwa għaraf li s-sagrament Kattoliku tal-Ordni Sagri kien prinċipalment għall-qadi taċ-ċelebrazzjon tas-sagrifiċċju tal-quddiesa, huwa ma baqax iħares lejn l-ordinazzjoni bħala sagrament. Melanchthon, madankollu, fl-*Apoloġija tal-Istqarrija ta' Augsburg* stqarr: "Imma jekk l-ordinazzjoni hija mifhuma b'referenza għall-ministeru tal-Kelma, ma għandniex diffikultà nsejħu l-ordinazzjoni bħala sagrament. Għax il-ministeru tal-Kelma għandu l-kmand t'Alla flimkien ma' wegħdiet għolja bħal fl-Ittra lir-Rumani (1,16): 'L-evanġelju hu qawwa t'Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu'. Hekk ukoll f'Iżaija (55,11): 'Hekk jiġri minn kelmti: hija toħroġ minn fommi, u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili...'. Jekk l-ordinazzjoni hija mifhuma b'dan il-mod, aħna ma nsibu ebda oġġezzjoni li nsejħu t-tqegħid tal-idejn bħala sagrament. Il-Knisja, għalhekk, għandha l-mandat li taħtar ministri, ħaġa li għaliha għandna nkunu ħafna grati, mill-waqt li nafu li Alla japprova dan il-ministeru u huwa preżenti fih".[64]

L-uffiċċju tal-isqof

170. Minħabba l-fatt li l-isqfijiet ma ridux jordnaw kandidati li kienu jissimpatizzaw mar-Riforma, ir-riformaturi kienu jamminstraw l-ordinazzjoni permezz ta' presbiteri (rgħajja). Fl-artiklu 28, l-*Istqarrija ta' Augsburg* kienet uriet id-dispjaċir għal din iċ-ċaħda mill-isqfijiet li jordnaw presbiteri. Dan ġiegħel lir-riformaturi jagħżlu li jew ikomplu bl-ordinazzjoni mill-isqof jew li jkunu fidili għal dak li fehmu kienet il-verità tal-Evanġelju.

171. Ir-riformaturi setgħu jamministraw l-ordinazzjoni presbiterali għaliex kienu tgħallmu mis-*Sentenzi* ta' Pietro Lombardo li l-kanoni tal-Knisja kienu jagħrfu fost l-ordnijiet il-kbar id-djakonat u l-presbiterat, u li, skont l-interpretazzjoni li kienet imferrxa fiż-Żminijiet tan-Nofs, il-konsagrazzjoni tal-isqfijiet ma kienet tagħti l-ebda karattru sagramentali minnha nfisha.[65] Ir-riformaturi kienu jirreferu b'mod espliċitu għal ittra ta' Ġirolmu, li kien konvint li skont it-Testment il-Ġdid l-uffiċċji tal-presbiteru u tal-isqof kienu ndaqs, minbarra l-fatt li l-isqof kellu d-dritt li jordna l-presbiteri. Kif ir-riformaturi nnutaw, din l-ittra lill-presbiteru Evangelus kienet iddaħħlet fid-*Decretum Gratiani*.[66]

172. Luteru u r-riformaturi enfasizzaw li hemm ministeru ordnat wieħed biss, uffiċċju li għandu d-dmir ixandar l-Evanġelju u jamministra s-sagramenti, li minnhom infushom huma ġrajjiet

pubbliċi. Madankollu, sa mill-bidu kien hemm differenzjazzjoni fl-uffiċċju. Wara l-ewwel żjajjar pastorali kien żviluppa l-uffiċċju ta' supretendent li kellu dmir speċjali li jissorvelja l-ħidma tar-rgħajja. Fl-1535, Philip Melanchthom kiteb: "Minħabba l-fatt li fil-Knisja, dawk li jmexxu huma meħtieġa sabiex jeżaminaw u jordnaw dawk li jkunu msejħa għall-uffiċċju ekkleżjali, il-liġi tal-Knisja tosserva u tara li ssir għassa fuq it-tagħlim mogħti mis-saċerdoti. U jekk ma jkunx hemm isqfijiet, dawn għandhom jiġu magħżula".[67]

Thassib Kattoliku dwar is-saċerdozju komuni u dwar l-ordinazzjoni

173. Id-dinjità u r-responsabbiltà tal-imgħammdin kollha fil-ħajja u għall-ħajja tal-Knisja qatt ma ġew enfasizzati biżżejjed fl-aħħar parti taż-Żminijiet tan-Nofs. Kien biss fil-Konċilju Vatikan II li l-maġisteru ppreżenta teoloġija tal-Knisja bħala poplu t'Alla u stqarr li "hemm ugwaljanza fost kulħadd dwar id-dinjità u l-ħidma komuni tal-fidili kollha biex jibnu l-ġisem ta' Kristu" (LG 32)

174. F'dan il-kwadru l-Konċilju fisser il-kunċett tas-saċerdozju tal-imgħammdin u tkellem dwar ir-relazzjoni ta' dan mas-saċerdozju ministerjali. Skont it-teoloġija kattolika, lill-ministru ordnat tingħatalu s-setgħa biex jagħmel ħidma f'isem Kristu kif ukoll f'isem il-Knisja.

175. It-teoloġija Kattolika hija konvinta li l-uffiċċju tal-isqof jagħti kontribut indispensabbli għall-għaqda tal-Knisja. Il-Kattoliċi jqajmu l-kwistjoni kif, mingħajr l-uffiċċju tal-isqof, l-għaqda tal-Knisja ma tistax tinżamm f'waqtiet ta' konflitt. Huma wkoll kienu mħassbin li d-duttrina partikulari ta' Luteru dwar is-saċerdozju komuni ma żammitx b'mod xieraq l-istrutturi ġerarkiċi tal-Knisja, li huwa maħsub li ġew imwaqqfin minn Alla nnifsu.

Id-djalogu Luteran-Kattoliku dwar il-ministeru

176. Id-djalogu Kattoliku-Luteran għaraf ħafna affarijiet komuni kif ukoll bosta differenzi fit-teoloġija u l-forom istituzzjonali tal-uffiċċji ordnati, fosthom l-ordinazzjoni tan-nisa li llum hija pprattikata minn ħafna Knejjes Luterani. Waħda mill-kwistjonijiet miftuħa hi jekk il-Knisja Kattolika tistax tirrikonoxxi l-ministeru tal-Knejjes Luterani. Il-Kattoliċi u l-Luterani jistgħu jgħarblu flimkien ir-relazzjoni bejn ir-responsabbiltà għax-xandir tal-Kelma u l-amministrazzjoni tas-sagramenti u l-ministeru ta' dawk ordnati għal din il-ħidma. Flimkien huma jistgħu jidħlu aktar fil-fond dwar id-distinzjonijiet bejn dawn id-dmirijiet bħal *episkopè* u l-ministri lokali u reġjonali.

Ideat komuni tal-ministeru

Is-saċerdozju tal-imgħammdin

177. Il-kwistjoni tqum dwar kif id-dmirijiet speċifiċi tal-ministri ordnati huma mqegħeda kif għandhom ikunu f'relazzjoni mas-saċerdozju universali tal-imgħammdin kollha li jemmnu. Id-dokument ta' studju *The apostolicity of the Church* jistqarr: "Il-Kattoliċi u l-Luterani jaqblu dwar il-fatt li l-imgħammdin kollha li jemmnu fi Kristu jieħdu sehem mis-saċerdozju ta' Kristu u għalhekk huma mogħtijin l-awtorità li jxandru 't-tifħir ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb' (1Pt 2,9). Għalhekk lill-ebda wieħed ma jitnaqqaslu r-rwol li jwettaq fil-

missjoni tal-ġisem kollu" (*The Apostolicity of the Church*, Lutheran University Press, Minneapolis 2006, 273).

L-oriġini divina tal-ministeru

178. Sabiex nifhmu l-ministeru ordnat, hemm konvinzjoni unanima dwar l-oriġini divina tiegħu: "Il-Kattoliċi u l-Luterani jistqarru flimkien li Alla nnifsu waqqaf il-ministeru u li dan huwa meħtieġ għall-eżistenza tal-Knisja, għaliex il-Kelma t'Alla u x-xandir pubbliku tagħha fil-kelma u s-sagrament huma meħtieġa biex il-fidi f'Ġesù Kristu tiġi mqajma u miżmuma, u flimkien ma' dan, sabiex il-Knisja tiġi ffurmata u miżmuma flimkien bħala l-ġemgħa ta' dawk li jemmnu, li jagħmlu l-ġisem ta' Kristu fil-għaqda tal-fidi" (ApC 276).

Il-ministeru tal-Kelma u tas-Sagrament

179. Id-dokument *The Apostolicity of the Church* jagħraf il-ħidma fundamentali tal-ministri ordnati, kemm dawk Luterani kif ukoll Kattoliċi, bħala li jxandru l-Evanġelju: "Il-ministri ordnati għandhom dmir speċjali fi ħdan il-missjoni kollha" (ApC 274). Kemm għall-Kattoliċi kif ukoll għal-Luterani "id-dmir u l-intenzjoni fundamentali tal-ministeru ordnat huwa l-qadi komunitarju tal-Kelma t'Alla, l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu, li Alla Trinità ried jafda fil-Knisja biex tħabbru fid-dinja kollha. Kull ministeru u kull ministru jiġu meqjusin fir-relazzjoni tagħhom ma' dan id-dmir" (ApC 274).

180. Din l-enfasi fuq id-dmir ministerjali tax-xandir tal-Evanġelju hija komuni għall-Kattoliċi u għal-Luterani (ara ApC 247, 255, 257, 274). Il-Kattoliċi jqiegħdu l-bidu tal-ministeru saċerdotali fit-tħabbir tal-Evanġelju. Id-Digriet dwar il-Ministeru u l-Ħajja tal-Presbiteri jistqarr: "Il-Poplu ta' Alla jinġabar l-ewwel nett permezz tal-kelma ta' Alla ħaj, dik il-kelma li kulħadd bil-jedd jistennieha minn fomm is-saċerdoti. Għax ladarba ħadd ma jista' jsalva jekk l-ewwel ma jkunx emmen, il-Presbiteri, bħala kooperaturi tal-Isqfijiet, għandhom qabel kollox l-uffiċċju li jħabbru l-Evanġelju ta' Alla lil kulħadd" (PO 4, ikkwotat minn ApC 247). "Il-Kattoliċi jistqarru wkoll li huwa d-dmir tal-ministri ordnati li jiġbru flimkien il-poplu t'Alla permezz tal-Kelma t'Alla u li jxandruha lil kulħadd biex jaslu li jemmnu" (ApC 274). Hekk ukoll il-ħsieb tal-Luterani hu li "l-ministeru għandu l-bażi u l-kriterju tiegħu fid-dmir li jxandru l-Evanġelju lill-komunità kollha b'mod daqshekk konvinċenti li jassigura li jqajjem il-fidi u jagħmilha possibbli" (ApC 255).

181. Il-Luterani u l-Kattoliċi jaqblu wkoll dwar ir-responsabbiltà tat-tmexxija min-naħa tal-ministeru ordnat f'dak li għandu x'jaqsam mal-amministrazzjoni tas-sagramenti. Il-Luterani jistqarru li "l-Evanġelju jagħti lil dawk li jippresiedu fil-Knejjes id-dmir li jxandru l-Evanġelju, jaħfru d-dnubiet u jamministraw is-sagramenti" (ApC 274).[68] Il-Kattoliċi jistqarru wkoll li s-saċerdoti għandhom id-dmir li jamministraw is-sagramenti, li huma jikkunsidraw li "jingħaqdu ħaġa waħda mal-Ewkaristija Mqaddsa" u orjentati lejha għaliex "hija tidher bħala l-għajn u l-quċċata tal-evanġelizzazzjoni kollha". (PO 5, ikkwotat minn ApC 274).

182. Id-dokument *L-Appostoliċità tal-Knisja* jkompli jikkummenta: "Huwa ta' valur li wieħed jinnota x-xebh bejn id-deskrizzjoni tal-ħidmiet tal-presbiteri u tal-isqfijiet. L-istess mudell tat-tliet dmirijiet f'dan l-uffiċċju, jiġifieri il-predikazzjoni, il-liturġija u t-tmexxija, huwa wżat kemm

għall-isqfijiet kif ukoll għall-presbiteri, u fil-ħajja konkreta tal-Knisja proprju dawn tal-aħħar imexxu l-eżerċizzju ordinarju ta' dawn il-funzjonijiet li permezz tagħhom il-Knisja tinbena, filwaqt li l-isqfijiet għandhom id-dmir li jħarsu t-tagħlim u l-kura għall-għaqda bejn il-komunitajiet lokali. Madankollu, il-presbiteri iħaddmu l-ministeru tagħhom taħt it-tmexxija tal-isqfijiet u f'għaqda magħhom" (ApC 248).

Ir-rit tal-ordinazzjoni

183. Dwar l-ordinazzjoni għal dan l-uffiċċju speċjali hemm dan il-qbil: "L-għoti ta' dan il-ministeru jsir permezz tal-ordinazzjoni li biha nisrani hu msejjaħ u mogħti l-awtorità, permezz tat-talb u t-tqegħid tal-idejn, biex iħaddem il-ministeru tax-xandir pubbliku tal-Evanġelju bil-kelma u bis-sagramenti. Dik it-talba hija sejħa biex jirċievi l-Ispirtu s-Santu u d-doni tal-Ispirtu, u hi magħmula biċ-ċertezza li tiġi mismugħa" (ApC 277).

Il-ministeru lokali u reġjonali

184. Il-Luterani u l-Kattoliċi jistgħu jistqarru flimkien li d-differenza bejn il-ministeru "wieħed aktar lokali u ieħor aktar reġjonali nibtet mill-ħtieġa tal-ħsieb u d-dmir tal-ministeru li jkun ministeru ta' għaqda fil-fidi" (ApC 279). Fil-Knejjes Luterani d-dmir tal-*episkopè* huwa miftiehem b'diversi modi. Dawk li jeżerċitaw ministeru f'livell aktar wiesa' mill-komunità lokali, f'xi reġjuni huma indikati b'titli diversi barra dak ta' "isqof", bħal ngħidu aħna *ephorus*, president tal-Knisja, supretendent, jew ragħaj sinodali. Il-Luterani jżommu li l-ministeru tal-*episkopè* jista' wkoll ikun imħaddem mhux biss individwalment imma wkoll f'forom oħra, bħas-sinodi, li fihom jieħdu sehem flimkien kemm membri ordnati kif ukoll dawk li mhumiex.[69]

Appostoliċità

185. Ukoll jekk il-Kattoliċi u l-Luterani jifhmu b'mod differenti l-istrutturi ministerjali tagħhom biex iwasslu l-appostoliċità tal-Knisja, huma jaqblu dwar il-fatt li "l-fedeltà għall-Evanġelju appostoliku tiġi l-ewwel fil-ħidma ma' xulxin tat-*traditio, successio* u *communio*" (ApC 291). It-tnejn jaqblu dwar il-fatt li "l-Knisja hija appostolika għar-raġuni li hija mibnija fuq il-fedeltà għall-Evanġelju tal-appostli" (ApC 291). Dan il-qbil għandu xi effetti għall-għarfien tal-Kattoliċi Rumani li l-persuni "li jeżerċitaw l-uffiċċju ta' ħarsien li fil-Knisja Kattolika Rumana jsir mill-isqfijiet" huma għandhom ukoll "responsabbiltà speċjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-appostoliċità tat-tagħlim fil-knejjes tagħhom" u għalhekk ma jistgħux jitħallew barra "miċ-ċirku ta' dawk li l-kunsens tagħhom huwa, skont l-opinjoni Kattolika, sinjal tal-appostoliċità tat-tagħlim" (ApC 291).

Il-qadi lill-Knisja Universali

186. Il-Luterani u l-Kattoliċi jaqblu dwar il-fatt li l-ministeru huwa għall-qadi tal-Knisja universali. Il-Luterani "jassumu li l-miġemgħa miġbura għall-qima hija f'relazzjoni essenzjali mal-Knisja universali" u din ir-relazzjoni hija intrinsika għall-komunità li tkun qed tagħti l-qima, u mhux xi ħaġa miżjuda magħha" (ApC 285). Ukoll jekk l-isqfijiet Kattoliċi Rumani "jeżerċitaw il-ministeru ta' tmexxija pastorali fuq dik il-parti mill-poplu ta'Alla li hi fdata f'idejhom iżda mhux fuq il-knejjes l-oħra jew fuq il-Knisja universali", kull isqof għandu "jkollu ħerqa għall-

Knisja kollha" (LG 23). L-isqof ta' Ruma, bis-saħħa tal-uffiċċju tiegħu "huwa ragħaj tal-Knisja kollha" (LG 22).

Differenzi kif jiftiehem il-ministeru

L-episkopat

187. Baqa' differenzi importanti dwar kif hu mifhum il-ministeru fil-Knisja. Id-dokument *L-Appostoliċità tal-Knisja* jagħraf li għall-Kattoliċi l-episkopat huwa l-forma sħiħa tal-ministeru ordnat u għalhekk huwa l-punt tat-tluq tal-interpretazzjoni teoloġika tal-ministeru ekkleżjali. Id-dokument jikkwota l-par. 21 tal-*Lumen Gentium*: "Il-Konċilju Mqaddes jgħallem għalhekk li bil-konsagrazzjoni episkopali tingħata l-milja tas-sagrament tal-Ordni li (...) tagħti wkoll lill-isqfijiet, mad-dmir li jqaddsu lill-oħrajn, dak li jgħallmu u jiggvernaw. Iżda dawn id-dmirijiet, min-natura tagħhom stess, ma jistgħux ikunu eżerċitati jekk mhux f'komunjoni ġerarkika mar-ras u mal-membri tal-kulleġġ episkopali" (Ikkwotat minn ApC 243).

188. Il-Konċilju Vatikan II stqarr mill-ġdid il-fehma tiegħu "li l-isqfijiet, b'istituzzjoni divina, huma suċċessuri tal-Appostli bħala rgħajja tal-Knisja, li min jisma' lilhom jisma' lil Kristu, min iwarrab lilhom, iwarrab lil Kristu u lil Dak li bagħat lil Kristu" (LG 20). Madankollu, huwa tagħlim Kattoliku "li isqof individwali *mhux* f'suċċessjoni appostolika bis-saħħa li huwa jagħmel parti f'katina li ma taqtax li hija storikament ippruvata tat-tqegħid tal-idejn permezz tal-predeċessuri tiegħu għal wieħed mill-appostli", imma minflok "hu f'komunjoni mal-ordni kollu tal-isqfijiet li lkoll flimkien jiġu wara l-kulleġġ appostoliku u l-missjoni tiegħu" (ApC 291).

189. Din il-perspettiva dwar il-ministeru, li tibda bl-episkopat, turi bidla mill-aċċent li l-Konċilju ta' Trentu kien qiegħed fuq is-saċerdozju u turi l-importanza tat-tema tas-suċċessjoni appostolika, ukoll jekk *Lumen Gentium* wera aktar ċar l-aspett ministerjali ta' din is-suċċessjoni mingħajr ma ċaħad id-dimensjoni duttrinali, missjunarja u eżistenzjali tagħha (ApC 240). Għal din ir-raġuni, il-Kattoliċi jidentifikaw il-Knisja lokali mad-djoċesi, filwaqt li jżommu li l-elementi essenzjali tal-Knisja għandhom ikunu l-Kelma, is-sagrament u l-ministeru appostoliku fil-persuna tal-isqof (ApC 284).

Is-saċerdozju

190. Il-Kattoliċi huma differenti mil-Luterani fl-interpretazzjoni tagħhom dwar l-identità sagramentali tas-saċerdot u r-relazzjoni bejn is-saċerdozju sagramentali u s-saċerdozju ta' Kristu; huma jistqarru li s-saċerdoti "jieħdu sehem b'mod speċjali fis-Saċerdozju ta' Kristu, biex fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri mqaddsa jaqdu bħala ministri ta' Dak li bl-Ispirtu tiegħu l-ħin kollu jħaddem l-uffiċċju tiegħu ta' saċerdot għalina bil-Liturġija" (PO 5).

Il-milja tas-sinjal sagramentali

191. Għall-Kattoliċi, l-ordinazzjonijiet Luterani m'għandhomx il-milja tas-sinjal sagramentali. Skont it-tagħlim Kattoliku "il-prattika u d-duttrina tas-suċċessjoni appostolika fl-episkopat hija, flimkien mat-tliet tarġiet tal-ministeru ordnat, parti integrali mill-istruttura tal-Knisja. Din is-suċċessjoni titwettaq b'manjiera kolleġjali billi l-isqfijiet jissieħbu fil-kulleġġ tal-isqfijiet

Kattoliċi u għalhekk għandhom is-setgħa li jagħmlu l-ordinazzjonijiet. Għalhekk hija wkoll duttrina Kattolika li fil-knejjes Luterani s-sinjal sagramentali tal-ordinazzjoni mhux preżenti fil-milja tiegħu għaliex dawk li jwettqu l-ordinazzjonijiet mhumiex jagħmlu dan f'komunjoni mal-Kulleġġ tal-Isqfijiet Kattoliċi. Għalhekk, il-Konċilju Vatikan II jitkellem fuq *difett fis-sagrament tal-ordni* (UR 22) f'dawn il-Knejjes" (ApC 283).[70]

Il-ministeru universali

192. Fl-aħħar nett, il-Kattoliċi u l-Luterani għandhom differenza kemm fl-uffiċċji kif ukoll fl-awtorità tal-ministeru u t-tmexxija pastorali mħaddma aktar 'il fuq mil-livell reġjonali. Għall-Kattoliċi, il-Papa għandu "fuq il-Knisja s-setgħa sħiħa, l-iżjed għolja u universali" (LG 22). Anke fil-Kulleġġ tal-Isqfijiet iħaddem setgħa sħiħa u għolja fuq il-Knisja Universali "flimkien mal-Isqof ta' Ruma u qatt mingħajru bħala r-ras tiegħu" (ibid). *The Apostolicity of the Church* jinnota li hemm numru ta' veduti fost il-Luterani fir-rigward tal-"kompetenza ta' strutturi ta' tmexxija 'l fuq mill-Knejjes individwali u s-saħħa li torbot tad-deċiżjonijiet tagħhom" (ApC 287).

Konsiderazzjonijiet

193. Fid-djalogu spiss kienet tiġi nnutata li, fil-bidu tas-seklu sittax, ir-relazzjoni bejn l-isqfijiet u l-presbiteri ma kenitx mifhuma kif kienet aktar tard mill-Konċilju Vatikan II. L-ordinazzjoni presbiterali fi żmien ir-Riforma għandha għalhekk tiftiehem b'referenza għall-kundizzjonijiet ta' dak il-perjodu. Hija ħaġa importanti wkoll li l-ħidmiet ta' dawk li kien ikollhom uffiċċju, kemm Kattoliċi kif ukoll Luterani, kienu, bejn wieħed u ieħor, jikkorrispondu għal xulxin.

194. Fil-mixja tal-istorja, l-uffiċċju ministerjali Luteran wettaq dmirijietu billi żamm il-Knisja fil-verità, hekk li 500 sena wara li bdiet ir-Riforma sar possibbli li wieħed jistqarr kunsens Kattoliku-Luteran dwar il-verità fundamentali tad-duttrina tal-ġustifikazzjoni. Jekk, skont il-ġudizzju tal-Konċilju Vatikan II, l-Ispirtu s-Santu jinqeda "bil-komunitajiet ekkleżjali" bħala mezzi tas-salvazzjoni, jidher li wieħed jista' jgħid li din il-ħidma tal-Ispirtu jista' jkollha xi implikazzjonijiet għal għarfien reċiproku tal-ministeru. Għalhekk, l-uffiċċju tal-ministeru jippreżenta kemm tfixkil importanti għal ftehim komuni, imma wkoll perspettivi mimlijin tama għal rikonċiljazzjoni.[71]

L-Iskrittura u t-Tradizzjoni

Il-fehma ta' Luteru dwar l-Iskrittura, l-interpretazzjoni tagħha u t-tradizzjonijiet tal-bnedmin

195. Il-kontroversja li qamet b'rabta mat-tixrid tal-95 Teżi ta' Luteru dwar l-indulġenzi, qajmet malajr ħafna l-kwistjoni lejn liema awtorità fi żmien ta' konflitt wieħed jista' jirrikorri. It-teologu tal-qorti papali, Silvestru Mazzolini da Prierio, fl-ewwel tweġiba tiegħu għat-teżijiet ta' Luteru dwar l-indulġenzi, argumenta hekk: "Min ma jżommx mat-tagħlim tal-Knisja Rumana u mal-maġisteru tal-Papa bħala r-regola infallibbli tal-fidi, li minnha l-Iskrittura wkoll tieħu l-qawwa u l-awtorità tagħha, huwa eretiku".[72] U Ġwanni Eck wieġeb lil Luteru: "L-Iskrittura

mhijiex awtentika mingħajr l-awtorità tal-Knisja".[73] Il-konflitt malajr ħafna għadda minn kontroversja dwar kwistjonijiet duttrinali (l-interpretazzjoni ġusta dwar l-indulġenzi, dwar il-qrar u l-assoluzzjoni) għal kwistjoni dwar l-awtorità tal-Knisja. F'każi ta' konflitt bejn awtoritajiet diversi, Luteru seta' jqis l-Iskrittura biss bħala l-aħħar imħallef li lejh jirrikorri għaliex hija ppruvat lilha nfisha awtorità effikaċi u qawwija, filwaqt li l-awtoritajiet l-oħra kienu jieħdu l-qawwa tagħhom sempliċement minnha.

196. Luteru kien iħares lejn l-Iskrittura bħala l-ewwel prinċipju (*primum principium*)[74] li fuqu l-istqarrijiet teoloġiċi kollha direttamenet jew indirettament għandhom ikunu mibnija. Bħala professur, predikatur, kunsillier u wieħed li ħa sehem fid-djalogu, huwa kien jipprattika t-teoloġija bħala interpretazzjoni koerenti u komplessa tal-Iskrittura. Huwa kien konvint li l-insara komuni u t-teoloġi mhux biss kellhom jitwaħħdu mal-Iskrittura, imma wkoll jgħixu u jibqgħu fiha. Huwa kien isejħilha "il-matriċi ta' Alla li fiha hu jnissilna, iżommna fi ħdanu u jwellidna".[75]

197. L-aħjar mod biex tistudja t-teoloġija, skont Luteru, huwa proċess li jiġbor fih tliet stadji: it-talb (*oratio*), il-meditazzjoni (*meditatio*), il-prova jew l-afflizzjoni (*tentatio*).[76] Wara li wieħed jitlob lill-Ispirtu s-Santu biex ikun għalih l-għalliem, għandu jaqra l-Iskrittura fil-preżenza t'Alla, fit-talb, filwaqt li jimmedita fuq il-kliem tal-Bibbja, u jkun attent għall-qagħdiet fil-ħajja li spiss ikunu jidhru kontradittorji ma' dak li jkun qara hemm. Bis-saħħa ta' dan il-proċess, l-Iskrittura turi l-awtorità tagħha billi tirbaħ dawk it-tentazzjonijiet. Bħalma qal Luteru: "Innutaw li l-qawwa tal-Iskrittura hija din, li hija ma tinbidilx fil-persuna li tistudjaha, imma li tbiddel fiha u fil-qawwa tagħha lil min iħobbha".[77] Fil-kuntest ta' din l-esperjenza ssir ħaġa ċara li persuna mhux biss tinterpreta l-Iskrittura imma li tiġi interpretata minnha, u dan hu li jipprova l-qawwa u l-awtorità tagħha.

198. L-Iskrittura hija x-xhieda tar-rivelazzjoni t'Alla; għalhekk it-teologu għandu jsegwi b'attenzjoni l-mod li bih ir-rivelazzjoni t'Alla tintwera fil-kotba bibliċi (*modus loquendi scripturae*). Jekk ikun mod ieħor, ir-rivelazzjoni t'Alla ma tkunx tista' tiġi kkunsidrata bis-sħiħ. Il-ħafna ilħna tal-Iskrittura huma integrati ħaġa waħda, permezz tar-referenza għal Ġesù Kristu: "Neħħu 'l Kristu mill-Iskrittura, u x'issibu iżjed fihom?"[78] Għalhekk "dak li jgħallem Kristu" (*was Christum treibet*) huwa l-kriterju li bih nistgħu naffrontaw il-problema tal-kanoniċità u tal-limiti tal-kanoni tal-Iskrittura. Dan huwa l-kriterju li żviluppa mill-Iskrittura nfisha u li fi ftit każi huwa applikat b'mod kritiku għal xi kotba partikulari, bħalma hija l-Ittra ta' Ġakbu.

199. Luteru nnifsu rari ħafna juża l-espressjoni "*sola Scriptura*" (l-Iskrittura biss). Il-ħsieb ewlieni tiegħu kien li xejn ma seta' jsejjaħ awtorità ogħla mill-Iskrittura, u huwa kien jeħodha ħafna bl-aħrax kontra kull min u kull ħaġa li setgħet tbiddel jew tieħu post l-istqarrijiet tal-Iskrittura. Imma wkoll meta stqarr l-awtorità tal-Iskrittura weħidha, huwa ma kienx jaqra l-Iskrittura weħidha, imma dan kien jagħmlu b'referenza għal kuntesti partikulari u ma' stqarrijiet Kristoloġiċi u Trinitarji ta' fidi tal-Knisja tal-bidu, li għalih kienu jesprimu l-intenzjoni u t-tifsir tal-Iskrittura. Huwa kompla jitgħallem l-Iskrittura permezz tal-Katekiżmu ż-Żgħir u l-Katekiżmu l-Kbir, li hu kien iqishom ġabra qasira tal-Iskrittura, u huwa wettaq l-interpretazzjoni tiegħu b'referenza għall-Missirijiet tal-Knisja, speċjalment Santu Wistin. Huwa wkoll għamel użu kbir ta' interpretazzjonijiet oħra iktar qodma u kien juża l-għodda disponibbli kollha ta' żmienu tal-filoloġija umanistika. Huwa ħadem ħafna fl-interpretazzjoni tiegħu tal-Iskrittura

f'dibattitu dirett mal-kunċetti teoloġiċi ta' żmienu u dawk tal-ġenerazzjonijiet ta' qablu. Il-mod kif kien jaqra l-Iskrittura kien fuq il-bażi tal-esperjenza u mħaddma b'mod koerenti fi ħdan il-komunità ta' dawk li jemmnu.

200. Skont Luteru, l-Iskrittura Mqaddsa ma tmurx kontra t-Tradizzjoni kollha, imma biss kontra dawk, hekk imsejħin, tradizzjonijiet umani. Dwar dawn huwa jgħid: "Aħna niddeploraw id-duttrini tal-bnedmin mhux ghax stqarrewhom il-bnedmin, imma għax mhumiex ħlief gideb u dagħa kontra l-Iskrittura. Waqt li l-Iskrittura, għalkemm hija miktuba mill-bnedmin, la hija tal-bnedmin, anqas mill-bnedmin, imma minn Alla".[79] Meta Luteru kien jiżen lil xi awtorità oħra, il-mistoqsija deċiżiva għalih kienet jekk din l-awtorità ddellilx l-Iskrittura jew tagħraf il-messaġġ tagħha; u b'dan il-mod twassal is-sens tiegħu f'kuntest partikulari. Minħabba ċ-ċarezza esterna tagħha, it-tifsira tkun aktar magħrufa; minħabba l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, l-Iskrittura tista' tikkonvinċi ċ-ċarezza interjuri tagħha fil-qalb tal-bniedem dwar il-verità tagħha nfisha. F'dan is-sens, l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha.

Thassib Kattoliku dwar l-Iskrittura, tradizzjonijiet u awtorità

201. Fi żmien meta bdew iqumu mistoqsijiet ġodda dwar id-dixxerniment tat-tradizzjonijiet u l-awtorità li tinterpreta l-Iskrittura, il-Konċilju ta' Trentu u t-teoloġi ta' dak iż-żmien fittxew li jagħtu tweġiba ekwilibrata. L-esperjenza Kattolika kienet li l-ħajja ekkleżjali ssir għanja u tissawwar minn diversi fatturi li ma jirriduċux ruħhom għall-Iskrittura weħidha. Il-Konċilju żamm li l-Iskrittura u t-tradizzjonijiet appostoliċi mhux miktubin bħala żewġ mezzi biex jiġi mwassal l-Evanġelju. Dan jitlob li wieħed jiddistingwi bejn it-tradizzjonijiet appostoliċi u t-tradizzjonijiet tal-Knisja, li huma validi, imma sekondarji u jistgħu jinbidlu. Il-Kattoliċi kienu wkoll imħassbin dwar il-periklu possibbli ta' konklużjonijiet duttrinali meħudin minn interpretazzjonijiet privati tal-Iskrittura. F'dan id-dawl, il-Konċilju ta' Trentu stqarr li l-interpretazzjoni tal-Iskrittura kien jeħtieġ li titmexxa mill-awtorità tal-maġisteru tal-Knisja.

202. Studjużi Kattoliċi bħal Melkjor Cano żviluppaw l-idea li hija ħidma kumplessa li tiżen l-awtorità tat-tagħlim tal-Knisja kienet ħaġa komplessa. Cano żviluppa sistema ta' għaxar imkejjen, jew għejjun teoloġiċi, filwaqt li ttratta wieħed wara l-ieħor l-awtorità tal-Iskrittura, it-tradizzjoni orali, il-Knisja Kattolika, il-Konċilji, il-Missirijiet tal-Knisja, it-teoloġi skolastiċi, il-valur tan-natura, ir-raġuni kif turi ruħha fix-xjenza, l-awtorità tal-filosfi u l-awtorità tal-istorja, Fl-aħħar, huwa eżamina l-użu u l-applikazzjoni ta' dawn il-punti, jew għejjun, f'dibattiti skolastiċi jew fil-polemiċi teoloġiċi.[80]

203. Iżda, fis-sekli li ġew wara, kien hemm tendenza li l-Maġisteru jitqiegħed waħdu bħala l-awtorità interpretattiva li torbot, 'il barra mill-imkejjen teoloġiċi l-oħra. Tradizzjonijiet ekkleżjastiċi kienu xi drabi jħalltuhom ma' tradizzjonijiet appostoliċi u għalhekk kienu jiġu meqjusin indaqs bħala għejjun tal-fidi nisranija. Kien hemm min ma xtaqx jagħraf il-possibbiltà ta' kritika għat-tradizzjonijiet ekkleżjastiċi. It-teoloġija tal-Konċilju Vatikan II, meħuda kollha f'daqqa, għandha idea iktar bilanċjata ta' awtoritajiet differenti fil-Knisja u dwar ir-relazzjoni li hemm bejn l-Iskrittura u t-Tradizzjoni. Fil-paragrafu 10 ta' *Dei Verbum*, test maġisterjali jistqarr għall-ewwel darba li l-uffiċċju maġisterjali tal-Knisja "mhuwiex aqwa mill-Kelma t'Alla, imma jaqdiha".

204. Ir-rwol tal-Iskrittura Mqaddsa fil-ħajja tal-Knisja huwa msemmi b'enfasi qawwija meta l-Konċilju Vatikan II stqarr: "Fil-kelma ta' Alla, imbagħad, jinsabu saħħa u qawwa hekk kbar li hija żżomm lill-Knisja u tagħtiha enerġija; u għall-ulied tal-Knisja hija qawwa tal-fidi, ikel tar-ruħ, għajn safja li ma tonqosx ta' ħajja spiritwali" (DV 21).[81] Għalhekk dawk li jemmnu huma mħeġġin biex jipprattikaw il-qari tal-Iskrittura, li fiha Alla jitkellem magħhom, qari li għandu jkun imsieħeb bit-talb (DV 25).

205. Id-djalogu ekumeniku jgħin lil-Luterani u lill-Kattoliċi jaslu għal fehma differenzjata tal-punti distinti li jirreferu għalihom u tal-awtoritajiet speċifiċi li għandhom rwol fil-proċess ta' għarfien ta' dak li wieħed jifhem b'fidi Nisranija u kif għandha tfassal il-ħajja tal-Knisja.

Id-djalogu Kattoliku-Luteran dwar l-Iskrittura u t-Tradizzjoni

206. Bħala konsegwenza tat-tiġdid bibliku li nebbaħ il-Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* tal-Konċilju Vatikan II, sar possibbli għarfien ekumeniku ġdid tar-rwol u l-importanza tal-Iskrittura Mqaddsa. Kif jistqarr id-dokument ekumeniku *The Apostolicity in the Church*, "id-duttrina Kattolika, għalhekk, m'għandhiex dak li t-teoloġija tar-Riforma tibża' minnu u li akkost ta' kollox trid twarrab, jiġifieri, li l-awtorità tal-Iskrittura, bħala kanonika u li torbot, ġejja mill-awtorità tal-ġerarkija tal-Knisja li stqarret x'inhu l-kanoni tal-Iskrittura" (ApC 400).

207. Fid-djalogu, il-Kattoliċi għamlu enfasi dwar il-konvinzjoni li huma jżommu bi qbil mar-Riforma, bħall-effikaċja tat-test bibliku, imnebbaħ mill-Ispirtu, "biex iwassal il-veritajiet rivelati li jiffurmaw l-imħuħ u l-qlub, kif jingħad fit-Tieni Ittra lil Timotju (3,16) u dikjarat mill-Konċilju Vatikan II" (DV 21-25)" (ApC 409). Il-Kattoliċi jżidu li "din l-effikaċja kienet taħdem fil-Knisja matul iż-żmien, mhux biss f'dawk li jemmnu b'mod individwali imma wkoll fit-tradizzjoni ekkleżjali, kemm f'espressjonijiet duttrinali f'livelli għolja bħalma huma r-regola tal-fidi, l-istqarrijiet tal-fidi u l-maġisteru konċiljari, kif ukoll fl-istrutturi ewleni tal-liturġija komunitarja (...). L-Iskrittura hija wkoll preżenti fit-Tradizzjoni u li hija għalhekk tista' twettaq rwol ermenewtiku essenzjali. Il-Konċilju Vatikan II ma jgħidx li t-Tradizzjoni tagħti bidu għal veritajiet ġodda barra mill-Iskrittura, imma li hija twassal iċ-ċertezza dwar ir-rivelazzjoni ppruvata mill-Iskrittura" (ApC 410).

208. Frott tad-djalogu ekumeniku hu, għat-teoloġija Luterana, il-ftuħ tagħha lejn il-konvinzjoni Kattolika li l-effikaċja tal-Iskrittura taħdem mhux biss fl-individwi imma wkoll fil-Knisja kollha f'daqqa. Prova ta' dan qegħda fir-rwol li l-Istqarrijiet Luterani għandhom fil-Knejjes Luterani.

L-Iskrittura u t-Tradizzjoni

209. Illum, ir-rwol u l-importanza tal-Iskrittura Mqaddsa u t-tradizzjoni huma mifhuma b'mod differenti fil-Knisja Kattolika minn dak li kienu jifhmu dawk it-teoloġi li kienu kontra Luteru. Dwar il-kwistjoni tal-interpretazzjoni awtentika tal-Iskrittura, il-Kattoliċi spjegaw: "Meta d-duttrina Kattolika żżomm li 'l-ġudizzju tal-Knisja' għandu rwol fl-interpretazzjoni awtentika tal-Iskrittura, dan ma jagħtix lill-Maġisteru tal-Knisja monopolju fuq l-interpretazzjoni, li s-segwaċi tar-Riforma ġustament jibżgħu minnu u jwarrbuh. Qabel ir-Riforma, figuri kbar kienu wrew il-pluralità ekkleżjali tal-interpreti (...). Meta l-Konċilju Vatikan II stqarr dwar il-mod "kif għandna ninterpretaw l-Iskrittura, [li] fl-aħħar huwa suġġett għall-ġudizzju tal-Knisja" (*Dei*

Verbum, 12), huwa jwarrab b'mod ċar pretensjoni ta' monopolju dwar il-fatt li l-Maġisteru huwa l-uniku organu ta' interpretazzjoni , u dan huwa kkonfermat kemm mill-promozzjoni uffiċjali tul is-sekli tal-istudji bibliċi Kattoliċi kif ukoll mill-għarfien f'*Dei Verbum*, 12, tar-rwol tal-eseġeżi fil-maturazzjoni tat-tagħlim tal-Maġisteru" (ApC 407).

210. Hekk, il-Luterani u l-Kattoliċi jistgħu flimkien jikkonkludu: "Għalhekk, dwar l-Iskrittura u t-Tradizzjoni, il-Luterani u l-Kattoliċi huma fi qbil hekk wiesa' li l-aċċentwazzjonijiet tagħhom fihom infushom m'għandhomx iżommu fis-seħħ il-firda preżenti tal-Knejjes. F'dan il-qasam hemm unità f'diversità rikonċiljata" (ApC448).[82]

Inħarsu 'l quddiem: L-Evanġelju u l-Knisja

211. Barra li joffri lill-Kattoliċi mod kif jifhmu aħjar it-teoloġija ta' Luteru, id-djalogu ekumeniku jagħti lil-Luterani u lill-Kattoliċi, flimkien ma' tiftix storiku u teoloġiku, mod li jifhmu aħjar b'mod reċiproku d-duttrini ta' xulxin, il-punti ewlenin li fuqhom hemm qbil kif ukoll dwar il-kwistjonijiet li għadhom jeħtieġu jiġu diskussi. It-tema tal-Knisja kien argument importanti f'dawn id-diskussjonijiet.

212. In-natura tal-Knisja kienet tema li dwarha saru diskussjonijiet fi żmien ir-Riforma. Il-kwistjoni ewlenija kienet dwar ir-relazzjoni bejn l-azzjoni salvifika t'Alla u l-Knisja, li tirċievi u fl-istess waqt tikkomunika l-grazzja t'Alla fil-Kelma u fis-sagrament. Ir-relazzjoni bejn l-Evanġelju u l-Knisja kienet it-tema tal-ewwel fażi tad-djalogu internazzjonali Luteran-Kattoliku Ruman. Bis-saħħa tar-*Rapport ta' Malta,* kif ukoll ta' dokumenti ekumeniċi li saru wara, illum huwa possibbli nifhmu aħjar il-pożizzjoni Luterana u Kattolika u nidentifikaw kemm dak li huwa komuni kif ukoll il-kwistjonijiet li jitolbu aktar riflessjoni.

Il-Knisja fit-Tradizzjoni Luterana

213. Fit-tradizzjoni Luterana, bi Knisja wieħed jifhem "il-miġemgħa tal-qaddisin li fiha wieħed jgħallem l-Evanġelju fis-safa kollu tiegħu u jamministra sewwa s-sagramenti" (L-Istqarrija ta' Augsburg, VII). Dan ifisser li l-ħajja spiritwali għandha bħala pern il-komunità lokali miġbura madwar il-pulptu u l-artal. Dan jiġbor fih id-dimensjoni tal-Knisja universali, mill-waqt li kull komunità hija magħquda mal-oħrajn permezz tal-predikazzjoni safja u ċ-ċelebrazzjoni kif imiss tas-sagramenti, li għalihom huma mwaqqfa l-ministeri fil-Knisja. Jeħtieġ wieħed jiftakar li Luteru, fil-Katekiżmu l-Kbir tiegħu, sejjaħ il-Knisja "l-omm li tnissel u ġġorr fi ħdanha kull nisrani permezz tal-Kelma t'Alla, li l-Ispirtu s-Santu jgħarraf u jxandar ... L-Ispirtu s-Santu jibqa' mal-komunità qaddisa [*Gemeine*] jew il-poplu Nisrani sal-Aħħar Jum, isaħħaħna permezz tagħha u jużaha biex tgħallem u xxandar il-Kelma".[83]

Il-Knisja fit-Tradizzjoni Kattolika

214. It-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, f'*Lumen Gentium*, huwa essenzjali biex wieħed jifhem x'inhi l-Knisja għall-Kattoliċi. Il-Missirijiet tal-Konċilju spjegaw ir-rwol tal-Knisja fl-istorja tas-salvazzjoni f'termini ta' sagramentalità: "Il-Knisja hija fi Kristu, bħala sagrament jew sinjal u strument tal-għaqda intima ma'Alla u tal-unità tal-ġens tal-bnedmin kollu" (LG 1).

215. Kunċett fundamentali biex jispjega din is-sagramentalità tal-Knisja jinsab fin-nozzjoni ta' Misteru u jafferma r-relazzjoni li ma tistax tkun mifruda bejn l-aspetti li jidhru u dawk li ma jidhrux tal-Knisja. Il-Missirijiet tal-Konċilju għallmu: "Kristu, il-Medjatur waħdieni, waqqaf fuq din l-art il-Knisja mqaddsa tiegħu, komunità ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba, u għamilha organiżmu li jidher; huwa jieqaf il-ħin kollu magħha u permezz tagħha jxerred fuq kulħadd il-verità u l-grazzja. Is-soċjetà mogħnija b'organi ġerarkiċi u l-Ġisem Mistiku ta' Kristu, l-assemblea li tidher u l-komunità spiritwali, il-Knisja fuq l-art u l-Knisja li diġà qiegħda tgawdi l-ġid tas-sema, m'għandhomx jitqiesu bħala żewġ realtajiet differenti iżda bħala realtà waħda komplessa magħmula minn element uman u element divin" (LG 8).

Lejn kunsens

216. Fid-djalogi Luterani-Kattoliċi, ħareġ kunsens ċar dwar il-fatt li d-duttrina tal-ġustifikazzjoni u d-duttrina dwar il-Knisja jimxu flimkien. Dan il-għarfien komuni huwa miktub fid-dokument *Church and Justification* (*Il-Knisja u l-Ġustifikazzjoni*): "Il-Kattoliċi u l-Luterani flimkien jistqarru li s-salvazzjoni hija mogħtija biss minn Kristu u biss bi grazzja u milqugħa bil-fidi. Flimkien huma jitolbu fil-Kredu, u jistqarru: Nemmnu fi Knisja waħda, qaddisa, kattolika u appostolika". Kemm il-ġustifikazzjoni tal-midneb u l-Knisja huma artikli fundamentali tal-fidi" (*Church and Justification*, 4).

217. Id-dokument *Knisja u Ġustifikazzjoni* jistqarr ukoll: "Strettament, aħna ma nemmnux fil-ġustifikazzjoni u fil-Knisja, imma fil-Missier li juża ħniena u jiġborna fil-Knisja bħala poplu tiegħu; u fi Kristu li jiġġustifikana, u li l-ġisem tiegħu hu l-Knisja; u fl-Ispirtu s-Santu li jqaddisna u jgħammar fil-Knisja. Il-fidi tagħna testendi ruħha fil-ġustifikazzjoni u l-Knisja, bħala ħidma ta' Alla Trinità, li tista' tiġi milqugħa kif jixraq bil-fidi biss fih" (*Church and Justification*, 5).

218. Għalkemm id-dokumenti *Church and Justification* u *Apostolicity of the Church* taw kontribut importanti għal ċertu numru ta' kwistjonijiet li s'issa mhumiex solvuti bejn Luterani u Kattoliċi, aktar djalogi ekumeniċi huma wkoll meħtieġa dwar: ir-relazzjoni bejn il-viżibbiltà u l-inviżibbiltà tal-Knisja, ir-relazzjoni bejn il-Knisja universali u l-Knisja lokali, il-Knisja bħala sagrament, il-ħtieġa tal-ordinazzjoni sagramentali fil-ħajja tal-Knisja u l-karattru sagramentali tal-konsagrazzjoni episkopali. Diskussjoni fil-futur għandha tagħti kas ix-xogħol konsiderevoli li ġa sar dwar dawn u dokumenti oħra importanti. Din il-ħidma hija urġenti ħafna għaliex kemm il-Kattoliċi kif ukoll il-Luterani ma waqfu qatt jistqarru flimkien il-fidi fi "Knisja waħda, qaddisa, kattolika u appostolika".

Kap 5

Imsejħin għal Tifkira Flimkien

Il-Magħmudija: Il-bażi tal-għaqda u tat-tifkira flimkien

219. Il-Knisja hija l-Ġisem ta' Kristu. Kif hemm Kristu wieħed, hekk ukoll huwa għandu ġisem wieħed. Permezz tal-magħmudija, il-bnedmin isiru membri ta' dan il-ġisem.

220. Il-Konċilju Vatikan II jgħallem li dawk kollha li huma mgħammdin u jemmnu fi Kristu, imma ma jagħmlux parti mill-Knisja Kattolika Rumana, "huma ġġustifikati bil-fidi fil-magħmudija, huma ġisem wieħed ma' Kristu u għalhekk bir-raġun huma mżejna bl-isem ta' nsara u jingħarfu minn ulied il-Knisja Kattolika bħala aħwa fil-Mulej tassew" (UR 1.3).[84] L-Insara Luterani jistqarru l-istess prinċipju dwar ħuthom l-Insara Kattoliċi.

221. Mill-waqt li l-Kattoliċi u l-Luterani huma marbutin flimkien fil-ġisem ta' Kristu bħala membri tiegħu, jgħodd ħafna kliem San Pawl meta jgħid fl-Ewwel Ittra tiegħu lill-Korintin (12,26): "Jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jingħata l-ġieħ, jifirħu lkoll miegħu". Dak li jingħad għal membru tal-ġisem jgħodd ukoll għall-membri l-oħrajn kollha. Għaldaqshekk, meta l-Insara Luterani jfakkru l-ġrajjiet li wasslu għat-twaqqif partikulari tal-Knejjes tagħhom, huma ma jridux jagħmlu dan mingħajr ħuthom l-Insara Kattoliċi. Meta jfakkru flimkien il-bidu tar-Riforma, huma jkunu qed jieħdu bis-serjetà l-magħmudija tagħhom.

222. Għalkemm jemmnu li huma jagħmlu sehem mill-ġisem wieħed ta' Kristu, il-Luterani jagħmlu enfasi li l-Knisja tagħhom ma bdietx bir-Riforma jew bdiet 500 sena ilu biss. Imma huma aktar konvinti li l-Knejjes Luterani għandhom il-bidu tagħhom fil-ġrajja ta' Għid il-Ħamsin u fix-xandir tal-Evanġelju mill-Appostli. Madankollu, il-Knejjes tagħhom ħadu l-forma partikulari tagħhom mit-tagħlim u l-ħidma tar-Riformaturi. Dawn ma kinux imqanqlin mix-xewqa li jwaqqfu Knisja ġdida, u, skont il-fehma tagħhom, ma għamlux dan. Huma riedu jirriformaw il-Knisja u dan irnexxielhom iwettquh fi ħdan il-qasam li kienu jinfluwenzaw, ukoll jekk dan għamluh bi żbalji u passi foloz.

Thejjija għat-Tifkira

223. Bħala membri tal-istess ġisem, Kattoliċi u Luterani flimkien ifakkru l-ġrajjiet tal-Riforma li wasslu għall-qagħda oġġettiva li minn dak iż-żmien 'il quddiem huma għexu f'komunitajiet mifrudin, għalkemm huma kienu għadhom jagħmlu sehem mill-istess ġisem. Din hija possibbiltà impossibbli u hija għajn ta' tbatija kbira. Minħabba l-fatt li huma jagħmlu sehem mill-istess ġisem wieħed, Kattoliċi u Luterani, minkejja l-firda ta' bejniethom, jitħabtu lejn il-għan tal-kattoliċità sħiħa tal-Knisja. Din it-tensjoni għandha żewġ aspetti: il-għarfien ta' dak li huma għandhom flimkien u jgħaqqadhom ħaġa waħda u l-għarfien ta' dak li jifridhom. L-ewwel aspett huwa raġuni ta' gratitudni u ferħ waqt li t-tieni huwa motiv ta' tbatija u niket.

224. Fl-2017, meta l-Insara Luterani jiċċelebraw l-anniversarju tal-bidu tar-Riforma, huma ma jagħmlux festa tal-qasma tal-Knisja tal-Punent. Ħadd li huwa teoloġikament responsabbli ma jista' jiċċelebra l-firda tal-Insara minn xulxin.

Il-ferħ fl-Evanġelju maqsum mal-oħrajn

225. Il-Luterani huma grati f'qalbhom għal dak li Luteru u r-Riformaturi l-oħrajn tawhom: li jifhmu l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu u l-fidi fih; it-tagħrif dwar il-misteru ta' Alla wieħed fi Tliet Persun li jagħti lilu nnifsu lill-bnedmin bis-saħħa tal-grazzja u li jista' jiġi milqugħ biss meta wieħed jafda sħiħ fil-wegħda divina; fil-libertà u ċ-ċertezza li l-Evanġelju joħloq; fl-imħabba li tiġi mill-fidi u minnha hija mqajma; mit-tama fil-ħajja u fil-mewt li tiġi mill-fidi; u mill-kuntatt ħaj mal-Iskrittura Mqaddsa, mill-katekiżmi u l-innijiet li jdaħħlu l-fidi fil-ħajja. It-tifkira u t-tfakkira preżenti jżidu aktar raġunijiet għaliex għandna nkunu grati għal dan kollu. Din il-gratitudni tqanqal lill-Insara Luterani r-rieda li jiċċelebraw fl-2017.

226. Il-Luterani jagħrfu wkoll li dak li għalih qed iroddu ħajr lil Alla mhux don li huma jistgħu jżommuh għalihom biss. Huma jixtiequ jaqsmu dan id-don mal-insara l-oħrajn kollha. Għal din ir-raġuni huma jistiednu l-insara kollha jiċċelebraw magħhom. Kif ġie muri fil-kapitlu ta' qabel dan, il-Kattoliċi u l-Luterani għandhom x'jgħaqqadhom ħafna fil-fidi li jistgħu – u fil-fatt għandhom – ikunu grati flimkien, b'mod speċjali fil-jum tat-tifkira tar-Riforma.

227. Dan kollu jagħti qawwa lil dik l-ispinta li ġiet murija mill-Konċilju Vatikan II: "Jeħtieġ li l-Kattoliċi jagħrfu bil-ferħ u jistmaw il-valuri tassew insara li jinsabu fost l-aħwa mifrudin minna u li ġejjin minn wirt komuni. Huwa sewwa u ta' ġid li wieħed jagħraf l-għana ta' Kristu u l ġhemejjel ta' tjieba fil-ħajja tal-oħrajn li jagħtu xhieda għal Kristu u xi drabi jaslu wkoll biex ixerrdu demmhom għalih: għaliex Alla huwa dejjem tal-għaġeb f'dak li jagħmel u jistħoqqlu l-ammirazzjoni tagħna" (UR 4).

Raġunijiet ta' dispjaċir u lment

228. Jekk min-naħa l-waħda, it-tifkira tal-2017 iġġib ferħ u gratitudni, min-naħa l-oħra għandha tħalli wkoll spazju kemm għal-Luterani kif ukoll għall-Kattoliċi biex iġarrbu d-dispjaċir għall-falliment u n-nuqqas, il-ħtija u d-dnub fil-persuni u l-ġrajjiet li qegħdin infakkru.

229. F'din l-okkażjoni, il-Luterani ser ifakkru wkoll l-istqarrijiet ħżiena u umiljanti li Martinu Luteru għamel kontra l-Lhud. Il-Luterani jistħu minnhom u jiddeplorawhom minn qalbhom; huma waslu biex jagħrfu b'dispjaċir kbir ħafna l-persekuzzjoni kontra l-Anabattisti mwettqa minn awtoritajiet Luterani u wkoll il-fatt li Martinu Luteru u Filippu Melanchthon kienu teoloġikament favur din il-persekuzzjoni. Huma jiddeploraw l-attakki vjolenti ta' Luteru kontra l-bdiewa matul il-Gwerra tal-Bdiewa. Il-għarfien ta' dawn l-episodji mdella ta' Luteru u tar-Riforma xegħel atteġġjament kritiku u awtokritiku ta' teoloġi Luterani lejn Luteru u r-Riforma ta' Wittenberg. Ukoll jekk jaqblu xi ftit mal-kritika li Luteru għamel kontra l-papat, madankollu llum il-Luterani iwarrbu x-xebh li Luteru għamel dwar il-Papa bħala l-Antikrist.

It-talba għall-għaqda

230. Minħabba l-fatt li Ġesù Kristu qabel ma miet talab lill-Missier "biex ilkoll ikunu ħaġa waħda", hija ħaġa ċara li l-qasma fil-ġisem ta' Kristu hija kontra r-rieda tal-Mulej. Hija wkoll tmur kontra t-twissija appostolika ċara li naqraw fl-Ittra lill-Efesin (4,3-6): "Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem, ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa

għal tama waħda: Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda, Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li hu fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd". Il-qasma tal-ġisem ta' Kristu hija kuntrarja għar-rieda t'Alla.

Niżnu l-imgħoddi

231. Meta l-Kattoliċi u l-Luterani jfakkru flimkien, minn din il-perspettiva, il-kontroversji teoloġiċi u l-ġrajjiet tas-seklu sittax, huma jridu jqisu ċ-ċirkustanzi ta' dak is-seklu. Il-Luterani u l-Kattoliċi ma jistgħux jingħataw il-ħtija għal dak kollu li seħħ minħabba l-fatt li xi ġrajjiet tas-seklu sittax kienu barra mill-kontroll tagħhom. F'dak is-seklu l-konvinzjonijiet teoloġiċi u s-setgħa politika kienu spiss magħġunin flimkien. Ħafna politiċi spiss użaw ideat teoloġiċi ġenwini biex jilħqu għanijiethom, filwaqt li bosta teoloġi mexxew l-ideat teoloġiċi tagħhom b'mezzi politiċi. F'qagħda hekk komplessa minħabba ħafna fatturi, huwa diffiċli tagħti responsabbiltà għal effetti ta' azzjonijiet partikulari lil xi persuni weħidhom u li ssejħilhom ħatja tagħhom.

232. Il-firdiet tas-seklu sittax kellhom l-għeruq tagħhom fil-modi differenti li wieħed kien jifhem il-verità tal-fidi nisranija u b'mod partikulari kienu kontroversi ħafna minħabba l-fatt li kien hemm fin-nofs is-salvazzjoni. F'kull naħa, il-persuni kienu jżommu l-konvinzjonijiet tagħhom b'mod li kienu jħossu li ma jistgħux jitilquhom. Wieħed ma jistax jagħti ħtija lil min kien jimxi fuq il-kuxjenza tiegħu jew tagħha meta din tkun iffurmata fuq il-Kelma t'Alla u jkun wasal jew waslet għal konklużjoni wara studju serju flimkien ma' oħrajn.

233. Il-mod kif it-teoloġi kienu jippreżentaw il-konvinzjonijiet teoloġiċi tagħhom fil-ġlieda biex jirbħu l-opinjoni pubblika hija wkoll kwistjoni oħra. Fis-seklu sittax, il-Kattoliċi u l-Luterani mhux biss ta' spiss ma kinux jaqblu bejniethom imma wkoll kienu jippreżentaw l-avversarji tagħhom b'mod esaġerat u b'karikaturi biex juruhom ridikoli. B'mod ripetut kienu jiksru t-tmien kmandament li jipprojbixxi xhieda falza kontra l-proxxmu. Ukoll jekk xi drabi ż-żewġ naħat kienu intellettwalment korretti għal xulxin, ir-rieda tagħhom li jisimgħu n-naħa l-oħra, id-disponibilità tagħhom li jisimgħu lill-ieħor u li jieħdu bis-serjetà l-preokkupazzjonijiet tiegħu b'mod serju kienet nieqsa. Huma riedu jirribattu l-argumenti tal-avversarji tagħhom u jirbħuhom u b'mod deliberattiv, minflok isibu tarf għal soluzzjoni billi jħarsu lejn dak li kienu jaqblu fuqu, sikwit kienu jħarrxu l-konflitti. Il-preġudizzji u n-nuqqas ta' ftehim kien ikollhom rwol importanti fil-mod kif juru n-naħa l-oħra. Inbnew oppożizzjonijiet għal xulxin u dawn ġew mgħoddija lill-ġenerazzjoni ta' wara. Hawnhekk, kull naħa għandha raġun li turi d-dispjaċir u l-ilment, għall-mod li bih mexxew id-dibattiti tagħhom. Kemm il-Luterani kif ukoll il-Kattoliċi jġorru l-ħtija li jeħtieġ tiġi mistqarra fit-tifkira tal-ġrajjiet ta' 500 sena ilu.

Stqarrija Kattolika tal-ħtijiet kontra l-unità

234. Diġà fil-messaġġ tiegħu lil-Laqgħa imperjali f'Nuremberg, nhar il-25 ta' Novembru 1522, il-Papa Adrijanu VI ilmenta minn abbużi u nuqqasijiet, dnubiet u żbalji li kienu twettqu sa dakinhar u li għalihom kienu responsabbli l-awtoritajiet tal-Knisja. Ħafna wara, fis-seklu li għadda, il-Papa Pawlu VI, meta fetaħ it-Tieni Sessjoni tal-Konċilju Vatikan II, talab maħfra lil Alla u lill-"aħwa" mifruda tal-Lvant. Dan il-ġest ġie muri fil-Konċilju nnifsu, fuq kollox fid-

Digriet dwar l-Ekumeniżmu (*Unitatis redintegratio*)[85] u *fl-Istqarrija dwar ir-Relazzjonijiet tal-Knisja mar-Reliġjonijiet mhux Insara* (*Nostra aetate*).[86]

235. Fl-omelija tar-Randan għal *Jum il-Maħfra*, fl-okkażjoni tal-Ġublew tas-Sena 2000, il-Papa Ġwanni Pawlu II ukoll għaraf il-ħtijiet tal-insara u offra talb ta' maħfra.[87] Huwa kien l-ewwel wieħed li mhux sempliċement tenna l-kliem ta' ndiema tal-Papa ta' qablu Pawlu VI u tal-Padri Konċiljari fuq it-tifkiriet li jweġġgħu, imma wkoll li jagħmel xi ħaġa dwarhom. Barra dan, huwa wkoll talab dil-maħfra f'rabta mal-ministeru tal-Isqof ta' Ruma. Fl-enċiklika tiegħu *Ut unum sint* huwa semma ż-żjara li kien wettaq lill-Kunsill Ekumeniku tal-Knejjes f'Ġinevra fit-12 ta' Ġunju 1984 u jistqarr li "il-konvinzjoni Kattolika li, fil-ministeru tal-Isqof ta' Ruma, il-Knisja, b'fedeltà, żammet it-Tradizzjoni Appostolika u l-fidi tal-Missirijiet tal-Knisja, is-sinjal li jidher u jikkostitwixxi diffikultà għal ħafna Nsara oħra, li jiftakru bi tbatija ċerti ġrajjiet". Imbagħad żied jgħid: "Għal dak li tiegħu aħna responsabbli, flimkien mal-Papa ta' qabli Pawlu VI, nitlob maħfra".[88]

Stqarrija Luterana tal-ħtijiet kontra l-unità

236. Fil-Ħames Assemblea li saret f'Evian fl-1970, il-Federazzjoni Luterana Dinjija stqarret bi tweġiba għad-diskors imqanqal ħafna tal-Kardinal Jan Willebrands "li aħna, bħala Nsara u komunitajiet Luterani, aħna mħejjija nagħrfu li l-ġudizzju tar-Riformaturi fuq il-Knisja Kattolika Rumana u t-teoloġija tagħha ma kienx għalkollox ħieles minn tgħawwiġ polemiku li xi partijiet minnu twasslu sa żmienna. Aħna tassew jiddispjaċina għall-offiżi u n-nuqqas ta' ftehim li dawn l-elementi polemiċi kkawżaw lil ħutna Kattoliċi Rumani. Bi gratitudni, aħna niftakru l-istqarrija tal-Papa Pawlu VI lill-Konċilju Vatikan II li fiha huwa wera t-talba tiegħu għall-maħfra ta' kull nuqqas li wettqet il-Knisja Kattolika Rumana. Waqt li aħna flimkien mal-Insara kollha nitolbu maħfra fit-talba li l-Mulej għallimna, ejjew bil-qawwa nkomplu nużaw kliem ċar, onest u karitattiv fid-diskussjonijiet kollha tagħna".[89]

237. Il-Luterani stqarrew ukoll il-ħtijiet tagħhom fil-konfront tat-tradizzjonijiet Insara l-oħra. Fil-Ħdax-il Assemblea tagħhom li saret fi Stuttgart fl-2010, il-Federazzjoni Luterana Dinjija stqarret li l-Luterani "huma mimlija b'sens qawwi ta' dispjaċir u ndiema għall-persekuzzjoni kontra l-Anabattisti minn awtoritajiet Luterani u, b'mod speċjali, għall-fatt li r-Riformaturi Luterani kienu jaqblu b'mod teoloġiku ma' dik il-persekuzzjoni. Għalhekk, il-Federazzjoni Luterana Dinjija ... tixtieq tistqarr pubblikament is-sogħba u d-dispjaċir tagħha l-aktar profondi. B'fiduċja f'Alla, li f'Ġesù Kristu ħabbeb mill-ġdid id-dinja miegħu nnifsu, aħna nitolbu maħfra — lil Alla u lil ħutna l-Mennoniti — għall-ħsara li l-antenati tagħna tas-seklu sittax wettqu lill-Anabattisti, għax insew jew ma tawx kas din il-persekuzzjoni fis-sekli li ġew wara, u għal kull deskrizzjoni u rappreżentazzjoni mhux flokha, mhux korretta li kienet tweġġa' tal-Anabattisti u l-Mennoniti mwettqin minn awturi Luterani, kemm f'forom popolari kif ukoll dawk tal-istudjużi, sa żminijietna".[90]

Kap 6

Ħames Ħwejjeġ Ekumeniċi Meħtieġa b'Urġenza

238. Il-Kattoliċi u l-Luterani jagħrfu li huma u l-komunitajiet li fihom jgħixu l-fidi tagħhom jagħmlu sehem mill-ġisem wieħed ta' Kristu. Il-ħolqien ta' kuxjenza qed iżernaq fost il-Luterani u l-Kattoliċi li l-konflitt tas-seklu sittax għadda. Ir-raġunijiet li għalihom ikkundannaw lil xulxin dwar il-fidi tagħhom għebu. Hekk, il-Luterani u l-Kattoliċi jindikaw ħames ħtiġijiet waqt li jfakkru flimkien is-sena 2017.

239. Il-Luterani u l-Kattoliċi huma mistiedna jaħsbu fil-perspettiva tal-għaqda tal-ġisem ta' Kristu u jfittxu kull mezz li jista' juri u jesprimi din l-għaqda u li jaqdi l-komunità tal-ġisem ta' Kristu. Permezz tal-magħmudija huma jagħrfu lilhom infushom b'mod reċiproku bħala Nsara. Dan l-orjentament jitlob konverżjoni bla ma taqta' tal-qalb.

L-Ewwel Ħaġa Meħtieġa b'Urġenza: Il-Kattoliċi u l-Luterani għandhom jibdew dejjem mill-perspettiva tal-għaqda u mhux mill-aspett tal-firda biex hekk isaħħu dak li jżommu flimkien ukoll jekk id-differenzi jidhru u jinħassu aktar faċilment.

240. Fil-mixja tal-istorja, il-konfessjonijiet Kattoliċi u l-Luterani għarfu lilhom infushom kontra xulxin u batew minn din il-parzjalità u l-unilateralità li waslu sal-lum meta qegħdin jitħabtu quddiem ċerti problemi bħalma hija dik dwar l-awtorità. Minħabba l-fatt li l-problemi bdew mill-konflitt reċiproku, dawn il-problemi jistgħu jiġu solvuti – jew għallinqas jiġu diskussi – biss permezz ta' sforzi komuni sabiex jidħlu aktar fil-fond tal-għaqda bejniethom u jsaħħuha. Il-Kattoliċi u l-Luterani jeħtieġu l-esperjenza, l-inkuraġġiment u l-kritika ta' xulxin.

It-Tieni Ħaġa Meħtieġa b'Urġenza: Il-Luterani u l-Kattoliċi jeħtiġilhom iħallu lilhom infushom jinbidlu kontinwament permezz tal-laqgħat bejniethom u bix-xhieda reċiproka tal-fidi.

241. Il-Kattoliċi u l-Luterani tgħallmu ħafna permezz tad-djalogu u waslu biex japprezzaw il-fatt li l-komunjoni bejniethom jista' jkollha forom u gradi differenti. Dwar l-2017, huma għandhom iġeddu bi gratitudni l-impenn tagħhom għal dak kollu li ġa twettaq, bis-sabar u l-perseveranza, għaliex it-triq tista' tkun itwal milli seta' kien maħsub; dan għandu jitwettaq bil-ħeġġa li ma tħallix li wieħed ikun sodisfatt bil-qagħda tal-lum, bl-imħabba lejn xulxin ukoll f'waqtiet meta ma jkunx hemm qbil jew ikun hemm konflitt, b'fidi fl-Ispirtu s-Santu, bit-tama li l-Ispirtu jwettaq it-talba ta' Ġesù lill-Missier, u bit-talba mħeġġa li din tista' titwettaq.

It-Tielet Ħaġa Meħtieġa b'Urġenza: Il-Kattoliċi u l-Luterani għandhom mill-ġdid jimpenjaw lilhom infushom biex ifittxu għaqda li tidher, biex ifasslu flimkien pjan li jfisser dan f'passi konkreti, u li jistinkaw bla ma jaqtgħu lejn dan il-għan.

242. Il-Kattoliċi u l-Luterani huma fid-dmir li jxandru mill-ġdid lil ħuthom fil-fidi il-fehma tal-Evanġelju u l-fidi nisranija kif ukoll it-tradizzjonijiet tal-Knisja fis-sekli ta' qabel. L-isfida tagħhom hija li ma jħallux dan il-qari mill-ġdid tat-tradizzjoni jaqa' lura fil-kuntrasti konfessjonali tal-imgħoddi.

Ir-Raba' Ħaġa Meħtieġa b'Urġenza: Il-Luterani u l-Kattoliċi għandhom flimkien jiskopru mill-ġdid il-qawwa tal-Evanġelju ta' Ġesù Kristu għal żmienna.

243. L-impenn ekumeniku għall-għaqda tal-Knisja ma jservix biss għall-Knisja imma wkoll għad-dinja sabiex id-dinja temmen. Id-dmir missjunarju tal-ekumeniżmu jkompli jikber aktar ma s-soċjetajiet tagħna jsiru pluralistiċi f'dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjon. U f'dan il-każ huma meħtieġa għal darb'oħra ħsieb ġdid u *metanoia* (konverżjoni).

Il-Ħames Ħaġa Meħtieġa b'Urġenza: Il-Kattoliċi u l-Luterani għandhom jagħtu xhieda flimkien tal-ħniena t'Alla fix-xandir tal-Evanġelju u fil-qadi lid-dinja.

244. Il-mixja ekumenika tippermetti lil-Luterani u lill-Kattoliċi li flimkien japprezzaw l-intwizzjonijiet u l-esperjenza spiritwali ta' Martinu Luteru f'dak li għandu x'jaqsam mal-Evanġelju u mal-ġustizzja t'Alla, li hija wkoll ħniena t'Alla. Fid-daħla tal-opri tiegħu bil-Latin, fl-1545, huwa jinnota li "waqt li lejl u nhar kont nimmedita, ġejt immexxi mill-ħniena t'Alla" biex jifhem b'mod ġdid il-kliem fl-Ittra lir-Rumani (1,17): "Hawn ħassejt li jien kont twelidt għalkollox mill-ġdid u dħalt il-ġenna nfisha minn bibien miftuħa beraħ. L-Iskrittura kollha f'daqqa waħda kisbet għalija wiċċ ġdid... Wara qrajt *L-Ispirtu u l-Ittra* ta' Santu Wistin fejn skoprejt, kontra kulma ttamajt, li huwa wkoll interpreta l-ġustizzja t'Alla bl-istess mod bħala l-ġustizzja li biha Alla jlibbisna meta huwa jiġġustifikana". [91]

245. Is-snin tal-bidu tar-Riforma jkunu mfakkra sewwa meta l-Luterani u l-Kattoliċi jisimgħu flimkien l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu u jħallu lilhom infushom ikunu msejħin mill-ġdid biex ikunu f'komunità flimkien mal-Mulej. Imbagħad huma jkunu magħqudin f'missjoni komuni li d-*Dikjarazzjoni Flimkien dwar id-Duttrina tal-Ġustifikazzjoni* hekk tiddeskrivi : "Il-Luterani u l-Kattoliċi jaqsmu flimkien il-għan li jistqarru f'kull ħaġa 'l Kristu li fih biss iqegħdu kull fiduċja, għaliex huwa l-Medjatur waħdieni (1Tim 2,5s) u li permezz tiegħu fl-Ispirtu s-Santu Alla jagħti lilu nnifsu u jsawwab id-doni tiegħu li jġeddu kollox" (JDDJ 18).

Kliem Imqassar

AAS	*Acta Apostolicae Sedis*
ApC	*The Apostolicity of the Church: Study Document of the Lutheran-Roman Catholic Commission on Unity (2006)*
Apol	*Apology of the Augsburg Confession (1530)*
AS	Smalcald Articles (1537)
BC	The Book of Concord: The Confessions of the Evangelical Lutheran Church
BSLK	Die Bekenntnisschriften der evangelisch-lutherischen Kirche (Göttingen, 1930; 10th ed. 1986)
CA	Augsburg Confession
CD	Digriet tal-Konċ. Vat. II dwar l-Uffiċċju Pastorali tal-Isqfijiet *Christus Dominus*
DH	H. Denzinger and P. Hünermann (eds), Enchiridion symbolorum definitionum et declarationum de rebus fidei et morum (Freiburg, 2001)
DHum	Dikjarazzjoni tal-Konċ. Vat. II dwar il-Libertà Reliġjuża *Dignitatis humanae*
DV	Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċ. Vat. II dwar ir-Rivelazzjoni Divina *Dei Verbum*
Epit	Epitome (Formula of Concord)
Eucharist	The Eucharist: Final Report of the Joint Roman Catholic-Lutheran Commission (1978)
FC	Formula of Concord (1577)
JDDJ	Joint Declaration on the Doctrine of Justification (1999)
LC	M. Luther, Large Catechism (1529)
LG	Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċ. Vat. II dwar il-Knisja *Lumen Gentium*
LW	Luther's Works, American Edition, ed. J. Pelikan and H. T. Lehmann, 54 vols (Philadelphia and St. Louis, 1955–1986)
LWF	The Lutheran World Federation
Ministry	Ministry in the Church, Lutheran-Roman Catholic Conversation, 1981
NA	Stqarrija tal-Konċ. Vat. II dwar ir-Relazzjonijiet tal-Knisja mar-Reliġjonijiet mhux Insara *Nostra Aetate*
PO	Digriet tal-Konċ. Vat. II dwar il-Ministeru u l-Ħajja tal-Presbiteri *Presbyterorum Ordinis*
NA	Stqarrija tal-Konċ. Vat. II dwar ir-Relazzjonijiet tal-Knisja mar-Reliġjonijiet mhux Insara *Nostra aetate*
SC	Kostituzzjoni tal-Konċ. Vat. II dwar il-Liturġija *Sacrosanctum Concilium*
SmC	M. Luther, Small Catechism (1529)
STh	Thomas Aquinas, Summa Theologiae, Latin/Engl., Blackfriars (London and New York, 1963)
UR	Digriet tal-Konċ. Vat. II dwar l-Ekumeniżmu *Unitatis redintegratio*
WA	M. Luther, Werke (Weimar, 1883ff.) (Weimarer Ausgabe)
WAB	D. Martin Luthers Werke–Briefwechsel (Weimar, 1930ff.)

Stqarrijiet Komuni tal-Kummissjoni Luterana-Kattolika Rumana

Phase I (1967–1972) *The Gospel and the Church* (Malta Report – 1972)

Phase II (1973–1984) *The Eucharist* (1978)
All Under One Christ (1980)
Ways to Community (1980)
The Ministry in the Church (1981)
Martin Luther – Witness to Christ (1983)
Facing Unity – Models, Forms and Phases of Catholic-Lutheran Church Fellowship (1984)

Phase III (1986–1993) *Church and Justification* (1993)

Phase IV (1995–2006)
The Apostolicity of the Church (2006)
Joint Declaration on the Doctrine of Justification signed by representatives of the Catholic Church and the Lutheran World Federation, 31 October 1999.

Lutheran-Roman Catholic Commission on Unity
Lutherans:

Members
Bishop emeritus Dr. Eero Huovinen (Co-Chair), Finland
Rev. Prof. Dr Wanda Deifelt, Brazil
Dr Sandra Gintere, Latvia
Prof. Dr Turid Karlsen Seim, Norway
Rev. Dr Fidon R. Mwombeki, Tanzania
Prof. Dr Friederike Nüssel, Germany
Prof. Dr Michael Root, USA (2009)
Rev. Prof. Dr Hiroshi Augustine Suzuki, Japan
Rev. Prof. Dr Ronald F. Thiemann, USA (2010–)

Consultant
Rev. Prof. Dr Theodor Dieter, Institute for Ecumenical Research, Strasbourg

Staff
(*The Lutheran World Federation*)
Prof. Dr Kathryn L. Johnson, Co-Secretary

Roman Catholics:

Members
Bishop Prof. Dr Gerhard Ludwig Müller (Co-Chair), Germany (2009–2012)
Bishop Prof. Dr Kurt Koch, Switzerland (2009)
Auxiliary Bishop Prof. Dr Karlheinz Diez, Germany (2012–)
Rev. Prof. Dr Michel Fédou, S.J., France

Rev. Prof. Dr Angelo Maffeis, Italy
Prof. Dr Thomas Söding, Germany
Prof. Dr Christian D. Washburn, USA
Prof. Dr Susan K. Wood, SCL, USA

Consultants
Prof. Dr Eva-Maria Faber, Switzerland
Prof. Dr Wolfgang Thönissen, Johann-Adam-Möhler-Institut für Ökumenik, Germany

Staff
(*Pontifical Council for Promoting Christian Unity*)
Mons. Dr Matthias Türk, Co-Secretary

Noti għat-Test tad-Dokument

1. Roman Catholic/Lutheran Joint Commission, "All Under One Christ: Statement on the Augsburg Confession 1980," in Harding Meyer and Lucas Visher (eds), *Growth in Agreement I*: *Reports and Agreed Statements of Ecumenical Conversations on a World Level, 1972–1982* (Geneva: World Council of Churches, 1984), 241–47.

2. Roman Catholic/Lutheran Joint Commission, "Martin Luther: Witness to Jesus Christ" I.1, in Jeffrey Gros, FSC, Harding Meyer and William G. Rusch (eds), *Growth in Agreement II: Reports and Agreed Statements of Ecumenical Conversations on a World Level, 1982–1998* (Geneva: WCC Publications, 2000), 438.

3. Karl Lehmann and Wolfhart Pannenberg (eds), *Condemnations of the Reformation Era: Do They Still Divide?* tr. Margaret Kohl (Minneapolis, MN: Fortress, 1990).

4. The Lutheran World Federation and the Roman Catholic Church, *Joint Declaration on the Doctrine of Justification* (Grand Rapids, Michigan/Cambridge, U. K.: William B. Eerdmans, 2000). Originally published as *Gemeinsame Erklärung zur Rechtfertigungslehre* (Frankfurt am Main: Verlag Otto Lembeck/ Paderborn: Bonifatius-Verlag, 1999).

5. H. George Anderson, T. Austin Murphy, Joseph A. Burgess (eds), *Justification by Faith*, Lutherans and Catholics in Dialogue VII (Minneapolis, MN: Augsburg Publishing House, 1985).

6. *Unitatis Redintegratio,* UR (Digriet tal-Konċ. Vat. II dwar l-Ekumeniżmu)

7. Jan Willebrands, "Lecture to the 5th Assembly of the Lutheran World Federation, on July 15, 1970," in *La Documentation Catholique* (6 September 1970), 766; John Paul II, "Letter to Cardinal Willebrands for the Fifth Centenary of the Birth of Martin Luther," in *Information Service*, no. 52 (1983/II), 83–84.

8. Benedict XVI, "Address," Meeting with the Council of the Evangelical Church in Germany, September 23, 2011, at www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/speeches/2011/september/documents/ hf_ben-xvi_spe_20110923_evangelical-church-erfurt_en.html; translation altered.

9. Council of Constance, session 3, 26 March 1415.

10. See The Lutheran World Federation and Pontifical Council for Promoting Christian Unity, *The Apostolicity of the Church: Study Document of the Lutheran–Roman Catholic Commission on Unity* (Minneapolis, MN: Lutheran University Press, 2006), 92, n.8. [= *ApC*].

11. Martin Luther, "Explanations of the Ninety-Five Theses," tr. Carl W. Folkemer, in Helmut T. Lehmann and Jaroslav Pelikan (eds), *Luther's Works*, American Edition, 55 vols, (Philadelphia and St. Louis, 1955–1986), 31:250. (=*LW*); *WA* 1, 62, 27–31.

12. Luther, “To the Christian Nobility of the German Nation concerning the Reform of the Christian Estate,” tr. Charles M. Jacobs, rev. James Atkinson, in *LW* 44:127; *WA* 6, 407, 1.

13. Leo X, *Cum postquam*, 9 November 1518, DH 1448, cf. 1467 and 2641.

14. Peter Fabisch and Erwin Iserloh (eds), *Exsurge Domine* in *Dokumente zur Causa Lutheri (1517-1521),* vol. 2 (Münster: Aschendorffsche, 1991), 366; *Exsurge Domine*, DH 1467-1472, also at www.ewtn.com/library/papaldoc/l10exdom.htm.

15. Ibid., 368.

16. Luther, “Luther at the Diet of Worms,” tr. Roger A. Hornsby, in *LW* 32:112–3. For “Words” in place of Word, see *WA* 8, 838, 7; for omission of “I cannot do otherwise, here I stand” (cf. *WA* 8, 838, 9), see 113, n. 2: “These words are given in German in the Latin text upon which this translation is based,” but “there is good evidence” that Luther did not say them.

17. Fritz Reuter (ed.), *Der Reichstag zu Worms von 1521: Reichspolitik und Luthersache*, vol. 2 (Köln and Wien: Böhlau, 1981), 226–29; see also *LW* 32, 114–15, n. 9.

18. “The Augsburg Confession,” Latin text, in Robert Kolb and Timothy J. Wengert (eds), *The Book of Concord: The Confessions of the Evangelical Lutheran Church* (Minneapolis, MN: Fortress, 2000), 59.

19. Ibid. 29.

20. Council of Trent, Fourth Session, 8 April 1546, Decree Concerning the Canonical Scriptures.

21. Ibid.

22 Ibid., Decree Concerning the Edition and Use of the Sacred Books.

23. Council of Trent, Sixth Session, 13 January 1547, chapter VII.

24. Ibid.

25. Ibid., chapter VIII.

26. Ibid., chapters XIV-XV.

27. Ibid., chapter XVI.

28. Council of Trent, Seventh Session, 3 March 1547, Foreword.

29. Council of Trent, Twenty-first Session, 16 July 1562, chapter III, can. 2.

30. Council of Trent, Twenty-second Session, 17 September 1562, chapter II, can. 3.

31 Council of Trent, Twenty-third Session, 15 July 1563, chapters III and IV.

32. Luther, "Letter to John Lang, Wittenberg, 18 May 1517," tr. Gottfried Krodel, in *LW* 48:44; *WAB* 1; 99, 8.

33. Luther, 'Heidelberg Disputation," tr. Harold J. Grimm, in *LW* 31:39; *WA* 1; 353, 14.

34. *WA* TR 1; 245, 12.

35. Luther, "Letter to Elector John Frederick, 25 March 1545," quoted in Heiko Obermann, *Luther: Man between God and the Devil*, tr. Eileen Walliser-Schwarzbart (New Haven & London: Yale University Press, 1989), 152; *WAB* 11, 67, 7f; *WAB* 11, 67, 7f

36. "God will not deny his grace to the one who is doing what is in him.".

37. *WA* 40/II; 229, 15.

38. Luther, "Disputation against Scholastic Theology (1517)", tr. Harold J. Grimm, *LW* 31:13; *WA* 1, 227, 17–18.

39. Luther, "The Small Catechism," in *BC*, 351-54.

40. Council of Trent, Sixth Session, 13 January 1547, can. 1.

41. Luther, "Smalcald Articles," in *BC*, 301.

42. *WA* 39/1, 2–3, 205.

43. The Lutheran World Federation and the Roman Catholic Church, *Joint Declaration on the Doctrine of Justification* (Grand Rapids, MI., Cambridge: Eerdmans, 2000) [=*JDDJ*]. See note 4.

44. Ibid., Official Common Statement by the Lutheran World Federation and the Roman Catholic Church, 43ff.

45. *JDDJ*, Annex 2C, quoting "The Formula of Concord, Solid Declaration," II. 64f., in *BC*, 556.

46. The Fourth Lateran General Council, Symbol of Lateran (1215), DH 802.

47. Luther had instructed the Lutheran pastor Simon Wolferinus not to mix leftover consecrated eucharistic elements with consecrated ones. Luther told him to "do what we do here [i.e., in Wittenberg], namely, to eat and drink the remains of the Sacrament with the communicants so that it is not necessary to raise the scandalous and dangerous questions about when the action of the Sacrament ends" (*Luthers Werke—Weimarer Ausgabe, Briefweschel*, X: 348f.).

48. Council of Trent, Thirteenth Session, 11 October 1551, Chapter IV.

49 Ibid., Chapter II.

50 Cf. “Apology of the Augsburg Confession” X, in *BC* 184–85.

51 *Growth in Agreement* I, 190–214.

52 Council of Trent, op. cit. (note 23), citing the *Condemnations of the Reformation Era*.

53 The English translation confuses this sentence; refer to the German original, in H. Meyer, H. J. Urban and L. Vischer (eds), *Dokumente wachsender Űbereinstimmung: Sämtliche Berichte und Konsenstexte interkonfessioneller Gespräche auf Weltebene 1931–1982* (Paderborn: Bonifatius and Frankfurt: Lembeck, 1983), 287.

54. Condemnations of the Reformation Era, 3.II.1.2, 86. See note 3.

55. Ibid., 3.II.1.4, 88.

56. Luther, “Freedom of a Christian,” tr. W. A. Lambert, rev. Harold J. Grimm, in *LW* 31:354; *WA* 7; 27, 17–21.

57. Luther, “Christian Nobility,” in *LW* 44:127; *WA* 6; 407, 22f.

58. Luther, “Psalm 82,” tr. C. M. Jacobs, in *LW* 13:65; *WA* 31/1; 211, 17–20.

59. Gratian, *Decr*. 2.12.1.7.

60. Luther, “To the Christian Nobility,” tr. C. M. Jacobs, rev. J. Atkinson, in *LW* 44, *WA* 6; 441, 24f.

61. Luther, “A Sermon on Keeping Children in School,” tr. Charles M. Jacobs, rev. Robert C. Schulz, in *LW* 46:219–20; *WA* 30/2; 526, 34; 527, 14–21; 528, 18f., 25–27.

62. See the Wittenberger Ordinationszeugnisse, in *WABr*12, 447–85.

63. *WA* 38 423, 21–25.

64 Apology XIII, “On the Number and Use of the Sacraments” 7, in *BC*, 220.

65 Peter Lombard, *Sent.* IV, dist. 24, cap.12.

66 Philip Melanchthon quoted Jerome’s letter in his “De potestate et primatu papae tractatus,” in *BC*, 340. See also *WA* 2; 230, 17–9; Jerome, “Letter 146 to Evangelus,” in J.-P. Migne (ed.), *Patrologia Latina* XXII (Paris, 1845), 1192–95; “Decretum Gratiani,” pars 1, dist. 93, in E. Friedberg (ed.), *Corpus Iuris Canonici* (Graz, 1955), 327–29.

67. Melanchthon, “Consilium de moderandis controversiis religionis,” in C. G. Bretschneider (ed.), *Corpus Reformatorum*, vol. II (Halle: C. A. Schwetschke, 1895), 745f.; 1535).

68. Citing Melanchthon, Treatise on the Power and Primacy of the Pope, *BC*, 340: *BSLK*, 489, 30–35.

69. In 2007, the LWF Council adopted “Episcopal Ministry within the Apostolicity of the Church: The Lund Statement of the Lutheran World Federation – A Communion of Churches.” While “not intended to be a magisterial document,” the text seeks to clarify for the Lutheran Communion a number of questions concerning *episkopé*, with attention both to Lutheran tradition and to the fruits of ecumenical engagements. See www.lutheranworld.org/lwf/index.php/affirms-historic-statement-on- episcopal-ministry.html.

70. See Randall Lee and Jeffrey Gros, FSC (eds), *The Church as Koinonia of Salvation: Its Structures and Ministries* (Washington, D.C.: United States Conference of Catholic Bishops, 2005), 49–50, §§107–109.

71. These questions have also been explored by the Őkumenischer Arbeitskreis evangelischer und katholischer Theologen; their work has been collected in *Das kirchliche Amt in apostolischer Nachfolge*, 3 vols (Freiburg: Herder and Göttingen: Vandenhoeck & Ruprecht, 2004, 2006, 2008).

72. Sylvester Prierias, “Dialogue de potestate papae,” in P. Fabisch and E. Iserloh (eds), *Dokumente zur Causa Lutheri (1517-1521)*, vol. I, (Münster: Aschendorff, 1988), 55.

73. John Eck, “Enchiridion locorum communium adversus Lutherum et alios hostes ecclesiae (1525–1543),” in P. Fraenkel (ed.), *Corpus Catholicorum* 34 (Münster: Ascendorff, 1979), 27.

74. See *WA* 7; 97, 16–98, 16.

75. *WA* 10/1, 1; 232, 13–14.

76. Luther, “Preface to the Wittenberg edition of Luther’s German writings (1539),” tr. Robert R. Heitner, in *LW* 34:285; *WA* 50; 559, 5–660, 16.

77. Luther, “First Lectures on the Psalms,” tr. Herbert J. A. Bouman, in *LW* 10:332; *WA* 3; 397, 9–11).

78. Luther, “Bondage of the Will,” tr. Philip S. Watson with Benjamin Drewery, in *LW* 33:26; *WA* 18; 606, 29.

79. *WA* 10/2; 92, 4–7.

80. Melchior Cano, *De locis theologis*, Book 1, chap. 3 (Migne, *Theologiae cursus computus* 1 [Paris, 1837]), col. 82.

81. DV, Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċ. Vat. II dwar ir-Rivelazzjoni Divina *Dei Verbum*, 21.

82. These issues also have been explored in Germany by the Ökumenischer Arbeitskreis evangelischer und katholischer Theologen; their work is available in W. Pannenberg and Th. Schneider (eds), *Verbindliches Zeugnis*, 3 vols (Freiburg: Herder and Göttingen: Vandenhoeck & Ruprecht, 1992, 1995, 1998).

83. Luther, "Large Catechism," in *BC*, 436–38 (translation altered); *BSLK* 665, 3–6; 667, 42–46.

84. UR, Digriet tal-Konċ. Vat. II dwar l-Ekumeniżmu *Unitatis Redintegatio*, 1.3

85. UR, Digriet tal-Konċ. Vat. II dwar l-Ekumeniżmu *Unitatis redintegratio*, 7: *"Għalhekk bl-umiltà kollha nitolbu maħfra 'l Alla u lill-aħwa mifrudin, bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina"*.

86. NA, Stqarrija dwar ir-Relazzjonijiet tal-Knisja mar-Reliġjonijiet mhux Insara *Nostra aetate*, 4: *"Barra hekk, il-Knisja li tikkundanna l-persekuzzjonijiet kontra kull bniedem, waqt li tiftakar il-wirt komuni li għandha mal-Lhud, u mqanqla mhux minn xi raġunijiet politiċi iżda biss mill-karità reliġjuża u evanġelika, tiddeplora l-mibegħda, il-persekuzzjonijiet u kull manifestazzjoni ta' antisemitiżmu kontra l-Lhud ta' kull żmien, kien min kien li ppersegwitahom".*

87. John Paul II, "Day of Pardon," 12 March 2000, at www.vatican.va/holy_father/john_paul_ii/homilies/2000/documents/hf_jp-ii_hom_20000312_pardon_en.html.

88. Ara Bullettin tal-Arċidjoċesi u Liturġija tal-Kelma 86 (Settembru 1995), 481-482.

89. Jan Willebrands, "Lecture to the 5th Assembly of the Lutheran World Federation, on 15 July 1970," in *La Documentation Catholique* (6 September 1970), 766.

90. "Action on the Legacy of Lutheran Persecution of Anabaptists," at www.lwf-assembly.org/uploads/media/Mennonite_Statement-EN_04.pdf.

91 Luther, "Preface to the Complete Edition of Luther's Latin Writings," tr. Lewis W. Spitz, Sr., in *LW* 34:337; *WA* 54; 186, 3.8–10.16–18

Appendiċi

Omelija ta' Papa Franġisku
Waqt Talb Ekumeniku Komuni
Fil-Katidral ta' Lund, fl-Iżvezja
31 ta' Ottubru 2016

"Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom" (Ġw 15,4). Dawn il-kelmiet, imlissna minn Ġesù fil-kuntest tal-Aħħar Ċena, jiġbduna lejn il-qalb ta' Kristu ftit qabel l-għotja sħiħa tiegħu fuq is-salib. Nistgħu nħossu t-taħbitiet ta' mħabbtu għalina u x-xewqa tiegħu li dawk kollha li jemmnu fih ikunu ħaġa waħda bejniethom. Qed jgħidilna li hu d-dielja vera u aħna l-friegħi; u li, kif hu ħaġa waħda mal-Missier, hekk aħna jeħtieġ nibqgħu magħqudin fih, jekk irridu nagħmlu l-frott.

F'din il-laqgħa ta' talb, hawn f'Lund, nixtiequ nuru x-xewqa komuni tagħna li nibqgħu ħaġa waħda fih biex ikollna l-ħajja. Nitolbuh: "Mulej, bil-grazzja tiegħek għinna nkunu iktar magħqudin miegħek biex flimkien nagħtu xhieda iżjed qawwija ta' fidi, tama u mħabba". Hu wkoll il-mument li rroddu ħajr lil Alla għall-ħidma ta' tant aħwa, ta' bosta komunitajiet ekkleżjali, li ma rrassenjawx ruħhom għall-firda, imma żammew mixgħula t-tama tar-rikonċiljazzjoni bejn dawk kollha li jemmnu f'Mulej wieħed.

Kattoliċi u Luterani bdejna mexjin flimkien fit-triq tar-rikonċiljazzjoni. Issa, fil-kuntest tal-koemmemorazzjoni komuni tar-Riforma tal-1517, għandna opportunità ġdida li nilqgħu din il-mixja komuni, li ħadet sura fl-aħħar ħamsin sena fid-djalogu ekumeniku bejn il-Federazzjoni Luterana Dinjija u l-Knisja Kattolika. Ma nistgħux nirrassenjaw ruħna għall-firda u għad-distanza li l-firda ħolqot bejnietna. Għandna l-possibbiltà li nsewwu mument kruċjali tal-istorja tagħna, negħlbu l-kontroversji u n-nuqqas ta' ftehim li spiss żammewna milli nifhmu lil xulxin.

Ġesù jgħidilna li l-Missier hu *sid id-dielja* (ara v.1), li jieħu ħsiebha u jiżborha biex tagħti l-frott (ara v.2). Il-Missier il-ħin kollu ħsiebu fir-relazzjoni tagħna ma' Ġesù, biex jara jekk aħniex tassew magħqudin miegħu (ara v.4). Iħares fuqna, u b'ħarstu kollha mħabba jagħmlilna l-qalb biex insaffu l-imgħoddi tagħna u llum nitħabtu biex inwettqu dak il-ġejjieni ta' għaqda li tant jixtieq għalina.

Aħna wkoll għandna nħarsu bi mħabba u onestà lejn l-imgħoddi tagħna u nagħrfu l-iżbalji li għamilna u nitolbu maħfra għalihom: Alla waħdu hu l-imħallef tagħna. Bl-istess onestà u mħabba rridu nagħrfu li l-firda ta' bejnietna kienet qed tbegħidna mill-intuwizzjoni oriġinarja tal-poplu ta' Alla, li b'mod naturali jixxennaq biex jibqa' magħqud, u ġiet imġebbda fl-istorja minn bnedmin ta' poter ta' din id-dinja iktar milli b'rieda tal-poplu fidil, li dejjem u kullimkien għandu bżonn jitmexxa biċ-ċertezza u l-ħlewwa tar-Ragħaj it-Tajjeb tiegħu. Madankollu, miż-żewġ naħat kien hemm rieda sinċiera li jistqarru u jħarsu l-fidi vera, imma konxji wkoll li aħna magħluqin fina nfusna minħabba fil-biża' jew il-preġudizzju lejn il-fidi li jistqarru l-oħrajn b'aċċent u lingwaġġ differenti minn tagħna. Il-Papa Ġwanni Pawlu II qal: "M'għandniex inħallu jmexxina l-ħsieb li nogħlew 'il fuq qisna konna l-imħallfin tal-istorja, imma biss dak li nifhmu aħjar il-ġrajjiet u li nwasslu l-verità" (*Messaġġ lill-Kardinal Johannes Willebrands*, President tas-Segretarjat għall-Għaqda tal-Insara, 31 ta' Ottubru 1983). Alla hu sid id-dielja, u bi mħabba tal-għaġeb isaqqiha u jħarisha; inħallu l-ħarsa ta' Alla tqanqalna; l-unika ħaġa li hu

jixtieq hi li nibqgħu magħqudin bħal friegħi ħajja ma' Ibnu Ġesù. B'din il-ħarsa ġdida lejn l-imgħoddi m'aħniex nippretendu li nistgħu nwettqu korrezzjoni impossibbli ta' dak li seħħ, imma li "nirrakkontaw din l-istorja b'mod differenti" (Kummissjoni Luterana-Kattolika Rumana għall-għaqda, *Mill-Konflitt għall-Komunjoni*, 17 ta' Ġunju 2013, 16).

Ġesù jfakkarna: "Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (Ġw 15,5). Hu dak li jweżinna u jinkuraġġina nfittxu l-modi biex din l-għaqda nagħmluha realtà dejjem iżjed evidenti. Bla dubju ta' xejn il-firda kienet għajn kbir ta' tbatija u ta' tilwim; imma fl-istess waqt wasslitna biex b'sinċerità nagħrfu li mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn, u tatna l-possibbiltà li nifhmu aħjar ċerti aspetti tal-fidi tagħna. Bi gratitudni nagħrfu li r-Riforma kellha sehem kbir biex l-Iskrittura Mqaddsa tqiegħdet iktar fiċ-ċentru tal-ħajja tal-Knisja. Bis-smigħ komuni tal-Kelma ta' Alla fl-Iskrittura, id-djalogu bejn il-Knisja Kattolika u l-Federazzjoni Luterana Dinjija, li tiegħu qed niċċelebraw il-ħamsin anniversarju, medd passi importanti. Nitolbu lill-Mulej li l-Kelma tiegħu żżommna magħquda, għax hi għajn ta' ġid u ta' ħajja; mingħajr it-tnebbiħ tagħha ma nistgħu nagħmlu xejn.

L-esperjenza spiritwali ta' Martinu Luteru tisfidana u tfakkarna li mingħajr Alla ma nistgħu nagħmlu xejn. "Kif jista' jkolli Alla ħanin?". Din hi l-mistoqsija li l-ħin kollu kienet tħabbat lil Luteru. Fil-fatt, il-kwistjoni tar-relazzjoni tajba ma' Alla hi l-kwistjoni deċiżiva tal-ħajja. Kif hu magħruf, Luteru skopra lil dan Alla ħanin fil-Bxara t-Tajba ta' Ġesù Kristu inkarnat, mejjet u rxoxt. Il-kunċett ta' *"bil-grazzja ta' Alla waħdu"* jfakkarna li hu dejjem Alla li jieħu l-inizjattiva u li hu jkun hemm qabel kull tweġiba umana, fl-istess mument li fih ifittex iqanqal din it-tweġiba. Għalhekk id-duttrina tal-ġustifikazzjoni tesprimi l-essenza tal-ħajja tal-bniedem quddiem Alla.

Ġesù jidħol għalina bħala medjatur quddiem il-Missier, u jitolbu għall-għaqda tad-dixxipli tiegħu "biex id-dinja temmen" (Ġw 17,21). Dan hu li jfarraġna u jwassalna biex ningħaqdu ma' Ġesù biex nitolbu bil-ħeġġa: "Agħtina d-don tal-għaqda biex id-dinja temmen fil-qawwa tal-ħniena tiegħek". Din hi x-xhieda li d-dinja qed tistenna minna. Bħala Nsara nkunu xhieda kredibbli tal-ħniena skont kemm il-maħfra, it-tiġdid u r-rikonċiljazzjoni jkunu esperjenza tal-ħajja ta' kuljum bejnietna. Flimkien nistgħu nxandru u nuru konkretement u bil-ferħ il-ħniena ta' Alla, waqt li nħarsu u naqdu d-dinjità ta' kull persuna. Mingħajr dan is-servizz lid-dinja u fid-dinja, il-fidi Nisranija tibqa' mhix sħiħa.

Luterani u Kattoliċi, nitolbu flimkien f'dan il-Katidral, konxji li mingħajr Alla ma nistgħu nagħmlu xejn; nitolbu l-għajnuna tiegħu biex inkunu membri ħajjin magħqudin miegħu, dejjem fil-bżonn tal-grazzja tiegħu biex nistgħu flimkien inwasslu l-Kelma tiegħu lid-dinja, li teħtieġ il-ħlewwa u l-ħniena tiegħu.

Meħud mis-sit elettroniku www.laikos.org
Miġjub mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard